ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 39

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 57**

**8 ta' Frar 2014**

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 118/2014 tat-30 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1560/2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz** ............... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 119/2014 tas-7 ta' Frar 2014 li jemenda d-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ħmira arrikkita bil-kromu użata għall-manifattura ta' supplimenti tal-ikel, u l-lattat tal-kromu (III) triidrat miżjud mal-ikel** ([1]) ........................ 44

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 120/2014 tas-7 ta' Frar 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1981/2006 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-laboratorju Komunitarju tar-referenzi għall-organiżmi mmodifikati ġenetikament** ([1]) ........................................................................ 46

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 121/2014 tas-7 ta' Frar 2014 dwar l-awtorizzazzjoni tal-L-selenometijonina bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali** ([1]) 53

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 122/2014 tas-7 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 56

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 4**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 123/2014 tas-7 ta' Frar 2014 li jiffissa l-koeffiċjenti ta' allokazzjoni li għandha tapplika għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mressqa mit-3 sal-4 ta' Frar 2014 fil-kuntest tal-kwota tariffarja tat-Tuneżija u li jissospendi l-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għax-xahar ta' Frar 2014 ............................ 58

DEĊIŻJONIJIET

2014/68/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2014 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-bank ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Latvijas Banka** ........ 59

2014/69/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Frar 2014 li tawtorizza lill-Isvezja u lir-Renju Unit li jidderogaw minn ċerti regoli komuni ta' sikurezza tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2014) 559)* ([1]) ........ 60

RAKKOMANDAZZJONIJIET

2014/70/UE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2014 dwar prinċipji minimi għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi (bħall-gass tax-shale) bl-użu ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli** ........ 72

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 118/2014

**tat-30 ta' Jannar 2014**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1560/2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 6(5), l-Artikolu 8(6), l-Artikolu 16(4), l-Artikolu 21(3), l-Artikolu 22(3), l-Artikolu 23(4), l-Artikolu 24(5), l-Artikolu 29(1) u (4), l-Artikolu 31(4), l-Artikolu 32(1) u (5), u l-Artikolu 35(4) tiegħu,

Billi:

(1) Bir-regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 ([2]) ġie adottat numru ta' arranġamenti speċifiċi li kien meħtieġ għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 ([3]).

(2) F'Ġunju 2013 kien adottat ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, li rriformola r-Regolament (KE) Nru 343/2003. Numru ta' arranġamenti speċifiċi oħra għandhom jiġu stabbiliti għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013.

(3) Sabiex tiżdied l-effiċjenza tas-sistema u titjieb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, ir-regoli rigward it-trasmissjoni u l-ipproċessar tar-rikjesti għall-iskop ta' teħid ta' inkarigu u teħid lura, ir-rikjesti għal informazzjoni, il-kooperazzjoni fuq l-għaqda mill-ġdid tal-membri tal-familja u qraba oħrajn fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjati u persuni dipendenti, kif ukoll it-twettiq ta' trasferimenti, hemm bżonn li jiġu emendati.

(4) Fuljett komuni dwar Dublin/Eurodac, kif ukoll fuljett speċifiku għal minorenni mhux akkumpanjati, formola standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti dwar minorenni mhux akkumpanjati, kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar minorenni u persuni dipendenti, formola standard għall-iskambju tad-dejta qabel trasferiment; ċertifikat tas-saħħa komuni, ta' kundizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni dwar id-dejta tas-saħħa ta' persuna qabel trasferiment, mhumiex stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1560/2003. Konsegwentement, għandhom jiġu miżjuda dispożizzjonijiet ġodda.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jibdel ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 ([5]) u jintroduċi kambjamenti fis-sistema tal-Eurodac. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru

([1]) ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31.

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3).

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

([5]) Id-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1).

1560/2003 għandu jkun adattat sabiex jirrifletti sew l-interazzjoni bejn il-proċeduri stipulati fir-Regolament (UE) Nru 604/2013 u l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jipprovdi għar-regoli dwar il-faċilitazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013. Konsegwentement, il-kundizzjonijiet uniformi għall-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' rikjesti biex jittieħed l-inkarigu tal-applikanti għandhom ikunu emendati biex jinkludu regoli dwar l-użu tad-dejta tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

(7) Adattamenti tekniċi huma neċessarji sabiex jirrispondu għall-evoluzzjoni tal-istandards applikabbli u l-arranġamenti prattiċi għall-użu tan-netwerk ta' trasmissjoni elettronika stipulat bir-Regolament (KE) Nru 1560/2003 biex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013.

(8) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] għandha tapplika għall-ipproċessar imwettaq skont dan ir-Regolament.

(9) Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 japplika għal applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali mressqa mill-1 ta' Jannar 2014 'il quddiem. Huwa għalhekk neċessarju li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun biex ikun possibbli li r-Regolament (UE) Nru 604/2013 jiġi applikat bis-sħiħ.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013.

(11) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1560/2003 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1560/2003**

Ir-Regolament (KE) Nru 1560/2003 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Fejn it-talba hija bbażata fuq riżultat pożittiv (hit) trażmess mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) wara tqabbil tal-marki tas-swaba' tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali mad-dejta tal-marki tas-swaba' meħuda qabel u mibgħuta lill-VIS skont l-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament u ċċekkjata skont l-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament, għandha tinkludi wkoll id-dejta pprovduta mill-VIS.

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60)."

2. L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

**Preparazzjoni ta' talbiet għal teħid lura**

Talbiet għal teħid lura għandhom isiru fuq formola standard skont il-mudell fl-Anness III, billi tiġi stabbilita n-natura tat-talba, ir-raġunijiet għaliha u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) li fuqhom hija bbażata.

It-talba tinkludi wkoll, kif applikabbli:

(a) kopja tal-provi u l-indizji kollha li turi li l-Istat Membru mitlub huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, akkumpanjata, fejn xieraq, minn kummenti fuq iċ-ċirkostanzi li nkisbet fihom u l-valur probattiv mogħti lilha mill-Istat Membru li qed jagħmel it-talba, b'referenza għall-listi ta' provi u indizji msemmija fl-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, li huma mniżżla fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(b) ir-riżultat pożittiv (hit) mibgħut mill-Unità Ċentrali tal-Eurodac, skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 2725/2000, wara tqabbil tal-marki tas-swaba' tal-applikant mad-dejta tal-marki tas-swaba' meħuda qabel u mibgħuta lill-Unità Ċentrali skont l-Artikolu 4(1) u (2) ta' dak ir-Regolament u ċċekkjat skont l-Artikolu 4(6) ta' dak ir-Regolament.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31)."

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

[2] Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

3. Fl-Artikolu 8 jiddaħħal paragrafu ġdid:

“3 Il-formola standard stipulata fl-Anness VI tintuża għall-iskop ta’ trasmissjoni lill-Istat Membru responsabbli tad-dejta essenzjali sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet u l-bżonnijiet immedjati tal-persuna li għandha tiġi trasferita. Din il-formola standard titqies bħala avviż fit-tifsira tal-paragrafu 2.”

4. Fl-Artikolu 9 jiddaħħal paragrafu ġdid:

“1a. Fejn trasferiment ikun ittardjat wara talba mingħand l-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-trasferiment, it-trasferiment u l-Istati Membri responsabbli għandhom ikomplu l-komunikazzjoni sabiex jippermettu li jiġi organizzat trasferiment ġdid malajr kemm jista’ jkun, skont l-Artikolu 8 u mhux iktar tard minn ġimagħtejn mill-mument meta l-awtoritajiet isiru jafu bit-twaqqif taċ-ċirkostanzi li kkawżaw id-dewmien jew il-posponiment. F’każ bħal dan, għandha tintbagħat formola standard aġġornata għat-trasferiment tad-dejta qabel ma jitwettaq it-trasferiment kif stipulat fl-Anness VI.”

5. Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 jinbidel b’dan li ġej:

“2. Stat Membru li, għal waħda mir-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, ma jistax iwettaq it-trasferiment matul il-limitu taż-żmien normali ta’ sitt xhur mid-data ta’ aċċettazzjoni tat-talba biex jittieħed inkarigu ta’ persuna jew tittieħed lura l-persuna kkonċernata jew tad-deċiżjoni finali dwar appell jew rieżami fejn ikun hemm effett sospensiv, jinforma lill-Istat Membru responsabbli qabel it-tmiem ta’ dak il-limitu. Inkella, ir-responsabbiltà għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u l-obbligi l-oħra taħt ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 jaqgħu fuq l-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba, skont l-Artikolu 29(2) ta’ dak ir-Regolament.”

6. Fl-Artikolu 11 jiddaħħal paragrafu ġdid:

“6. Fejn l-applikant ikun preżenti fit-territorju ta’ Stat Membru minbarra dak fejn il-wild, ħu jew ġenitur kif msemmi fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 ikunu preżenti, iż-żewġ Stati Membri jikkonsultaw lil xulxin u jiskambjaw informazzjoni sabiex jistabbilixxu:

(a) ir-rabtiet tal-familja ppruvati bejn l-applikant u l-wild, ħu jew ġenitur;

(b) ir-rabta ta’ dipendenza bejn l-applikant u l-wild, ħu jew ġenitur;

(c) il-kapaċità tal-persuna kkonċernata li tieħu ħsieb il-persuna dipendenti;

(d) fejn neċessarju, l-elementi li għandhom jitqiesu sabiex tiġi vvalutata l-inkapaċità li wieħed jivvjaġġa għal perjodu ta’ żmien sinifikanti.

Sabiex jitwettaq l-iskambju ta’ informazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu, tintuża l-formola standard stipulata fl-Anness VII ta’ dan ir-Regolament.

L-Istat Membru mitlub jagħmel ħiltu biex jirrispondi fi żmien erba’ ġimgħat mill-wasla tat-talba. Fejn evidenza konvinċenti tindika li iktar investigazzjonijiet iwasslu għal iktar informazzjoni rilevanti, l-Istat Membru huwa mitlub jinforma l-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba li huma meħtieġa ġimagħtejn addizzjonali.

It-talba għal informazzjoni skont dan l-Artikolu titwettaq billi tiġi żgurata konformità sħiħa mad-dati tal-għeluq ippreżentati fl-Artikoli 21(1), 22(1), 23(2), 24(2) u 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013. Dan l-obbligu huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 34(5) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013.”

7. Fl-Artikolu 12, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“3. Bl-għan li tiġi ffaċilitata l-azzjoni xierqa biex jiġu identifikati l-membri tal-familja, l-aħwa jew il-qraba ta’ minorenni mhux akkumpanjati, l-Istat Membru li jkun ġie ppreżentat b’applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali minn minorenni mhux akkumpanjat, wara li tinżamm l-intervista personali skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 fil-preżenza tar-rappreżentant imsemmi fl-Artikolu 6(2) ta’ dak ir-Regolament, ifittex u/jew iqis kwalunkwe informazzjoni pprovduta minn minorenni jew li ġejja minn kwalunkwe sors ieħor kredibbli familjari mas-sitwazzjoni personali jew ir-rotta segwita mill-minorenni jew membru tal-familja tiegħu/tagħha, ħu jew qarib.

L-awtoritajiet li jkunu qed iwettqu l-proċess ta’ stabbiliment tal-Istat Membru responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjat, jinvolvu kemm jista’ jkun lir-rappreżentant imsemmi fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 f’dan il-proċess.

4. Fejn fl-applikazzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, l-Istat Membru li jwettaq il-proċess ta’ stabbiliment tal-Istat Membru responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni ta’ minorenni mhux akkumpanjat huwa fil-pussess ta’ informazzjoni li tippermetti li jibda jiġi lokalizzat u/jew jinstab membru tal-familja, ħu jew qarib, dak l-Istat Membru jikkonsulta mal-Istati Membri l-oħra, kif xieraq, u jiskambja informazzjoni, sabiex:

(a) jiġu identifikati membri tal-familja, aħwa jew qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat, preżenti fit-territorju tal-Istati Membri;

(b) tiġi stabbilita l-eżistenza ta’ rabtiet tal-familja ppruvati;

(c) tiġi vvalutata l-kapaċità ta’ qarib sabiex jieħu ħsieb il-minorenni mhux akkumpanjat, inkluż fejn membri tal-familja, aħwa jew qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat jgħixu f’iktar minn Stat Membru wieħed.

5. Fejn l-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 4 jindika li iktar membri tal-familja, aħwa jew qraba jkunu preżenti fi Stat Membru jew fi Stati Membri oħrajn, l-Istat Membru fejn il-minorenni mhux akkumpanjat ikun preżenti jikkoopera mal-Istat Membru jew Stati Membri rilevanti, sabiex tiġi determinata l-iktar persuna xierqa li għandha tiġi fdata bil-minorenni, u b'mod partikolari sabiex jiġi stabbilit:

(a) il-qawwa tar-rabtiet tal-familja bejn il-minorenni u l-persuni differenti identifikati fuq it-territorji tal-Istati Membri;

(b) il-kapaċità u d-disponibbiltà tal-persuni kkonċernati biex jieħdu ħsieb il-minorenni;

(c) l-aħjar interessi tal-minorenni f'kull każ.

6. Sabiex jitwettaq l-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 4, tintuża l-formola standard stipulata fl-Anness VIII għal dan ir-Regolament.

L-Istat Membru mitlub jagħmel ħiltu biex jirrispondi fi żmien erba' ġimgħat mill-wasla tat-talba. Fejn evidenza konvinċenti tindika li iktar investigazzjonijiet iwasslu għal iktar informazzjoni rilevanti, l-Istat Membru huwa mitlub jinforma l-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba li hemm bżonn ta' ġimagħtejn addizzjonali.

It-talba għal informazzjoni skont dan l-Artikolu titwettaq billi tiġi żgurata konformità sħiħa mad-dati tal-għeluq ippreżentati fl-Artikoli 21(1), 22(1), 23(2), 24(2) u 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013. Dan l-obbligu huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 34(5) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013."

8. Fl-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Rikjesti, risposti u kull korrispondenza miktuba bejn Stati Membri dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 fejn possibbli jiġu mibgħuta permezz tan-netwerk elettroniku ta' komunikazzjoni 'DubliNet', mwaqqaf taħt it-Titolu II ta' dan ir-Regolament."

9. Jiżdied l-Artikolu 15a ġdid:

"*Artikolu 15a*

**Kundizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' dejta dwar is-saħħa qabel ma jitwettaq trasferiment**

L-iskambju ta' dejta dwar is-saħħa qabel trasferiment u, b'mod partikolari, it-trasmissjoni taċ-ċertifikat tas-saħħa stipulat fl-Anness IX iseħħ biss bejn l-awtoritajiet notifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 bl-użu ta' 'DubliNet'.

L-Istat Membru li jkun qed iwettaq it-trasferiment ta' applikant u l-Istat Membru responsabbli jagħmlu ħilithom sabiex jiftehmu qabel ma ssir it-trasmissjoni taċ-ċertifikat tas-saħħa fuq il-lingwa li għandha tiġi użata sabiex iċ-ċertifikat ikun komplut, billi jqisu ċ-ċirkostanzi tal-każ, b'mod partikolari l-bżonn ta' kwalunkwe azzjoni urġenti mal-wasla."

10. Jiżdied l-Artikolu 16a ġdid:

"*Artikolu 16a*

**Fuljetti ta' informazzjoni għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali**

1. Fuljett komuni li jinforma lill-applikanti kollha tagħall-protezzjoni internazzjonali dwar id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 u dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 huwa stipulat fl-Anness X.

2. Fuljett komuni għal **tfal** mhux akkumpanjati li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali huwa stipulat fl-Anness XI.

3. Informazzjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi maqbuda **b'rabta** ma' qsim irregolari ta' fruntiera esterna hija stipulata fl-Anness XII.

4. Informazzjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi misjuba li qed joqogħdu illegalment fi Stat Membru, hija stipulata fl-Anness XIII."

11. Fl-Artikolu 18, jitħassar il-paragrafu 2.

12. Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-forom li l-mudelli tagħhom huma stipulati fl-Annessi I u III u l-formoli għat-talba għal informazzjoni stipulati fl-Annessi V, VI, VII, VIII, IX jintbagħtu bejn Punti ta' Aċċess Nazzjonali fil-format provdut mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri dwar l-istandards tekniċi meħtieġa."

13. Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Kull trasmissjoni jkollha numru ta' referenza li jippermetti b'mod mhux ambigwu li jiġi identifikat il-każ li tirreferi għalih u l-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba. Dak in-numru jrid jippermetti wkoll li jiġi determinat jekk it-trasmissjoni tirrelatax ma' talba biex jittieħed inkarigu (tip 1), talba għal teħid lura (tip 2), talba għal informazzjoni (tip 3), skambju ta' informazzjoni dwar il-wild, ħu jew ġenitur ta' applikant f'sitwazzjoni ta' dipendenza (tip 4), skambju ta' informazzjoni dwar il-familja, ħu jew qarib ta' minorenni mhux akkumpanjat (tip 5), it-trasmissjoni ta' informazzjoni qabel trasferiment (tip 6) jew it-trasmissjoni ta' ċertifikat tas-saħħa komuni (tip 7)."

14. Fl-Artikolu 20(2), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Jekk it-talba hija bbażata fuq dejta pprovduta mill-Eurodac, in-numru ta' referenza tal-Eurodac tal-Istat Membru mitlub għandu jkun inkluż."

15. Fl-Artikolu 21, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Jekk Punt ta' Aċċess Nazzjonali jkun bagħat dejta lil Punt ta' Aċċess Nazzjonali li jkun ġarrab interruzzjoni fil-ħidma tiegħu, il-ġurnal tat-trasmissjoni fuq il-livell tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni ċentrali jintuża bħala prova tad-data u l-ħin tat-trasmissjoni. Id-dati tal-għeluq stipulati mir-Regolament (UE) Nru 604/2013 biex tintbagħat talba jew risposta ma jiġux sospiżi matul id-dewmien tal-interruzzjoni tat-tħaddim tal-Punt Nazzjonali t'Aċċess in kwistjoni."

16. L-Annessi huma sostitwiti bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

*"ANNESS I*

**FORMOLA STANDARD SABIEX JIĠI DETERMINAT L-ISTAT MEMBRU (1) RESPONSABBLI GĦALL-EŻAMINAZZJONI TA' APPLIKAZZJONI GĦALL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI**

**Talba biex tittieħed responsabbiltà ppreżentata fuq il-bażi tal-Artikolu li ġej tar-Regolament (UE) Nru 604/2013:**

Artikolu 8 (minorenni mhux akkumpanjat): ☐
Artikolu 9 (membru tal-familja residenti fl-Istat Membru bħala benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali): ☐
Artikolu 10 (membru tal-familja li qed japplika għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru): ☐
Artikolu 11 (iż-żamma tal-gruppi ta' familji flimkien): ☐
Artikolu 12(1) jew (3) (dokument ta' residenza validu): ☐
Artikolu 12(2) jew (3) (viża valida): ☐
Numru tal-VIS (fejn applikabbli): ........................................................ ☐
Artikolu 12(4) (dokument ta' residenza li skada inqas minn sentejn ilu jew viża li skadiet inqas minn sitt xhur ilu): ☐
Artikolu 13(1) (dħul illegali fil-fruntiera esterna inqas minn 12-il xahar ilu): ☐
Artikolu 13(2) (residenza ta' mill-inqas ħames xhur fl-Istat Membru): ☐
Artikolu 14(1) (rekwiżit tal-viża rinunzjat għad-dħul): ☐
Artikolu 16 (iż-żamma ta' applikant flimkien ma' qarib dipendenti) ☐
Artikolu 17(2) (klawsola ta' sovranità jew raġunijiet umanitarji): ☐

Dejta tal-Eurodac: ☐ Nru tal-Eurodac ..............................................................
Tweġiba mitluba b'mod urġenti: ☐ Mhux aktar tard minn: ....................................................
Raġuni għall-urġenza: Artikolu 28 (detenzjoni) ☐ Artikolu 21(2) (raġunijiet oħra) ☐
....................................................................................................................................................................
....................................................................................................................................................................

Ritratt

**Numru tal-fajl**
**Dettalji personali tal-applikant**

| | |
|---|---|
| 1. Kunjom (*) | ........................................................................... |
| Kunjom ta' xebba | ........................................................................... |
| 2. Isem(ismijiet) | ........................................................................... |
| 3. L-applikant juża/kien juża ismijiet oħra? | ☐ Iva ☐ Le |
| Liema huma/kienu? | ........................................................................... |
| 4. Data tat-twelid | ........................................................................... |
| 5. Post tat-twelid | ........................................................................... |
| Distrett/Reġjun | ........................................................................... |
| Pajjiż | ........................................................................... |
| 6. Nazzjonalità/nazzjonalitajiet (niżżilhom kollha) | |
| a) attwali | ........................................................................... |
| b) preċedenti | ........................................................................... |
| c) l-ebda/apolidi | ........................................................................... |
| 7. Sess | ☐ Raġel ☐ Mara |
| 8. Isem il-missier | ........................................................................... |
| 9. Isem l-omm | ........................................................................... |

(*) F'ittri kbar.

| | |
|---|---|
| 10. Stat ċivili | ☐ Ġuvni/Xebba ☐ Miżżewweġ/Miżżewġa ☐ Armel/Armla<br>☐ Divorzjat/a ☐ Koabitant/a |
| 11. Lingwa(i) tal-oriġini | ....................<br>.................... |

*Dettalji personali tal-membri tal-familja*

12. *Konjuġi:* Kunjom (*), kunjom ta’ xebba, isem/ismijiet, sess, data tat-twelid, post tat-twelid, post ta’ residenza (jekk il-konjuġi qegħdin ifittxu protezzjoni internazzjonali għandha timtela' formola separata; f'dan il-każ inkludi n-numru ta' referenza tal-membru l-ieħor tal-koppja fuq il-formoli kollha).

....................

....................

....................

....................

Numru ta’ referenza tal-konjuġi (jekk ikun meħtieġ): ....................

13. *Tfal:* Kunjom (*), isem/ismijiet, sess, data tat-twelid, post tat-twelid, post ta’ residenza (indika t-tfal kollha; formola separata għandha timtela' għal tfal 'il fuq minn 18-il sena jekk hija mixtieqa l-protezzjoni internazzjonali)

a) ....................

b) ....................

c) ....................

d) ....................

e) ....................

14. Post u data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fil-pajjiż ta' residenza: ....................

....................

| | |
|---|---|
| *Proċeduri tal-asil preċedenti* | |
| 15. L-applikant qatt kien applika għall-protezzjoni internazzjonali jew għar-rikonoxximent tal-istatus ta’ rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja fil-pajjiż ta’ residenza jew f’pajjiż ieħor? | ☐ Iva ☐ Le |
| Meta u fejn? | .................... |
| Ittieħdet xi deċiżjoni dwar l-applikazzjoni? | ☐ Le ☐ Ma nafx ☐ Iva, l-applikazzjoni ġiet irrifjutata |
| Meta ttieħdet id-deċiżjoni? | .................... |
| *Karti tal-identità* | |
| 16. Passaport nazzjonali | ☐ Iva ☐ Le |
| Numru | .................... |
| Maħruġ fi | .................... |
| Minn | .................... |
| Validu sa | .................... |
| 17. Dokument li jissostitwixxi l-passaport | ☐ Iva ☐ Le |
| Numru | .................... |
| Maħruġ fi | .................... |
| Minn | .................... |
| Validu sa | .................... |
| 18. Dokument ieħor | ☐ Iva ☐ Le |
| Numru | .................... |
| Maħruġ fi | .................... |
| Minn | .................... |
| Validu sa | .................... |
| 19. Fin-nuqqas ta’ dokumenti:<br>(speċifika jekk dawn seta’ kienx fihom viża valida jew permess ta' residenza u, jekk iva, indika l-awtorità tal-ħruġ u d-data tal-ħruġ kif ukoll il-perjodu ta’ validità) | ☐ Telaq mingħajr dokumenti ☐ Dokumenti mitlufa ☐ Dokumenti misruqa<br>(Meta? fejn?<br>....................<br>.................... )<br>☐ Raġunijiet oħra<br>(Jekk jogħġbok speċifika .................... ) |

| | |
|---|---|
| *Dokumenti/viżi ta' residenza* | |
| 20. L-applikant għandu dokument/viża ta' residenza għall-pajjiż ta' residenza? | ☐ Iva ☐ Le |
| Tip ta' dokument | ☐ Permess ta' residenza ☐ Viża għad-dħul ☐ Viża għat-tranżitu |
| Maħruġ fi | ..................... |
| Minn | ..................... |
| Validu sa | ..................... |
| 21. L-applikant għandu dokument/viża ta' residenza għal Stat Membru ieħor tal-UE? (2) | ☐ Iva ☐ Le |
| Liema Stat? | ..................... |
| Tip ta' dokument | ☐ Permess ta' residenza ☐ Viża ta' dħul ☐ Viża ta' tranżitu |
| Maħruġ fi | ..................... |
| Minn | ..................... |
| Validu sa | ..................... |
| *Rotta tal-vjaġġ* | |
| 22. Pajjiż li fih beda l-vjaġġ (pajjiż ta' oriġini jew ta' provenjenza) | ..................... ..................... |
| — Rotta segwita mill-pajjiż fejn beda l-vjaġġ sal-punt ta' dħul fil-pajjiż fejn tintalab il-protezzjoni internazzjonali | ..................... |
| — Dati u ħinijiet tal-vjaġġ | ..................... ..................... ..................... |
| — Il-fruntiera nqasmet fi | ..................... |
| — Fil-punt ta' qsim awtorizzat jew | ..................... |
| — Ġew evitati kontrolli tal-fruntiera (dħul illegali) | ..................... |
| — Mezz ta' trasport użat | ☐ Trasport pubbliku (liema forma? .....................) ☐ Vettura personali ☐ Mezzi oħra (kif? .....................) |
| 23. L-applikant daħal minn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea? (3) | ☐ Iva ☐ Le |
| — Liema kien l-ewwel Stat Membru tal-UE li daħal fih? | ..................... |
| — Qasam il-fruntiera fil-punt tal-qsim awtorizzat, jew | ..................... |
| — Evita l-kontrolli fil-fruntiera fi | ..................... |
| — Meta? | ..................... |
| *Residenza fi Stat Membru ieħor tal-UE* (4) | |
| 24. Residenza fi Stat Membru ieħor jew Stati Membri oħra tal-UE wara li telaq mill-pajjiż minn fejn beda l-vjaġġ (pajjiż tal-oriġini/provenjenza) | ☐ Iva ☐ Le |
| — F'liema Stat jew Stati? | ..................... |
| — Minn – sa | ..................... |
| — Post/indirizz preċiż | ..................... |
| — Residenza kienet | ☐ Awtorizzat ☐ Mhux awtorizzat |
| — Perjodu ta' validità tal-permess ta' residenza | ..................... |
| — Skop tar-residenza | ..................... |

| | |
|---|---|
| **Dettalji tal-membri tal-familja li jgħixu fl-Istati Membri tal-UE** (5) | |
| 25. a) Hemm xi membru tal-familja li qed jgħix fi Stat Membru? | ☐ Iva ☐ Le |
| — Isem il-membru tal-familja | ………… |
| — Data tat-twelid | ………… |
| — Stat ċivili | ☐ Ġuvni/Xebba ☐ Miżżewweġ/a ☐ Armel/Armla<br>☐ Divorzjat/a |
| — Relazzjoni | ☐ konjuġi ☐ missier<br>☐ omm ☐ tifel/tifla<br>☐ ħu ☐ oħt<br>☐ kustodju ☐ oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)<br>…………<br>………… |
| — Stat Membru | ………… |
| — Indirizz f'dak l-Istat | ………… |
| — Status tar-residenza | ☐ benefiċjarju rikonoxxut ☐ resident<br>☐ applikant ☐ illegali |
| b) Hemm xi ħadd mill-persuni kkonċernati li joġġezzjona għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni f'dak l-Istat Membru? | ☐ Iva ☐ Le |
| **Informazzjoni utli oħra** | …………<br>…………<br>…………<br>…………<br>…………<br>………… |

(1) *NB:* Il-kliem "Stati Membri" jinkludu l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein.
(2) Inklużi l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein.
(3) Inklużi l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein.
(4) Inklużi l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein.
(5) Inklużi l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein.

*ANNESS II*

(Ir-referenzi huma għall-artikoli tar-Regolament (UE) Nru 604/2013)

**LISTA A**

MEZZ TA' PROVA

I. Il-proċess għad-determinazzjoni tal-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali

1. Preżenza ta' membru tal-familja, qarib jew relazzjoni (missier, omm, tfal, aħwa, zija, ziju, nannu, nanna, adult responsabbli għal tifel jew tifla, kustodju) ta' applikant li huwa minorenni mhux akkumpanjat (Artikolu 8)

**Evidenza bħala prova**

— konferma bil-miktub tal-informazzjoni mill-Istat Membru l-ieħor;

— siltiet mir-reġistri;

— permessi ta' residenza maħruġa lill-membru tal-familja;

— evidenza li l-persuni jiġu minn xulxin, jekk disponibbli;

— fin-nuqqas ta' dan, u jekk meħtieġ, test tad-DNA jew tad-demm.

2. Residenza legali fi Stat Membru ta' membru tal-familja li huwa rikonoxxut bħala benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali (Artikolu 9)

**Evidenza bħala prova**

— konferma bil-miktub tal-informazzjoni mill-Istat Membru l-ieħor;

— siltiet mir-reġistri;

— permessi ta' residenza maħruġa lill-individwu bl-istatus ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja;

— evidenza li l-persuni jiġu minn xulxin, jekk disponibbli;

— kunsens tal-persuna kkonċernata.

3. Preżenza ta' membru tal-familja li japplika għall-protezzjoni internazzjonali li l-applikazzjoni tiegħu tkun għadha mhix is-suġġett tal-ewwel deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza fi Stat Membru (Artikolu 10)

**Evidenza bħala prova**

— konferma bil-miktub tal-informazzjoni mill-Istat Membru l-ieħor;

— siltiet mir-reġistri;

— awtorizzazzjonijiet ta' residenza temporanji maħruġa lill-individwu waqt li l-applikazzjoni tkun qed tiġi eżaminata;

— evidenza li l-persuni jiġu minn xulxin, jekk disponibbli;

— fin-nuqqas ta' dan, u jekk meħtieġ, test tad-DNA jew tad-demm;

— kunsens tal-persuna kkonċernata.

4. Dokumenti validi ta' residenza (Artikolu 12(1) u (3) jew dokumenti ta' residenza li jkunu skadew inqas minn sentejn qabel [u d-data tad-dħul fis-seħħ] (Artikolu 12(4))

**Evidenza bħala prova**

— dokument ta' residenza;

— siltiet mir-reġistru tal-frustieri jew reġistri simili;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni mill-Istat Membru li jkun ħareg id-dokument ta' residenza.

5. Viżi validi (Artikolu 12(2) u (3)) u viżi li jkunu skadew inqas minn sitt xhur qabel [u d-data tad-dħul fis-seħħ] (Artikolu 12(4))

**Evidenza bħala prova**

— viża maħruġa (valida jew skaduta, skont kif xieraq);

— siltiet mir-reġistru tal-frustieri jew reġistri simili;

— tqabbil pożittiv ("hit") trasmessa mill-VIS skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni mill-Istat Membru li jkun ħareg il-viża.

6. Dħul legali fit-territorju minn fruntiera esterna (Artikolu 14)

**Evidenza bħala prova**

— timbru tad-dħul fuq passaport;

— timbru tal-ħruġ minn pajjiż li jkollu l-fruntiera ma' dik ta' Stat Membru, filwaqt li titqies ir-rotta meħuda mill-applikant u d-data meta nqasmet il-fruntiera;

— biljetti li b'mod konkludenti jistabbilixxu d-dħul minn fruntiera esterna;

— timbru tad-dħul jew timbru ta' kontroll simili fuq il-passaport.

7. Dħul illegali minn fruntiera esterna (Artikolu 13(1))

**Evidenza bħala prova**

— tqabbil pożittiv minn Eurodac minn paragun tal-marki tas-swaba' tal-applikant mal-marki tas-swaba' meħuda skont l-Artikolu 14 tar-Regolament "Eurodac";

— timbru tad-dħul fuq passaport imbagħbas jew iffalsifikat;

— timbru tal-ħruġ minn pajjiż li jkollu l-fruntiera ma' dik ta' Stat Membru, filwaqt li titqies ir-rotta meħuda mill-applikant u d-data meta nqasmet il-fruntiera;

— biljetti li b'mod konkludenti jistabbilixxu d-dħul minn fruntiera esterna;

— timbru tad-dħul jew timbru ta' kontroll simili fuq il-passaport.

8. Residenza fi Stat Membru ta' mill-inqas ħames xhur (Artikolu 13(2))

**Evidenza bħala prova**

— awtorizzazzjonijiet ta' residenza maħruġa waqt li l-applikazzjoni għal permess ta' residenza tkun qed tiġi eżaminata;

— talbiet għall-ħruġ mit-territorju jew ordni tat-tkeċċija maħruġa f'dati b'mill-inqas ħames xhur bejniethom jew li ma jkunux ġew infurzati;

— siltiet mir-reġistri ta' sptarijiet, ħabsijiet, ċentri ta' detenzjoni.

9. Tluq mit-territorju tal-Istati Membri (Artikolu 19(2))

**Evidenza bħala prova**

— timbru tal-ħruġ;

— siltiet minn reġistri ta' pajjiżi terzi (li jagħtu prova tar-residenza);

— biljetti li jistabbilixxu b'mod konkludenti t-tluq jew id-dħul minn fruntiera esterna;

— rapport/konferma mill-Istat Membru li minnu l-applikant ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri;

— timbru ta' pajjiż terz li jkollu l-fruntiera ma' dik ta' Stat Membru, filwaqt li titqies ir-rotta meħuda mill-applikant u d-data meta nqasmet il-fruntiera.

II. Obbligu tal-Istat Membru responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni biex l-applikant jiddaħħal jew jiġi aċċettat mill-ġdid

1. Il-proċess għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli qiegħed iseħħ fl-Istat Membru fejn tressqet l-applikazzjoni (Artikolu 20(5))

**Evidenza bħala prova**

— tqabbil pożittiv minn Eurodac minn paragun tal-marki tas-swaba' tal-applikant mal-marki tas-swaba' meħuda skont l-Artikolu 9 tar-Regolament "Eurodac";

— formola ppreżentata mill-applikant;

— rapport uffiċjali mfassal mill-awtoritajiet;

— marki tas-swaba' meħuda b'rabta ma' applikazzjoni;

— siltiet minn reġistri u fajls rilevanti;

— rapport bil-miktub mill-awtoritajiet li jagħti xhieda li tressqet applikazzjoni.

2. L-applikazzjoni qed tiġi eżaminata jew tressqet qabel (Artikolu 18(1)(b)(c) u (d))

**Evidenza bħala prova**

— tqabbil pożittiv minn Eurodac minn paragun tal-marki tas-swaba' tal-applikant mal-marki tas-swaba' meħuda skont l-Artikolu 9 tar-Regolament "Eurodac";

— formola ppreżentata mill-applikant;

— rapport uffiċjali mfassal mill-awtoritajiet;

— marki tas-swaba' meħuda b'rabta ma' applikazzjoni;

— siltiet minn reġistri u fajls rilevanti;

— rapport bil-miktub mill-awtoritajiet li jagħti xhieda li tressqet applikazzjoni.

3. Tluq mit-territorju tal-Istati Membri (Artikolu 20(5); Artikolu 19(2))

**Evidenza bħala prova**

— timbru tal-ħruġ;

— siltiet minn reġistri ta' pajjiżi terzi (li jagħtu prova tar-residenza);

— timbru tal-ħruġ minn pajjiż terz li jkollu l-fruntiera ma' dik ta' Stat Membru, filwaqt li titqies ir-rotta meħuda mill-applikant u d-data meta nqasmet il-fruntiera;

— prova bil-miktub mill-awtoritajiet li l-frustier tkeċċa tassew.

4. Tkeċċija mit-territorju tal-Istati Membri (Artikolu 19(3))

**Evidenza bħala prova**

— prova bil-miktub mill-awtoritajiet li l-frustier tkeċċa tassew;

— timbru tal-ħruġ;

— konferma tal-informazzjoni rigward it-tkeċċija mogħtija mill-pajjiż terz.

## LISTA B

PROVI INDIZJARJI

I. Il-proċess għad-determinazzjoni tal-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali

1. Preżenza ta' membru tal-familja (missier, omm, kustodju) ta' applikant li jkun minorenni mhux akkumpanjat (Artikolu 8)

**Evidenza indikattiva** [1]

— informazzjoni verifikabbli mingħand l-applikant;

— stqarrijiet mill-membri tal-familja kkonċernati;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, bħal ma hija l-UNHCR.

[1] Din l-evidenza indikattiva għandha dejjem tkun segwita b'wieħed mill-punti tal-evidenza bħala prova kif definit fil-lista A.

2. Residenza legali fi Stat Membru ta' membru tal-familja li huwa rikonoxxut bi status ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni internazzjonali (Artikolu 9)

**Evidenza indikattiva**

— informazzjoni verifikabbli mingħand l-applikant;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, bħal ma hija l-UNHCR.

3. Preżenza ta' membru tal-familja li japplika għall-protezzjoni internazzjonali li l-applikazzjoni tiegħu tkun għadha mhix is-suġġett tal-ewwel deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza fi Stat Membru (Artikolu 10)

**Evidenza indikattiva**

— informazzjoni verifikabbli mingħand l-applikant;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, bħal ma hija l-UNHCR.

4. Dokumenti validi ta' residenza (Artikolu 12(1) u (3)) jew dokumenti ta' residenza li jkunu skadew inqas minn sentejn qabel [u d-data tad-dħul fis-seħħ] (Artikolu 12(4))

**Evidenza indikattiva**

— stqarrijiet dettaljati u verifikabbli mill-applikant;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, bħal ma hija l-UNHCR;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni mill-Istat Membru li ma jkunx ħareg il-permess ta' residenza;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni mill-membri tal-familja, akkumpanjaturi tal-vjaġġ, eċċ.;

5. Viżi validi (Artikolu 12(2) u (3)) u viżi li jkunu skadew inqas minn sitt xhur qabel [u d-data tad-dħul fis-seħħ] (Artikolu 12(4))

**Evidenza indikattiva**

— stqarrijiet dettaljati u verifikabbli mill-applikant;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, bħal ma hija l-UNHCR;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni mill-Istat Membru li ma jkunx ħareg il-permess ta' residenza;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni mill-membri tal-familja, akkumpanjaturi tal-vjaġġ, eċċ.;

6. Dħul legali fit-territorju minn fruntiera esterna (Artikolu 14)

**Evidenza indikattiva**

— stqarrijiet dettaljati u verifikabbli mill-applikant;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, bħal ma hija l-UNHCR;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni mill-membri tal-familja, akkumpanjaturi tal-vjaġġ, eċċ.;

— marki tas-swaba', għajr f'każijiet meta l-awtoritajiet ikunu ddeċidew li jiġbru l-marki tas-swaba' meta l-frustier ikun qasam il-fruntiera esterna.

F'tali każijiet, dawn jikkostitwixxu evidenza bħala prova kif definit fil-lista A;

— biljetti;

— kontijiet tal-lukandi;

— karti tad-dħul għal istituzzjonijiet pubbliċi jew privati fl-Istati Membri;

— karti tal-appuntamenti ma' tobba, dentisti, eċċ.;

— informazzjoni li turi li l-applikant uża s-servizzi ta' aġenzija tal-ivvjaġġar;

— provi indizjarji oħra tal-istess tip.

7. Dħul illegali fit-territorju minn fruntiera esterna (Artikolu 13(1))

**Evidenza indikattiva**

— stqarrijiet dettaljati u verifikabbli mill-applikant;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, bħal ma hija l-UNHCR;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni mill-membri tal-familja, akkumpanjaturi tal-vjaġġ, eċċ.;

— marki tas-swaba', għajr f'każijiet meta l-awtoritajiet ikunu ddeċidew li jiġbru l-marki tas-swaba' meta l-frustier ikun qasam il-fruntiera esterna.

F'tali każijiet, dawn jikkostitwixxu evidenza bħala prova kif definit fil-lista A;

— biljetti;

— kontijiet tal-lukandi;

— karti tad-dħul għal istituzzjonijiet pubbliċi jew privati fl-Istati Membri;

— karti tal-appuntamenti ma' tobba, dentisti, eċċ.;

— informazzjoni li turi li l-applikant uża s-servizzi ta' kurrier jew ta' aġenzija tal-ivvjaġġar;

— provi indizjarji oħra tal-istess tip.

8. Residenza fi Stat Membru ta' mill-inqas ħames xhur (Artikolu 13(2))

**Evidenza indikattiva**

— stqarrijiet dettaljati u verifikabbli mill-applikant;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, bħal ma hija l-UNHCR;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni mhux governattiva, bħal ma hija organizzazzjoni li tipprovdi akkommodazzjoni għal dawk li jkunu fil-bżonn;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni mill-membri tal-familja, akkumpanjaturi tal-vjaġġ, eċċ.;

— marki tas-swaba';

— biljetti;

— kontijiet tal-lukandi;

— karti tad-dħul għal istituzzjonijiet pubbliċi jew privati fl-Istati Membri;

— karti tal-appuntamenti ma' tobba, dentisti, eċċ.;

— informazzjoni li turi li l-applikant uża s-servizzi ta' kurrier jew ta' aġenzija tal-ivvjaġġar;

— provi indizjarji oħra tal-istess tip.

9. Tluq mit-territorju tal-Istati Membri (Artikolu 19(2))

**Evidenza indikattiva**

— stqarrijiet dettaljati u verifikabbli mill-applikant;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, bħal ma hija l-UNHCR;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn Stat Membru ieħor;

— Dwar l-Artikolu (19(2)): timbru tal-ħruġ meta l-applikant ikkonċernat ikun ħalla t-territorju tal-Istati Membri għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni mill-membri tal-familja, akkumpanjaturi tal-vjaġġ, eċċ.;

— marki tas-swaba', għajr f'każijiet meta l-awtoritajiet ikunu ddeċidew li jiġbru l-marki tas-swaba' meta l-frustier ikun qasam il-fruntiera esterna.

F'tali każijiet, dawn jikkostitwixxu evidenza bħala prova kif definit fil-lista A;

— biljetti;

— kontijiet tal-lukandi;

— karti tal-appuntamenti ma' tobba, dentisti, eċċ. f'pajjiż terz;

— informazzjoni li turi li l-applikant uża s-servizzi ta' kurrier jew ta' aġenzija tal-ivvjaġġar;

— provi indizjarji oħra tal-istess tip.

II. Obbligu tal-Istat Membru responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali biex l-applikant jiddaħħal jew jiġi aċċettat mill-ġdid

1. Il-proċess għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli qiegħed iseħħ fl-Istat Membru fejn tressqet l-applikazzjoni (Artikolu 20(5))

**Evidenza indikattiva**

— dikjarazzjonijiet verifikabbli mingħand l-applikant;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, bħal ma hija l-UNHCR;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni mill-membri tal-familja, akkumpanjaturi tal-vjaġġ, eċċ.;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn Stat Membru ieħor.

2. L-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali qed tiġi eżaminata jew tressqet qabel (Artikolu 18(1) (b)(c)(d))

**Evidenza indikattiva**

— dikjarazzjonijiet verifikabbli mingħand l-applikant;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, bħal ma hija l-UNHCR;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn Stat Membru ieħor.

3. Tluq mit-territorju tal-Istati Membri (Artikolu 20(5); Artikolu 19(2))

**Evidenza indikattiva**

— stqarrijiet dettaljati u verifikabbli mill-applikant;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, bħal ma hija l-UNHCR;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn Stat Membru ieħor;

— timbru tal-ħruġ meta l-applikant ikkonċernat ikun ħalla t-territorju tal-Istati Membri għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni mill-membri tal-familja, akkumpanjaturi tal-vjaġġ, eċċ.;

— marki tas-swaba', għajr f'każijiet meta l-awtoritajiet ikunu ddeċidew li jiġbru l-marki tas-swaba' meta l-frustier ikun qasam il-fruntiera esterna.

F'tali każijiet, dawn jikkostitwixxu evidenza bħala prova kif definit fil-lista A;

— biljetti;

— kontijiet tal-lukandi;

— karti tal-appuntamenti ma' tobba, dentisti, eċċ. f'pajjiż terz;

— informazzjoni li turi li l-applikant uża s-servizzi ta' kurrier jew ta' aġenzija tal-ivvjaġġar;

— provi indizjarji oħra tal-istess tip.

4. Tkeċċija mit-territorju tal-Istati Membri (Artikolu 19(3))

**Evidenza indikattiva**

— dikjarazzjonijiet verifikabbli mingħand l-applikant;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni minn organizzazzjoni internazzjonali, bħal ma hija l-UNHCR;

— timbru tal-ħruġ meta l-applikant ikkonċernat ikun ħalla t-territorju tal-Istati Membri għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur;

— rapporti/konferma tal-informazzjoni mill-membri tal-familja, akkumpanjaturi tal-vjaġġ, eċċ.;

— marki tas-swaba', għajr f'każijiet meta l-awtoritajiet ikunu ddeċidew li jiġbru l-marki tas-swaba' meta l-frustier ikun qasam il-fruntiera esterna.

F'tali każijiet, dawn jikkostitwixxu evidenza bħala prova kif definit fil-lista A;

— biljetti;

— kontijiet tal-lukandi;

— karti tal-appuntamenti ma' tobba, dentisti, eċċ.;

— informazzjoni li turi li l-applikant uża s-servizzi ta' kurrier jew ta' aġenzija tal-ivvjaġġar;

— provi indizjarji oħra tal-istess tip.

*ANNESS III*

## FORMOLA STANDARD GĦAL TALBIET GĦAT-TEĦID LURA

**Talba għat-teħid lura ppreżentata fuq il-bażi tal-Artikolu tar-Regolament li ġej (UE) Nru 604/2013:**

L-Artikolu 20(5) (il-proċess għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli qiegħed iseħħ fl-Istat Membru fejn tressqet l-applikazzjoni): ☐

L-Artikolu 18(1)(b) (l-applikant ressaq applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew qiegħed fi Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza, filwaqt li l-applikazzjoni tkun qed tiġi eżaminata fl-Istat Membru responsabbli): ☐

L-Artikolu 18(1)(c) (ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolidi għamel applikazzjoni jew qiegħed fi Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza wara li rtira l-applikazzjoni tiegħu/tagħha fl-Istat Membru responsabbli): ☐

L-Artikolu 18(1)(c) (ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolidi għamel applikazzjoni jew qiegħed fl-Istat Membru mingħajr dokument ta' residenza u l-applikazzjoni tiegħu ġiet irrifjutata fl-Istat Membru responsabbli): ☐

Dejta tal-Eurodac: ☐ Nru tal-Eurodac: ..............................................................

Tweġiba mitluba b'mod urġenti: ☐ Mhux aktar tard minn: ....................................................

Raġuni għall-urġenza: ....................................................................................................................................

....................................................................................................................................................................

Ritratt

**Numru tal-fajl**

**Dettalji personali tal-applikant**

| | |
|---|---|
| 1. Kunjom (*) | ............................................................................................ |
| Kunjom ta' xebba | ............................................................................................ |
| 2. Isem(ismijiet) | ............................................................................................ |
| 3. L-applikant juża/tuża kien juża/kienet tuża ismijiet oħra? | ☐ Iva ☐ Le |
| Liema huma/kienu? | ............................................................................................ |
| 4. Data tat-twelid | ............................................................................................ |
| 5. Post tat-twelid | ............................................................................................ |
| Distrett/Reġjun | ............................................................................................ |
| Pajjiż | ............................................................................................ |
| 6. Nazzjonalità/nazzjonalitajiet | |
| (niżżilhom kollha) | |
| a) attwali | ............................................................................................ |
| b) preċedenti | ............................................................................................ |
| c) l-ebda/apolidi | ............................................................................................ |
| 7. Sess | ☐ Raġel ☐ Mara |
| 8. Isem il-missier | ............................................................................................ |
| 9. Isem l-omm | ............................................................................................ |
| 10. Stat ċivili | ☐ Ġuvni/Xebba ☐ Miżżewweġ/Miżżewġa ☐ Armel/Armla |
| | ☐ Divorzjat/a ☐ Koabitant/a |

(*) B'ittri kbar

| | |
|---|---|
| 11. Data tal-applikazzjoni fil-pajjiż rikjedenti, tal-"hit" tal-Eurodac, jew li fiha l-Istat Membru rikjedenti sar konxju li l-Istat Membru rikjest jista' jkun responsabbli għall-persuna kkonċernata, kif applikabbli | |
| *Proċeduri preċedenti* | |
| 12. L-applikant qatt kien applika għall-protezzjoni internazzjonali jew għar-rikonoxximent tal-istatus ta' rifuġjat fil-pajjiż ta' residenza jew f'pajjiż ieħor? | ☐ Iva ☐ Le |
| Meta u fejn? | ................................................................<br>................................................................ |
| Ittieħdet xi deċiżjoni dwar l-applikazzjoni? | ☐ Le ☐ Ma nafx ☐ Iva, l-applikazzjoni ġiet irrifjutata |
| Meta ttieħdet id-deċiżjoni? | ................................................................<br>................................................................ |
| 13. L-applikant jiddikkjara li ħalla t-territorju tal-Istati Membri? | ☐ Iva ☐ Le |
| Jekk iva: | Data tat-tluq: ................................................<br>Data tar-ritorn: ................................................ |
| F'liema pajjiż(i) mar? | ................................................................ |
| Rotta tal-vjaġġ: | ................................................................<br>................................................................<br>................................................................ |
| 14. Dokumenti ppreżentati mill-applikant | |
| Jekk jogħġbok inkludi lista: | ................................................................<br>................................................................<br>................................................................<br>................................................................<br>................................................................<br>................................................................ |

**Informazzjoni utli oħra:**

*ANNESS IV*

**Mudell ta' laissez-passer għat-trasferiment ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali**

LAISSEZ-PASSER

Nru ta’ referenza (*):

Maħruġ skont l-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri (1) minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida.

Validu biss għal trasferimenti minn ............................... (2) għal ............................... (3), bl-applikant meħtieġ li jippreżenta lilu nnifsu ....................................... (4) sa ....................................... (5)

Maħruġ fi: ..........................................................................................................................................................

KUNJOM: ..........................................................................................................................................................

ISMIJIET: ..........................................................................................................................................................

POST U DATA TAT-TWELID: .........................................................................................................................

NAZZJONALITÀ: ..............................................................................................................................................

Data tal-ħruġ ......................................................................................................................................................

Ritratt

Għall-Ministeru tal-Intern: ..................................

SEAL

---

Id-detentur ta’ dan il-laissez-passer kien identifikat mill-awtoritajiet ............................................................................... (6) (7).

Dan id-dokument jinħareġ skont l-Artikolu 29(1) u tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 biss u taħt l-ebda ċirkostanza ma jista’ jitqies bħala ekwivalenti għal dokument tal-ivvjaġġar li jippermetti li tinqasam il-fruntiera esterna jew dokument li jagħti prova tal-identità tal-individwu.

---

(*) Numru ta' referenza li għandu jiġi mogħti mill-pajjiż minn fejn iseħħ it-trasferiment.
(1) *NB:* Il-kliem “Stati Membri” jinkludu l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein.
(2) Stat Membru mnejn qed jiġi trasferit.
(3) Stat Membru li qed jiġi trasferit fih.
(4) Post fejn l-applikant għandu jippreżenta lilu nnifsu mal-wasla tiegħu fl-Istat Membru responsabbli.
(5) Skadenza sa meta l-applikant għandu jippreżenta lilu nnifsu mal-wasla tiegħu fl-Istat Membru responsabbli.
(6) Fuq il-bażi ta’ dawn id-dokumenti tal-ivvjaġġar jew tal-identità li ġejjin ippreżentati lill-awtoritajiet
(7) Fuq il-bażi ta’ dikjarazzjoni mill-applikant tal-asil jew ta’ dokumenti għajr dokument tal-ivvjaġġar jew tal-identità

*ANNESS V*

**TALBA GĦALL-INFORMAZZJONI SKONT L-ARTIKOLU 34 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 604/2013**

Data: ___ / ___ /____

Nru ta’ Referenza: ........................................................................................

Individwu kkonċernat:

— Kunjom: ........................................................................................

— Isem: ........................................................................................

— Data tat-twelid: ........................................................................................

— Post tat-twelid: ........................................................................................

— Nazzjonalità: ........................................................................................

Evidenza indikattiva mehmuża: Iva: ☐ Le: ☐

(jekk jogħġbok speċifika)

..............................................................................................................................................................................................
..............................................................................................................................................................................................

Din it-talba għall-informazzjoni tikkonċerna:

| | | | |
|---|---|---|---|
| dokument ta' residenza: | ☐ | appell: | ☐ |
| dokument tal-ivvjaġġar: | ☐ | deċiżjoni: | ☐ |
| viża: | ☐ | tkeċċija: | ☐ |
| applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali: | ☐ | oħrajn: | ☐ |

Dettalji: ..............................................................................................................................................................................
..............................................................................................................................................................................................
..............................................................................................................................................................................................
..............................................................................................................................................................................................
..............................................................................................................................................................................................
..............................................................................................................................................................................................

*ANNESS VI*

**FORMOLA STANDARD GĦAT-TRASFERIMENT TAD-DEJTA QABEL TRASFERIMENT SKONT L-ARTIKOLU 31(4) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 604/2013**

Data (JJ/XX/SS):

Stat Membru li jagħmel it-trasferiment:

Numru ta' referenza fl-Istat Membru li qed jagħmel it-trasferiment:

Stat Membru responsabbli:

Numru ta' referenza fl-Istat Membru responsabbli:

Dejta li tidentifika l-persuna li se tiġi trasferita:

Kunjom: (jekk differenti fl-Istat Membru responsabbli jekk jogħġbok speċifika )

Isem: (jekk differenti fl-Istat Membru responsabbli jekk jogħġbok speċifika )

Psewdonimu: (jekk differenti fl-Istat Membru responsabbli jekk jogħġbok speċifika )

Data u post tat-twelid:

Nazzjonalità/Nazzjonalitajiet:

Sess: R/M

Żmien tat-trasferiment:

☐ Fi żmien sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba;

☐ Fi żmien sitt xhur minn deċiżjoni fuq appell b'effett sospensiv; jekk jogħġbok indika d-data meta ngħatat id-deċiżjoni finali fl-appell jew għar-rieżami

☐ Fi żmien sena mill-aċċettazzjoni tat-talba, minħabba l-priġunerija tal-persuna;

☐ Fi żmien 18-il xahar mill-aċċettazzjoni tat-talba, minħabba l-ħarba tal-persuna.

Dejta dwar it-trasferiment:

Tip ta' trasferiment:

— Trasferiment volontarju ☐

— Bi tluq sorveljat ☐

— Bi skorta ☐; jekk possibbli, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji tal-iskorta (isem, kariga eċċ)

Data tat-trasferiment proposta (JJ/XX/SS):

Mezzi użati għat-trasferiment tal-persuna lejn l-Istat Membru responsabbli:

— Bil-karozza ☐ (jekk jogħġbok ipprovdi dettalji speċifiċi )

— Bil-ferrovija ☐ (jekk jogħġbok ipprovdi dettalji speċifiċi )

— Bl-ajru ☐ (jekk jogħġbok ipprovdi dettalji speċifiċi )

— Oħrajn ☐ (jekk jogħġbok semmi b'liema mezz u pprovdi dettalji speċifiċi )

Post fit-territorju [1] tal-Istat Membru responsabbli fejn il-persuna se tkun qed tirrapporta jew fejn se tingħata lill-awtoritajiet:

---

[1] L-espressjoni "fit-territorju" tkopri kemm punti mal-fruntiera u territorju intern, kif ukoll sitwazzjonijiet ta' trasferimenti bi skorta (li jistgħu jiġu limitati sal-punt tal-fruntiera) u sitwazzjonijiet ta' trasferimenti volontarji (fejn il-persuna qed tirrapporta lill-awtoritajiet tal-protezzjoni internazzjonali ġewwa t-territorju wkoll). Ir-regoli dwar il-qsim tal-ispejjeż bejn l-Istati Membri li jibagħtu u li jirċievu huma stipulati fir-Regolament (UE) Nru 604/2013, l-Artikolu 30.

Data u ħin tal-wasla previsti fl-Istat Membru responsabbli:

Il-persuna li se tiġi trasferita se tkun fil-pussess ta':

☐ laissez-passer;

☐ dokument ieħor tal-ivvjaġġjar; jekk jogħġbok indika t-tip u n-numru ta' referenza

Dokumenti li l-persuna se tkun qed iġġorr magħha:

Dejta oħra dwar il-persuna li se tiġi trasferita:

Meta l-persuna tkun se tivvjaġġa mal-familja:

☐ Konjuġi; jekk jogħġbok ipprovdi l-isem, l-età u n-numri ta' referenza, jekk applikabbli

☐ Tfal; jekk jogħġbok ipprovdi l-isem, l-età u n-numri ta' referenza, jekk applikabbli

☐ Kwalunkwe membru ieħor tal-familja; jekk jogħġbok speċifika r-relazzjoni, u pprovdi l-isem, l-età u n-numri ta' referenza, jekk applikabbli

Assistenza meħtieġa mal-wasla, għajr dik relatata mas-saħħa:

Dettalji ta' kuntatt tal-membri tal-familja, il-qraba u relazzjonijiet oħra tal-familja fl-Istat Membru responsabbli:

Lingwi mitkellma mill-persuna(i) trasferita(i):

Jekk qed takkumpanja minorenni, ipprovdi, fejn possibbli, informazzjoni dwar il-livell ta' edukazzjoni tal-minorenni:

Il-kundizzjoni tas-saħħa tal-persuna(i) li se tiġi/jiġu trasferita(i):

☐ Il-persuni kollha li għandhom jiġu trasferiti jidhru b'saħħithom biżżejjed biex jivvjaġġaw;

☐ Persuna jew persuni li għandha/għandhom tiġi/jiġu trasferita/i għandha/għandhom problemi relatati mas-saħħa; f'dan il-każ, jekk jogħġbok agħti l-isem (ismijiet) u n-numri ta' referenza ta' dik/dawk il-persuna(i) u speċifika jekk iċ-ċertifikat(i) korrispondenti tas-saħħa huwiex/humiex mehmuża:

- ☐ iva;
- ☐ le, il-persuna mhijiex fiżikament jew legalment kapaċi tagħti l-kunsens tagħha u l-ebda interess vitali tal-applikant jew ta' persuna oħra ma jista' jiġi affettwat;
- ☐ le, il-persuna rrifjutat li tagħti l-kunsens tagħha biex tiġi trażmessa d-dejta dwar is-saħħa tagħha/tiegħu.

Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar il-persuna(i) li se tiġi/jiġu trasferita(i):

*ANNESS VII*

**FORMOLA STANDARD GĦALL-ISKAMBJU TA' INFORMAZZJONI DWAR TFAL, AĦWA JEW ĠENITUR TA' APPLIKANT F'SITWAZZJONIJIET TA' DIPENDENZA SKONT L-ARTIKOLU 16(4) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 604/2013**

**PARTI A**

DEJTA LI TRID TIMTELA MILL-ISTAT MEMBRU LI QED JAGĦMEL IT-TALBA

Data (JJ/XX/SS): Numru ta' referenza:

Stat Membru li qed jagħmel it-talba:

Stat(i) Membru(i) mitlub(a):

Dejta dwar l-applikant:

Kunjom:

Isem:

Data u post tat-twelid (iddikjarati ☐ jew dokumentati ☐ mill-applikant):

Fin-nuqqas ta' dan, l-età ddikjarata mill-applikant:

Nazzjonalità(ajiet):

Sess: R/M

Data proposta għall-wasla tat-tweġiba:

**Informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni u l-lokalizzazzjoni tal-persuna possibbilment misjuba fit-territorju tal-Istat Membru mitlub:**

— relazzjoni preżunta mal-applikant:

☐ tifel/tifla

☐ aħwa

☐ ġenitur

— dettalji personali tat-tfal, aħwa jew ġenitur:

Kunjom:

Isem:

Data u post tat-twelid:

Nazzjonalità(ajiet) (attwali u preċedenti):

Sess: M ☐/F ☐

Indirizz fl-Istat Membru mitlub:

Jekk jogħġbok ehmeż kwalunkwe evidenza fotografika li tista' tkun utli biex jiġu identifikati t-tfal, l-aħwa jew il-ġenitur.

☐ Evidenza fotografika mehmuża (jekk ikun hemm).

— relazzjoni ddikjarata ta' dipendenza:

☐ l-applikant isostni li huwa dipendenti fuq il-persuna;

☐ il-persuna ssostni li hija dipendenti fuq l-applikant.

— tip ta' dipendenza:

☐ tqala

☐ tarbija tat-twelid

☐ mard serju

☐ diżabbiltà severa

☐ xjuħija

Kwalunkwe kumment ieħor:

## PARTI B

DEJTA LI TRID TIMTELA MILL-ISTAT MEMBRU MITLUB

Numru ta' referenza:

**Informazzjoni mitluba:**

✓ Dwar il-preżenza tal-persuna fit-territorju tal-Istat Membru mitlub, jekk jogħġbok speċifika:

☐ Il-persuna ma nstabitx;

— Jekk il-persuna msemmija hawn fuq hija legalment residenti fl-Istat Membru mitlub:

☐ Iva

☐ Le

☐ fi proċedura li għadha għaddejja għall-kisba tar-residenza legali (informazzjoni addizzjonali: )

☐ Kwalunkwe sitwazzjoni oħra (jekk jogħġbok semmi liema):

✓ Fejn ġiet identifikata u/jew instabet il-persuna, jekk jogħġbok ipprovdi:

— Isem:

— Kunjome:

— Data u post tat-twelid:

— Nazzjonalità:

— Dettalji ta' kuntatt: indirizz, numru tat-telefown, eċċ:

Kwalunkwe informazzjoni oħra li tippermetti li tiġi identifikata jew lokalizzata l-persuna (ritratti, dikjarazzjonijiet, informazzjoni amministrattiva, eċċ.)

*F'sitwazzjonijiet fejn it-tifel/tifla, aħwa jew il-ġenitur huwa (huma) identifikati bħala legalment residenti fl-Istat Membru mitlub:*

✓ Relazzjoni ddikjarata mal-applikant:

— Jekk jogħġbok speċifika, wara inkjesta, in-natura meqjusa tar-relazzjoni tal-persuna identifikata mal-applikant:

— Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar it-tip ta' dejta użata biex tiġi stabbilita r-relazzjoni (pereżempju ċertifikati amministrattivi jew tipi oħra ta' dokumenti uffiċjali li nstabu fil-pussess tal-persuna)

✓ Fejn applikabbli, il-kapaċità meqjusa tal-persuna li tieħu ħsieb l-applikant:

☐ Il-persuna ma tidhirx li hija kapaċi li tieħu ħsieb l-applikant

☐ Il-persuna tidher li hija kapaċi li tieħu ħsieb l-applikant

Fil-każ tal-aħħar, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni preliminari dwar xi wieħed mill-aspetti li ġejjin jew dwarhom kollha:

☐ Evidenza bażika tal-kapaċità materjali li tieħu ħsieb l-applikant (informazzjoni finanzjarja, informazzjoni dwar l-impjieg, informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali, eċċ.) – jekk jogħġbok ehmeż id-dokumentazzjoni;

☐ Evidenza tal-kapaċità li tieħu ħsieb l-applikant (il-persuna tesprimi x-xewqa tagħha bil-miktub li tieħu ħsieb l-applikant, il-persuna tidher soċjalment u psikoloġikament tajba biex tieħu ħsieb l-applikant, il-persuna diġà ħadet ħsieb l-applikant fil-passat, eċċ.) - jekk jogħġbok ehmeż il-kunsens bil-miktub.

✓ Jekk applikabbli, l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità pubblika, is-servizzi ta' rappreżentanza, l-NGOs jew l-OIG li kienu involuti fl-identifikazzjoni u l-lokalizzazzjoni tal-persuna, il-valutazzjoni tal-livell ta' relazzjoni jew l-evalwazzjoni tal-kapaċità li tieħu ħsieb l-applikant u li jistgħu jiġu kkuntattjati minn servizzi mediċi/soċjali fl-Istat Membru li qed jagħmel it-talba

Kwalunkwe kumment ieħor:

*ANNESS VIII*

**FORMOLA STANDARD GĦALL-ISKAMBJU TAL-INFORMAZZJONI DWAR IL-FAMILJA, AĦWA JEW QRABA TA' TFAL MHUX AKKUMPANJATI SKONT IL-PROĊEDURA TA' DUBLIN SKONT L-ARTIKOLU 6(5) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 604/2013**

**PARTI A**

DEJTA LI TRID TIMTELA MILL-ISTAT MEMBRU RIKJEDENTI

Data (JJ/XX/SS): Numru ta' referenza:

Stat Membru li jkun qed jagħmel ir-rikjesta:

Stat(i) Membru(i) mitlub(a)

Dejta dwar it-tifel/tifla:

Kunjom:

Isem:

Data tat-twelid kif iddokumentata:

Fin-nuqqas tagħha, l-età ddikjarata mit-tifel/tifla:

Post tat-twelid:

Il-valutazzjoni tal-età magħmula mill-SM li jkun qed jagħmel ir-rikjesta:

☐ Iva; jekk jogħġbok speċifika l-metodu użat għall-valutazzjoni u r-riżultat

☐ Le

Nazzjonalità(ajiet) jew pajjiż ta' residenza abitwali, jekk meqjus apolidi:

Sess: R ☐/M ☐

Data proposta għall-wasla tat-tweġiba ([1]):

**Raġunijiet għat-talba għall-informazzjoni** (jekk jogħġbok immarka waħda minn dawn il-kaxxi li ġejjin, kif xieraq):

☐ Informazzjoni pprovduta mit-tifel/tifla: (jekk jogħġbok indika fil-qosor il-kontenut tal-informazzjoni utli għall-identifikazzjoni tal-ġenituri, aħwa jew qraba)

☐ L-opinjonijiet tat-tifel/tifla, [fir-rigward tal-kura fil-futur], f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament

☐ Informazzjoni pprovduta minn persuna oħra li vvjaġġat mat-tifel/tifla: (jekk jogħġbok indika n-natura tar-relazzjoni ta' din il-persuna mat-tifel/tifla u ddeskrivi fil-qosor il-kontenut tal-informazzjoni utli għall-identifikazzjoni tal-ġenituri, l-aħwa jew il-qraba);

☐ Informazzjoni pprovduta permezz tar-rappreżentant: (jekk jogħġbok indika fil-qosor il-kontenut tal-informazzjoni utli għall-identifikazzjoni tal-ġenituri, aħwa jew qraba);

☐ Informazzjoni pprovduta permezz tal-mezzi għall-protezzjoni tat-tfal/is-Salib l-Aħmar/l-UNHCR/il-KISA/NGOs jew OIG oħrajn: (jekk jogħġbok indika liema organizzazzjoni u ddeskrivi fil-qosor il-kontenut tal-informazzjoni utli għall-identifikazzjoni tal-ġenituri, l-aħwa jew il-qraba)

Dwar l-identità tal-persuna li ġejja possibbilment misjuba fit-territorju tal-Istat Membru mitlub:

Kunjom:

Isem:

Nazzjonalità/nazzjonalitajiet

Sess: R ☐/M ☐

Dettalji ta' kuntatt, jekk magħrufa (indirizz, numru tat-telefown, kif applikabbli):

Kwalunkwe informazzjoni oħra li tippermetti li tiġi lokalizzata l-persuna fl-Istat Membru mitlub:

([1]) Id-data tal-għeluq proposta ta' erba' ġimgħat se tiġi inkluża fl-artikolu rilevanti tar-regolament ta' implimentazzjoni.

Relazzjoni preżunta mat-tifel/tifla:

☐ ġenitur

☐ adult responsabbli

☐ aħwa

☐ zija/ziju

☐ nanna/nannu

☐ kwalunkwe relazzjoni oħra tal-familja, mhux definita mir-Regolament (jekk jogħġbok speċifika: )

Jekk jogħġbok ehmeż kwalunkwe evidenza fotografika pprovduta, li tista' tkun utli biex tiġi identifikata l-persuna kkonċernata.

☐ Evidenza fotografika mehmuża

Kwalunkwe kumment ieħor:

**PARTI B**

DEJTA LI TRID TIMTELA MILL-ISTAT MEMBRU MITLUB:

Numru ta' referenza:

✓ Dwar il-preżenza tal-persuna fit-territorju tal-Istat Membru mitlub, jekk jogħġbok speċifika:

☐ Il-persuna ma nstabitx;

☐ Il-persuna nstabet; f'dan il-każ, jekk jogħġbok agħti:

Kunjom:

Isem:

Data u post tat-twelid:

Nazzjonalità:

Dettalji ta' kuntatt, jekk magħrufa (indirizz, numru tat-telefown, kif applikabbli):

Kwalunkwe informazzjoni biex tiġi lokalizzata din il-persuna:

— Jekk il-persuna msemmija hawn fuq hija legalment preżenti fit-territorju tal-Istat Membru mitlub:

☐ Iva

☐ Le

☐ fi proċedura li għadha għaddejja għall-kisba ta' residenza legali (informazzjoni addizzjonali: )

☐ Kwalunkwe sitwazzjoni oħra (jekk jogħġbok semmi liema):

— Jekk "iva", taħt liema status (jekk jogħġbok immarka waħda minn dawn il-kaxxi li ġejjin jew aktar, kif applikabbli):

☐ applikant għall-protezzjoni internazzjonali

☐ benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali

☐ b'viża ta' terminu qasir

☐ b'permess ta' residenza jew ta' viża għal żjara fit-tul

☐ fi proċedura għall-kisba ta' permess ta' residenza

☐ Fil-ħabs (jekk jogħġbok speċifika r-raġuni, il-bidu u t-tul ta' żmien tal-priġunerija )

☐ kwalunkwe status legali ieħor (jekk jogħġbok speċifika )

— Jekk il-persuna hija preżenti fit-territorju tal-Istat Membru mitlub bi status irregolari:

☐ Fi proċedura ta' ritorn

☐ Fil-ħabs (jekk jogħġbok speċifika r-raġuni, il-bidu u t-tul ta' żmien tal-priġunerija )

☐ F'detenzjoni (jekk jogħġbok speċifika l-bidu u t-tul ta' żmien tal-perjodu ta' detenzjoni )

☐ Kwalunkwe sitwazzjoni oħra (jekk jogħġbok semmi liema):

— Jekk il-persuna m'għadhiex legalment preżenti fit-territorju tal-Istat Membru mitlub:

☐ Data tat-tluq

(jekk jogħġbok ipprovdi d-data tar-ritorn JJ/XX/SS)

☐ Il-persuna ħarbet

(jekk jogħġbok ipprovdi d-data approssimattiva tal-ħarba JJ/XX/SS )

☐ Kwalunkwe sitwazzjoni oħra (jekk jogħġbok speċifika)

— Jekk ikun possibbli, fil-każ li jkun magħruf il-post fejn tinsab il-persuna, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji ta' kuntatt: indirizz, numru tat-telefown, eċċ.

— Kwalunkwe informazzjoni oħra li tippermetti li tiġi identifikata jew lokalizzata l-persuna (ritratti, dikjarazzjonijiet, informazzjoni amministrattiva, eċċ.)

— Jekk l-Istat Membru mitlub huwa jew kien konxju mill-preżenza ta' membri tal-familja jew qraba, iżda m'għadux konxju tal-post fejn jinstabu, jekk jogħġbok speċifika ċ-ċirkostanzi ta' din il-preżenza

*F'sitwazzjoni fejn il-persuna/persuni msemmija hawn fuq hija/huma legalment preżenti fit-territorju tal-Istat Membru mitlub:*

✓ Relazzjoni tal-persuna mat-tifel/tifla:

— Jekk jogħġbok speċifika, wara inkjesta, in-natura meqjusa tar-relazzjoni tal-persuna identifikata mat-tifel/tifla:

— Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar it-tip ta' dejta użata biex tiġi stabbilita r-relazzjoni (pereżempju ċertifikati amministrattivi jew tipi oħra ta' dokumenti uffiċjali li nstabu fil-pussess tal-persuna)

✓ Kapaċità meqjusa tal-persuna li tieħu ħsieb it-tifel/tifla:

☐ Il-persuna ma tidhirx li hija kapaċi li tieħu ħsieb it-tifel/tifla

☐ Il-persuna tidher li hija kapaċi li tieħu ħsieb it-tifel/tifla

Fil-każ tal-aħħar, jekk jogħġbok agħti indikazzjoni preliminari dwar kwalunkwe mill-aspetti li ġejjin jew kollha:

☐ Evidenza materjali tal-kapaċità li tieħu ħsieb it-tifel/tifla (informazzjoni finanzjarja, informazzjoni dwar l-impjieg, informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali, eċċ.)

☐ Evidenza tal-kapaċità li tieħu ħsieb it-tifel/tifla (il-persuna tixtieq tieħu ħsieb it-tifel/tifla, il-persuna tidher soċjalment u psikoloġikament tajba biex tieħu ħsieb il-it-tifel/tifla, il-persuna diġà ħadet ħsieb it-tifel/tifla fil-passat, eċċ.)

✓ Jekk applikabbli, l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità pubblika, is-servizzi ta' rappreżentanza, l-NGOs jew l-OIG li kienu involuti fl-identifikazzjoni u l-lokalizzazzjoni tal-persuna, il-valutazzjoni tal-livell ta' relazzjoni jew l-evalwazzjoni tal-kapaċità li tieħu ħsieb it-tifel/tifla u li jistgħu jiġu kkuntattjati minn servizzi simili fl-Istat Membru rikjedenti

Kummenti jew informazzjoni rilevanti oħra:

Dokumenti mehmuża (fejn xieraq):

*ANNESS IX*

**FORMOLA STANDARD GĦALL-ISKAMBJU TAD-DEJTA DWAR IS-SAĦĦA QABEL TRASFERIMENT TA' DUBLIN SKONT L-ARTIKOLU 32(1) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 604/2013)**

**(Ċertifikat komuni tas-saħħa)**

Data (JJ/XX/SS):

Stat Membru li qed jagħmel it-trasferiment:

Numru ta' referenza fl-Istat Membru li qed jagħmel it-trasferiment:

Stat Membru responsabbli:

Numru ta' referenza fl-Istat Membru responsabbli:

Dejta li tidentifika l-persuna trasferita:

Kunjom:

Isem:

Data u post tat-twelid:

Nazzjonalità(ajiet):

Sess: FORMTEXT R ☐/M ☐

Informazzjoni dwar it-trasferiment:

Tip ta' trasferiment:

☐ Trasferiment volontarju;

☐ Bi tluq taħt superviżjoni;

☐ Bi skorta.

Mezzi użati għat-trasferiment tal-persuna lejn l-Istat Membru responsabbli:

☐ Bil-karozza

☐ Bil-ferrovija

☐ Bl-ajru

☐ Mezz ieħor (jekk jogħġbok speċifika liema u agħti dettalji speċifiċi )

I. **Informazzjoni provduta mill-Istat Membru li qed jagħmel it-trasferiment**

Evalwazzjoni ġenerali tas-saħħa tal-persuna:

☐ Persuna b'diżabbiltà

☐ Anzjan

☐ Tqila

☐ Minorenni

☐ Vittma ta' tortura jew forma oħra ta' vjolenza fiżika

☐ Vittma ta' stupru jew forma oħra ta' vjolenza sesswali

☐ Vittma ta' vjolenza psikoloġika

☐ Tbati minn kundizzjoni psikjatrika

☐ Tbati minn kwalunkwe kundizzjoni oħra li teħtieġ għajnuna medika

Jekk jogħġbok speċifika jekk l-evalwazzjoni kinitx ibbażata fuq l-awtovalutazzjoni tal-persuna jew provduta minn persunal mediku:

Dijanjożi medika (jekk applikabbli):

Jekk applikabbli, speċifika t-trattament: u l-mediċini użati

Tul ta' żmien tat-trattament (meta magħruf): minn ; sa

Speċifika jekk huwiex meħtieġ li t-trattament jitkompla mal-wasla fl-Istat Membru responsabbli: sa

Tip ta' segwitu mediku meħtieġ fil-ġejjieni (jekk ikun magħruf u meqjus meħtieġ)

II. **Informazzjoni rilevanti matul it-trasferiment**

Il-persuna hija akkumpanjata/megħjuna matul it-trasferiment:

☐ Minn tabib:

☐ Minn assistent mediku:

☐ Minn persunal tas-sigurtà

☐ Mhux akkumpanjat/a

Jekk il-persuna tkun akkumpanjata, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar il-persunal ta' akkumpanjament:

Intervent mediku/assistenza medika meħtieġ(a) matul it-trasferiment:

— ☐ Iva liema:

— ☐ Le

Jekk il-persuna tkunx qed tieħu xi mediċini li jistgħu jinfluwenzaw/ibiddlu l-istat tal-persuna matul it-trasferiment:

— ☐ Iva, liema:

— ☐ Le

Bżonnijiet speċjali matul it-trasferiment:

III. **Kunsiderazzjonijiet li għandhom jitqiesu mal-wasla**

Assistenza medika jew assistenza għall-bżonnijiet speċjali meħtieġa mal-wasla:

— ☐ Iva, liema:

— ☐ Le

IV. **Kunsens espliċitu tal-persuna trasferita jew tar-rappreżentant tagħha għat-trasmissjoni tal-informazzjoni dwar is-saħħa:**

☐ Iva, mill-persuna kkonċernata

☐ Iva, mir-rappreżentant tal-persuna kkonċernata

☐ Il-persuna mhijiex fiżikament kapaċi li tagħti l-kunsens tagħha; jekk jogħġbok speċifika, f'konformità mal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, liema interessi vitali jistgħu jiġu affettwati

☐ Il-persuna mhijiex legalment kapaċi li tagħti l-kunsens tagħha; jekk jogħġbok speċifika, f'konformità mal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, liema interessi vitali jistgħu jiġu affettwati

Xi kummenti oħra:

*ANNESS X*

## PARTI A

INFORMAZZJONI DWAR IR-REGOLAMENT TA' DUBLIN GĦALL-APPLIKANTI GĦALL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI SKONT L-ARTIKOLU 4 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 604/2013 ([1])

Inti staqsejtna biex nipproteġuk għaliex taħseb li ġejt imġiegħel titlaq minn pajjiżek stess minħabba persekuzzjoni, gwerra jew riskju ta' dannu serju. Din, il-liġi ssejħilha "applikazzjoni/talba għal protezzjoni internazzjonali" u lilek issejjaħlek – l-"applikant". Il-persuni li jfittxu protezzjoni spiss jissejħu "persuni li jfittxu l-ażil".

**Il-fatt li staqsejt għall-ażil hawn ma jiggarantixxix li t-talba tiegħek se tiġi eżaminata hawnhekk. Il-pajjiż li se jeżamina t-talba tiegħek huwa magħżul permezz ta' proċess stabbilit minn liġi tal-Unjoni Ewropea magħrufa bħala r-Regolament ta' "Dublin". Skont din il-liġi, pajjiż wieħed biss huwa responsabbli biex jeżamina t-talba tiegħek.**

Din il-liġi hija applikata f'reġjun ġeografiku li jinkludi 32 pajjiż ([2]). Għall-iskop ta' dan il-fuljett, dawn it-32 pajjiż qed insejħulhom il-"pajjiżi ta' Dublin".

**Jekk hemm xi ħaġa f'dan il-fuljett li ma tifhimx, jekk jogħġbok staqsi lill-awtoritajiet tagħna.**

Qabel ma tista' tiġi kkunsidrata t-talba tiegħek għal ażil, aħna rridu nistabbilixxu jekk aħniex responsabbli biex neżaminawha jew jekk huwiex responsabbli pajjiż ieħor – din aħna insejħula "proċedura ta' Dublin". Il-proċedura ta' Dublin ma tikkonċernax ir-raġuni tiegħek għaliex applikajt għall-ażil. Se tittratta biss il-kwistjoni ta' liema pajjiż huwa responsabbli biex jagħmel deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħek għall-ażil.

— **Kemm jeħtieġ żmien biex tittieħed deċiżjoni dwar liema pajjiż se jikkunsidra l-applikazzjoni tiegħi?**

— **Kemm jeħtieġ żmien biex tiġi eżaminata l-applikazzjoni tiegħi?**

Jekk l-awtoritajiet tagħna jiddeċiedu li aħna responsabbli biex niddeċiedu dwar l-applikazzjoni tiegħek għall-ażil, dan ifisser li int tista' tibqa' f'dan il-pajjiż u l-applikazzjoni tiegħek tiġi eżaminata hawnhekk. Il-proċess ta' eżaminazzjoni tal-applikazzjoni tiegħek imbagħad jibda minnufih.

Jekk niddeċiedu li pajjiż ieħor huwa responsabbli għall-applikazzjoni tiegħek, se nippruvaw nibagħtuk f'dak il-pajjiż malajr kemm jista' jkun sabiex l-applikazzjoni tiegħek tkun tista' tiġi kkunsidrata hemmhekk. Il-proċedura kollha ta' Dublin, sakemm tiġi ttrasferit f'dak il-pajjiż tista', taħt ċirkostanzi normali, **tieħu sa 11-il xahar.** It-talba tiegħek imbagħad se tiġi eżaminata fil-pajjiż responsabbli. Dan il-perjodu ta' żmien jista' jkun differenti jekk inti taħrab l-awtoritajiet, tiġi arrestat jew detenut, jew jekk tappella d-deċiżjoni tat-trasferiment. Jekk int tinsab f'waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet, inti se tirċievi informazzjoni speċifika, li tinfurmak dwar liema perjodu ta' żmien japplika għalik. Jekk inti tinsab detenut, inti se tkun infurmat dwar ir-raġunijiet għad-detenzjoni u r-rimedji legali disponibbli għalik.

— **Kif jiġi deċiż liema pajjiż huwa responsabbli għall-applikazzjoni tiegħi?**

Il-liġi tistipula diversi raġunijiet għaliex pajjiż jista' jkun responsabbli biex jeżamina t-talba tiegħek. Dawn ir-raġunijiet huma kkunsidrati mil-liġi fl-ordni ta' importanza u l-iktar raġuni importanti hi jekk għandekx membru tal-familja preżenti f'dak il-pajjiż ta' Dublin; jekk inti fil-preżent jew fil-passat kellekx viża jew permess ta' residenza maħruġ minn pajjiż ta' Dublin; jew jekk ivvjaġġajtx lejn, jew għaddejtx minn pajjiż ieħor ta' Dublin, legalment jew b'mod irregolari.

**Huwa importanti li inti infurmana malajr kemm jista' jkun jekk għandek membri tal-familja f'pajjiż ta' Dublin ieħor.** Jekk żewġek, il-mara jew it-tfal ikunu applikanti għall-ażil jew ikunu ngħataw protezzjoni internazzjonali f'pajjiż ta' Dublin ieħor, dak il-pajjiż jista' jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni ta' ażil tiegħek.

Aħna nistgħu nagħżlu li neżaminaw l-applikazzjoni tiegħek f'dan il-pajjiż, anke jekk dan l-eżami mhux ir-responsabbiltà tagħna skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament ta' Dublin. Aħna mhux se nibagħtuk lejn pajjiż fejn ikun stabbilit li d-drittijiet tal-bniedem tiegħek jistgħu jiġu miksura.

— **X'jiġri jekk ma rridx immur f'pajjiż ieħor?**

Għandek il-possibbiltà li tgħid li ma taqbilx ma' deċiżjoni li tintbagħat f'pajjiż ta' Dublin ieħor, u tista' tikkontesta dik id-deċiżjoni quddiem qorti jew tribunal. Tista' wkoll titlob biex tibqa' f'dan il-pajjiż sakemm l-appell jew ir-reviżjoni tiegħek tiġi deċiża.

---

([1]) Dan il-fuljett huwa għal finijiet ta' informazzjoni biss. L-għan tiegħu huwa li jipprovdi l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali b'informazzjoni rilevanti rigward il-proċedura ta' Dublin. Dan ma joħloqx/jinvolvix fih innifsu drittijiet jew obbligi legali. Id-drittijiet u l-obbligi ta' Stati u persuni skont il-proċedura ta' Dublin huma tali kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 604/2013.

([2]) Il-pajjiżi ta' Dublin jinkludu 28 pajjiż tal-Unjoni Ewropea (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit) kif ukoll 4 pajjiżi "assoċjati" mar-Regolament ta' Dublin (in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera u l-Liechtenstein).

Jekk inti tabbanduna l-applikazzjoni tiegħek għall-ażil u tmur f'pajjiż ta' Dublin ieħor, inti x'aktarx se tiġi ttrasferit lura lejn dan il-pajjiż jew lejn il-pajjiż responsabbli.

**Huwa għalhekk importanti li ladarba tkun applikajt għall-ażil, tibqa' hawnhekk sakemm niddeċiedu 1) min huwa responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil tiegħek u/jew 2) li neżaminaw it-talba tiegħek f'dan il-pajjiż.**

**Jekk jogħġbok kun af li jekk nikkunsidraw li int x'aktarx se tipprova taħrab jew tistaħbilna għax ma tridx li nibagħtuk pajjiż ieħor, inti tista' titqiegħed f'detenzjoni (ċentru magħluq). Jekk jiġri dan, inti se jkollok id-dritt għal rappreżentant legali u se ninfurmawk bid-drittijiet l-oħra tiegħek, inkluż id-dritt ta' appell kontra d-detenzjoni tiegħek.**

— **Għaliex qed niġi mitlub joħduli l-marki tas-swaba' tiegħi?**

Meta tippreżenta talba għall-ażil, jekk għandek 14-il sena jew iktar, il-marki tas-swaba' tiegħek se jittieħdu u jiġu trażmessi għal bażi ta' dejta tal-marki tas-swaba' msejjaħ "Eurodac". **Jeħtieġ li tikkoopera ma' din il-proċedura – inti obbligat bil-liġi li jittieħdu l-marki tas-swaba' tiegħek.**

Jekk il-marki tas-swaba' tiegħek mhumiex ta' kwalità tajba, inkluż jekk għamiltilhom deliberatament il-ħsara, il-marki tas-swaba' tiegħek se jittieħdu mill-ġdid fil-futur.

Il-marki tas-swaba' tiegħek se jiġu vverifikati fil-Eurodac biex naraw jekk int qattx applikajt għall-ażil qabel jew jekk qatt ittiħdulekx il-marki tas-swaba' tiegħek fi fruntiera. Dan jgħin biex niddeterminaw liema pajjiż huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tat-talba għall-ażil tiegħek.

Il-marki tas-swaba' tiegħek jistgħu wkoll jiġu ċċekkjati fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), li hija bażi ta' dejta li fiha l-informazzjoni dwar il-viżi mogħtija fiż-żona Schengen. Jekk għandek viża kurrenti jew preċedenti għal pajjiż ta' Dublin ieħor, inti tista' tintbagħat hemm għall-konsiderazzjoni tat-talba tiegħek għal protezzjoni internazzjonali.

Billi għamilt applikazzjoni għall-ażil, id-dejta tal-marki tas-swaba' tiegħek se tkun maħżuna minn Eurodac għal 10 snin – wara 10 snin, din se titħassar awtomatikament mill-Eurodac. Jekk it-talba tiegħek għall-ażil tintlaqa', il-marki tas-swaba' tiegħek se jibqgħu fil-bażi ta' dejta sakemm jitħassru awtomatikament. Jekk issir ċittadin(a) ta' pajjiż ta' Dublin, il-marki tas-swaba' tiegħek jitħassru f'dak il-punt. Il-marki tas-swaba' tiegħek u s-sess tiegħek se jiġu maħżuna fil-Eurodac – ismek, ir-ritratt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità tiegħek ma jintbagħtux lill-bażi ta' dejta tal-Eurodac, iżda jistgħu jinħażnu f'bażi ta' dejta nazzjonali.

Inti tista' f'kull mument fil-ġejjieni titlobna għad-dejta relatata miegħek li aħna nkunu rreġistrajna fil-Eurodac. Jekk taħseb li d-dejta mhijiex korretta jew li mhux suppost tinħażen, inti tista' titlob li tiġi kkoreġuta jew imħassra. **Informazzjoni dwar l-awtoritajiet responsabbli għat-trattament (jew il-kontroll) tad-dejta tiegħek f'dan il-pajjiż u l-awtoritajiet rilevanti responsabbli għas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta tinsab hawn taħt.**

Il-Eurodac huwa mħaddem minn Aġenzija tal-Unjoni Ewropea msejħa l-eu-LISA. Id-dejta tiegħek tista' tintuża biss għall-finijiet definiti mil-liġi. Is-Sistema Ċentrali tal-Eurodac biss se tirċievi d-dejta tiegħek. Jekk fil-futur titlob l-ażil f'pajjiż ta' Dublin ieħor, il-marki tas-swaba' tiegħek se jintbagħtu lil dak il-pajjiż għal verifika. Id-dejta maħżuna fil-Eurodac mhi se tinqasam mal-ebda pajjiż jew organizzazzjoni oħra barra l-pajjiżi ta' Dublin.

Mill-20 ta' Lulju 2015, il-marki tas-swaba' tiegħek jistgħu jiġu mfittxija minn awtoritajiet bħall-pulizija u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) li jistgħu jitolbu aċċess għall-bażi tad-dejta tal-Eurodac għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-iżvelar u l-investigazzjoni ta' reati serji u t-terroriżmu.

**X'inhuma d-drittijiet tiegħi matul il-perjodu li fih jintgħażel il-pajjiż responsabbli għat-talba għall-ażil tiegħi?**

Għandek id-dritt li tibqa' f'dan il-pajjiż jekk aħna responsabbli biex neżaminaw it-talba għall-ażil tiegħek, jew, fejn huwa responsabbli pajjiż ieħor, sakemm tiġi ttrasferit hemmhekk. Jekk dan il-pajjiż hu responsabbli biex jeżamina t-talba għall-ażil tiegħek, għandek id-dritt li tibqa' hawnhekk għall-inqas sakemm tittieħed l-ewwel deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-ażil tiegħek. Inti intitolat ukoll li tibbenefika minn kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, eż. akkomodazzjoni, ikel eċċ., kif ukoll kura medika bażika u assistenza medika ta' emerġenza. Inti se tingħata l-opportunità li tipprovdina b'informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tiegħek u l-preżenza ta' membri tal-familja fit-territorju tal-pajjiżi ta' Dublin bil-fomm u/jew bil-miktub u, meta tagħmel dan, int tista' tuża l-lingwa materna tiegħek jew kwalunkwe lingwa oħra li titkellem tajjeb (jew li jkollok interpretu, jekk ikun hemm bżonn). Inti se tirċievi wkoll kopja bil-miktub tad-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħek lejn pajjiż ieħor. Inti intitolat ukoll tikkuntattjana għal aktar informazzjoni u/jew tikkuntattja l-uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) f'dan il-pajjiż.

| |
|---|
| Jekk nikkunsidraw li pajjiż ieħor jista' jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħek, inti tirċievi informazzjoni aktar dettaljata dwar dik il-proċedura u kif din taffettwa lilek u lid-drittijiet tiegħek. [1] |

(1) L-informazzjoni pprovduta hija dik prevista skont il-Parti B ta' dan l-Anness.

**Informazzjoni ta' kuntatt, b'mod partikolari:** (*Imla b'informazzjoni speċifika għall-Istat Membru*)

— L-indirizz, u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità tal-ażil;

— Id-dettalji tal-Awtorità Superviżorja Nazzjonali;

— L-identità tal-kontrollur tal-Eurodac u tar-rappreżentant tiegħu/tagħha;

— Id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċċju tal-kontrollur;

— Id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċċju lokali tal-UNHCR (jekk hemm wieħed);

— Id-dettalji ta' kuntatt tal-fornituri ta' assistenza legali/l-organizzazzjonijiet li jappoġġjaw ir-refuġjati;

— Id-dettalji ta' kuntatt tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni.

## PARTI B

IL-PROĊEDURA TA' DUBLIN — TAGĦRIF GĦALL-APPLIKANTI GĦALL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI LI TINSTAB FI PROĊEDURA TA' DUBLIN, SKONT L-ARTIKOLU 4 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 604/2013 ([1])

**Inti ngħatajt dan il-fuljett minħabba li tlabt għall-protezzjoni internazzjonali (l-ażil) f'dan il-pajjiż jew f'pajjiż ta' Dublin ieħor u l-awtoritajiet hawnhekk għandhom raġunijiet biex jemmnu li pajjiż ieħor jista' jkun responsabbli biex jeżamina t-talba tiegħek.**

**Aħna se niddeterminaw liema pajjiż hu responsabbli permezz ta' proċess stabbilit minn liġi tal-Unjoni Ewropea magħrufa bħala r-Regolament ta' Dublin. Dan il-proċess hu msejjaħ "il-proċedura ta' Dublin". Dan il-fuljett jipprova jwieġeb il-mistoqsijiet l-aktar frekwenti li jista' jkollok dwar din il-proċedura.**

**Jekk hawn xi ħaġa miktuba hawn li ma tifhimx, jekk jogħġbok staqsi lill-awtoritajiet.**

### Għaliex jien ninsab fil-proċedura ta' Dublin?

Ir-Regolament ta' Dublin japplika madwar reġjun ġeografiku li jinkludi 32 pajjiż. **Il-"pajjiżi ta' Dublin" huma:** l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit) kif ukoll l-4 pajjiżi "assoċjati" mas-Sistema ta' Dublin (in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera u l-Liechtenstein).

Il-proċedura ta' Dublin tistabbilixxi liema pajjiż hu responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-ażil tiegħek. Dan ifisser li int tista' tiġi ttrasferit minn dan il-pajjiż lejn pajjiż differenti li huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħek.

Il-proċedura ta' Dublin għandha żewġ skopijiet:

— tiggarantixxi li l-applikazzjoni tiegħek għall-ażil se tilħaq lill-awtorità tal-pajjiż responsabbli biex jeżaminaha;

— tiżgura li inti ma tagħmilx ħafna applikazzjonijiet għall-ażil f'diversi pajjiżi, bil-għan li testendi l-permanenza tiegħek fil-pajjiżi ta' Dublin.

Sakemm jiġi deċiż liema pajjiż huwa responsabbli biex jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tiegħek, l-awtoritajiet hawnhekk mhumiex se jikkunsidraw fid-dettall l-applikazzjoni tiegħek.

*FTAKAR:* Ma tistax titlaq tgħix f'pajjiż ta' Dublin ieħor. Jekk tmur tgħix f'pajjiż ta' Dublin ieħor, int se tkun ittrasferit lura hawnhekk jew lejn pajjiż fejn tkun diġà tlabt għall-ażil. L-abbandun tal-applikazzjoni tiegħek hawnhekk mhux se tibdel il-pajjiż responsabbli. Jekk inti tinħeba jew taħrab, inti tirriskja wkoll li tkun detenut.

Jekk inti kont preżenti fil-passat f'wieħed mill-pajjiżi ta' Dublin u minn dakinhar int tlaqt mir-reġjun tal-pajjiżi ta' Dublin qabel ma wasalt f'dan il-pajjiż, jeħtieġ li tgħidilna. Dan huwa importanti peress li jista' jinfluwenza liema pajjiż hu responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħek. Inti tista' tintalab tipprovdi evidenza taż-żmien li għamilt barra l-pajjiżi ta' Dublin, pereżempju timbru fil-passaport tiegħek, deċiżjoni ta' ritorn jew tneħħija jew dokumenti uffiċjali li juru li għext jew ħdimt barra mill-pajjiżi ta' Dublin.

### X'tagħrif għandi niżgura li l-awtoritajiet ikunu jafu? Kif nista' nispjega din l-informazzjoni lill-awtoritajiet?

X'aktarx li int se tkun intervistat sabiex jiġi ddeterminat liema pajjiż hu responsabbli biex jeżamina t-talba tiegħek għall-ażil. F'din l-intervista, aħna se nispjegaw "il-proċedura ta' Dublin". Inti għandek tipprovdilna l-informazzjoni kollha li

[1] Dan il-fuljett huwa għal finijiet ta' informazzjoni biss. L-għan tiegħu huwa li jipprovdi l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali b'informazzjoni rilevanti rigward il-proċedura ta' Dublin. Dan ma joħloqx/jinvolvix fih innifsu drittijiet jew obbligi legali. Id-drittijiet u l-obbligi ta' Stati u persuni skont il-proċedura ta' Dublin huma tali kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 604/2013.

għandek dwar il-preżenza ta' kwalunkwe membri tal-familja jew qraba fi kwalunkwe pajjiż ta' Dublin, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra li taħseb li tista' tkun rilevanti għall-istabbiliment tal-pajjiż responsabbli (ara hawn taħt għal indikazzjoni dettaljata ta' liema informazzjoni hija rilevanti). Inti għandek ukoll tipprovdilna kwalunkwe dokumenti jew karti fil-pussess tiegħek li fihom informazzjoni rilevanti.

**Jekk jogħġbok għidilna l-informazzjoni kollha rilevanti biex tgħinna niddeterminaw liema pajjiż hu responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħek.**

L-intervista se ssir f'lingwa li inti tifhem jew li int mistenni b'mod raġonevoli li tifhem u tkun kapaċi tikkomunika fiha.

Inti tista' titlob li jkollok interpretu biex jgħinek tikkomunika jekk ma tifhimx il-lingwa użata. L-interpretu għandu jinterpreta biss dak li tgħidu int u l-intervistatur. L-interpretu ma għandux iżid l-opinjonijiet personali tiegħu jew tagħha. Jekk issibha diffiċli biex tifhem l-interpretu, inti għandek tgħidilna u/jew titkellem mal-avukat tiegħek.

L-intervista se tkun kunfidenzjali. Dan ifisser li l-ebda informazzjoni li tipprovdi, inkluż il-fatt li inti applikajt għall-ażil, mhi se tintbagħat lil persuni jew awtoritajiet fil-pajjiż ta' oriġini tiegħek li bi kwalunkwe mod, jistgħu jagħmlu l-ħsara lilek jew lil membri tal-familja tiegħek li għadhom fil-pajjiż ta' oriġini tiegħek.

Inti tista' biss tiġi mċaħħad mid-dritt għal intervista jekk inti diġà pprovdejt din l-informazzjoni b'mezzi oħra, wara li tkun ġejt infurmat dwar il-proċedura ta' Dublin u tal-konsegwenzi tagħha fuq is-sitwazzjoni tiegħek. Jekk ma tkunx intervistat, inti tista' tistaqsi biex tipprovdi aktar informazzjoni rilevanti bil-miktub sabiex jiġi deċiż il-pajjiż responsabbli.

**L-awtoritajiet kif se jistabbilixxu l-pajjiż responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħi?**

Hemm diversi raġunijiet għaliex pajjiż jista' jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħek. Dawn ir-raġunijiet huma applikati fl-ordni ta' importanza mogħtija mil-liġi. Jekk raġuni minnhom ma tkunx rilevanti, li jmiss se tiġi kkunsidrata, eċċ.

Ir-raġunijiet huma marbuta mal-fatturi li ġejjin, skont l-ordni ta' importanza:

— għandek xi membru tal-familja (ir-raġel jew il-mara, tfal taħt l-età ta' 18-il sena) li jkun ingħata protezzjoni internazzjonali jew li huwa persuna li tfittex l-ażil f'pajjiż ta' Dublin ieħor;

**Huwa għalhekk importanti li tinformana jekk għandek membri tal-familja f'pajjiż ta' Dublin ieħor, qabel ma tittieħed l-ewwel deċiżjoni dwar it-talba tiegħek**. Jekk tixtieq li tinġiebu flimkien fl-istess pajjiż, int u l-membru tal-familja tiegħek tridu tesprimu x-xewqa tagħkom bil-miktub.

— ingħatajt fil-passat viża jew permess ta' residenza minn pajjiż ta' Dublin ieħor;

— ittiħdulek il-marki tas-swaba' f'pajjiż ta' Dublin ieħor (u ġew maħżuna f'bażi ta' dejta Ewropea msejħa l-Eurodac ([1]));

— hemm evidenza li mort, jew għaddejt minn pajjiż ta' Dublin ieħor, anke jekk ma ttiħdulekx il-marki tas-swaba' tiegħek hemmhekk.

**X'jiġri jekk jien niddependi fuq il-kura ta' xi ħadd jew jekk xi ħadd jiddependi fuqi?**

Inti tista' tingħaqad fl-istess pajjiż m'**ommok, missierek, ibnek/bintek jew ħutek** jekk japplikaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

— huma legalment residenti f'wieħed mill-pajjiżi ta' Dublin;

— persuna minnkom tinsab tqila, jew għandha tarbija tat-twelid, jew tinsab marida serjament, jew għandha diżabilità severa jew hija anzjana;

— persuna minnkom tiddependi fuq l-assistenza ta' xi ħaddieħor, li huwa kapaċi jieħu ħsiebha.

Il-pajjiż fejn ibnek/bintek, ħuk/oħtok jew ġenitur huma residenti normalment għandu jaċċetta r-responsabbiltà biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħek, sakemm ir-rabtiet familjari tiegħek kienu jeżistu fil-pajjiż ta' oriġini tiegħek. Intom se tiġu mitluba tindikaw bil-miktub li t-tnejn tixtiequ tiltaqgħu.

Tista' tistaqsi għal din il-possibilità jekk inti diġà preżenti fil-pajjiż fejn ibnek/bintek, ħuk/oħtok jew ġenitur huma preżenti, jew jekk tinsab f'pajjiż differenti minn dak fejn għandek il-qraba residenti. F'dan it-tieni każ, se jfisser li jkollok tivvjaġġa lejn dak il-pajjiż, ħlief jekk għandek xi kundizzjoni tas-saħħa li ma tippermettilekx li tivvjaġġa għal perjodu twil ta' żmien.

Apparti din il-possibbiltà, inti dejjem tista' tistaqsi matul il-proċedura tal-ażil biex tingħaqad ma' membru tal-familja tiegħek għal raġunijiet umanitarji, familjari jew kulturali. Jekk din it-talba tiġi aċċettata, inti tista' tmur tgħix fil-pajjiż fejn il-membru tal-familja tiegħek huwa preżenti. F'dan il-każ inti tintalab ukoll tagħti l-kunsens tiegħek bil-miktub. Huwa importanti li tinfurmana dwar xi raġunijiet umanitarji għaliex it-talba tiegħek għandha tiġi eżaminata hawnhekk jew f'pajjiż differenti.

([1]) Aktar informazzjoni dwar il-Eurodac tinsab fil-Parti A, fit-Taqsima *"għaliex qed niġi mitlub biex jittieħduli l-marki tas-swaba' tiegħi?"*

**Fejn jitqajmu kwistjonijiet ta' relazzjonijiet, ta' dipendenza u umanitarji, inti tista' tintalab tipprovdi spjegazzjoni jew provi li jiġġustifikaw it-talbiet tiegħek.**

**X'jiġri jekk jiena marid jew għandi xi bżonnijiet speċjali?**

Biex jipprovduk b'kura medika jew trattament xierqa, l-awtoritajiet hawnhekk jeħtieġ li jkunu jafu bi kwalunkwe bżonn speċjali li jista' jkollok, inkluż dwar is-saħħa, u b'mod partikolari jekk:

— int persuna b'diżabbiltà,

— int tqila,

— int għandek marda serja,

— inti kont soġġett għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

Jekk inti tgħidilna d-dettalji mediċi tiegħek u jiġi deċiż li int se tintbagħat f'pajjiż ieħor, aħna se nitolbu l-permess tiegħek biex naqsmu l-informazzjoni medika tiegħek mal-pajjiż fejn qed tintbagħat. Jekk ma taqbilx ma' dan, l-informazzjoni medika tiegħek ma tintbagħatx, iżda dan mhux se jipprevjeni t-trasferiment tiegħek fil-pajjiż responsabbli. Żomm f'moħħok li jekk ma tħalliniex nibagħtu l-informazzjoni medika tiegħek lill-pajjiż l-ieħor, il-pajjiż l-ieħor mhux se jkun kapaċi jieħu ħsieb il-bżonnijiet speċjali tiegħek.

Jekk jogħġbok innota li l-informazzjoni medika tiegħek se tiġi dejjem ittrattata b'kunfidenzjalità stretta minn professjonisti soġġetti għal obbligi ta' segretezza.

**Kemm jeħtieġ żmien biex tittieħed deċiżjoni dwar liema pajjiż se jittratta l-applikazzjoni tiegħi? Kemm jeħtieġ żmien biex l-applikazzjoni tiegħi tiġi eżaminata?**

Jekk l-awtoritajiet f'dan il-pajjiż jiddeċiedu li aħna responsabbli biex neżaminaw l-applikazzjoni għall-ażil tiegħek, dan ifisser li int tista' tibqa' f'dan il-pajjiż u l-applikazzjoni tiegħek tiġi eżaminata hawn.

*X'jiġri jekk pajjiż ieħor, differenti minn dak fejn jien preżenti, jinstab responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħi?*

Jekk nikkunsidraw li pajjiż ieħor huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħek, aħna se nitolbu lil dak il-pajjiż jaċċetta r-responsabbiltà fi żmien **3 xhur** mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tiegħek f'dan il-pajjiż.

Madankollu, jekk ir-responsabbiltà ta' pajjiż ieħor hija stabbilita fuq il-bażi tad-dejta tal-marki tas-swaba' tiegħek, it-talba lill-pajjiż l-ieħor se tintbagħat fi żmien **xahrejn** mill-mument tal-kisba tar-riżultati mill-Eurodac.

— *Jekk din hija l-ewwel darba li inti applikajt għall-ażil f'pajjiż ta' Dublin iżda hemm raġuni biex wieħed jemmen li pajjiż ta' Dublin ieħor għandu jeżamina l-applikazzjoni għall-ażil tiegħek, aħna se nitolbu lill-pajjiż l-ieħor biex "**jieħu r-responsabbiltà**" tal-każ tiegħek.*

Il-pajjiż li nibagħtulu t-talba għandu jwieġeb fi żmien **xahrejn** mill-wasla tat-talba. Jekk dak il-pajjiż ma jirrispondix f'dan il-perjodu ta' żmien, dan ifisser li huwa aċċetta r-responsabbiltà għall-applikazzjoni tiegħek.

— *Jekk inti diġà applikajt għall-ażil f'pajjiż ta' Dublin ieħor differenti minn dak fejn inti preżenti issa, aħna se nitolbu lil dak il-pajjiż "**jieħdok lura**"*

Il-pajjiż li nibagħtulu t-talba għandu jwieġeb fi żmien **xahar** mill-wasla tat-talba jew fi żmien **ġimagħtejn** jekk it-talba kienet ibbażata fuq dejta tal-Eurodac. Jekk dak il-pajjiż ma jirrispondix matul dan il-perjodu ta' żmien, dan ifisser li huwa aċċetta r-responsabbiltà għall-applikazzjoni tiegħek u jaqbel li jieħdok lura.

Jekk, madankollu, inti ma applikajtx għall-ażil f'dan il-pajjiż u l-applikazzjoni preċedenti tiegħek għall-ażil f'pajjiż ieħor ġiet irrifjutata b'deċiżjoni finali, nistgħu nagħżlu jew li nibagħtu talba lill-pajjiż responsabbli biex jieħdok lura, jew li nipproċedu bir-ritorn tiegħek lejn il-pajjiż ta' oriġini jew ta' residenza permanenti tiegħek jew lejn pajjiż terz bla periklu ([1]).

Jekk pajjiż ieħor jaċċetta li hu responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħek, inti tiġi infurmat bid-deċiżjoni tagħna:

— li ma neżaminawx it-talba għall-ażil tiegħek hawnhekk f'dan il-pajjiż u,

— li nittrasferuk lejn il-pajjiż responsabbli.

It-trasferiment tiegħek se jsir fi żmien 6 xhur mid-data ta' meta l-pajjiż l-ieħor aċċetta r-responsabbiltà, jew, jekk tiddeċiedi li tikkontesta d-deċiżjoni, fi żmien 6 xhur mill-mument meta qorti jew tribunal jiddeċiedu li inti tista' tintbagħat f'dak il-pajjiż. Dan il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż jekk inti taħrab mill-awtoritajiet hawnhekk jew jekk tiġi arrestat.

([1]) Il-paragrafu preżenti ma jidhirx fil-fuljett speċifiku għall-Istati Membri li mhux qed jieħdu sehem fid-Direttiva dwar ir-Ritorn.

Jekk tinżamm f'detenzjoni/f'ċentru magħluq f'dan il-pajjiż bħala parti mill-proċedura ta' Dublin, se japplikaw limiti ta' żmien iqsar (ara t-taqsima speċifika dwar id-detenzjoni għal aktar informazzjoni).

Il-pajjiż responsabbli se jittrattak bħala persuna li tfittex l-ażil u int se tibbenefika mid-drittijiet relatati kollha. Jekk inti qatt ma applikajt għall-ażil qabel f'dak il-pajjiż, int se tingħata l-opportunità li tapplika wara l-wasla tiegħek.

**X'nagħmel jekk ma naqbilx mad-deċiżjoni li nintbagħat f'pajjiż ieħor?**

Għandek il-possibbiltà li tgħid li ma taqbilx mad-deċiżjoni li tintbagħat f'pajjiż ta' Dublin ieħor. Din tissejjaħ "appell" jew "reviżjoni".

Inti tista' titlob ukoll sospensjoni tat-trasferiment għat-tul tal-appell jew ir-reviżjoni.

Tista' ssib informazzjoni dwar liema awtoritajiet għandek tikkuntattja sabiex tikkontesta deċiżjoni f'dan il-pajjiż fi tmiem dan il-fuljett.

Meta tirċievi d-deċiżjoni uffiċjali tat-trasferiment mingħand l-awtoritajiet, inti għandek [*x jiem* (1)] biex tagħmel appell lil [*isem tal-Awtorità ta' Appell* (2)]. Huwa importanti ħafna li inti tikkontesta (tagħmel appell jew reviżjoni) fiż-żmien indikat.

Filwaqt li l-appell jew reviżjoni tiegħek ikunu qed jiġu eżaminati, inti tista' tibqa' f'dan il-pajjiż. **Jew** (3)

It-trasferiment tiegħek se jkun sospiż għal [*y jiem* (4)] qabel ma jiddeċiedu qorti jew tribunal jekk ikunx sikur li inti tibqa' fil-pajjiż responsabbli filwaqt li l-appell tiegħek jiġi eżaminat. **Jew**

Għandek [*y jiem* (5)] biex titlob li t-trasferiment tiegħek jiġi sospiż waqt li l-appell tiegħek jiġi eżaminat. Qorti jew tribunal dalwaqt se jiddeċiedu dwar din it-talba. Jekk dawn jirrifjutaw is-sospensjoni, int se jingħatawlek raġunijiet għal dan.

Matul din il-proċedura int għandek id-dritt għal assistenza legali u, jekk meħtieġ, assistenza lingwistika. Assistenza legali tfisser li għandek id-dritt li jkollok avukat li se jipprepara d-dokumenti tiegħek u jirrappreżentak quddiem qorti.

Inti tista' titlob li jkollok din l-assistenza b'xejn jekk ma tistax tħallas l-ispejjeż. Informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet li jipprovdu l-assistenza legali tista' tinstab fl-aħħar ta' dan il-fuljett.

**Jien nista' ninżamm detenut?**

*Jista' jkun hemm raġunijiet oħra għaliex tista' tinżamm detenut, iżda, għall-għanijiet tal-proċedura ta' Dublin, tista' biss tinżamm detenut jekk l-awtoritajiet tagħna jikkunsidraw li hemm riskju sinifikanti li inti tista' taħrab għax ma tridx tiġi mibgħut f'pajjiż ta' Dublin ieħor.*

*Dan xi jfisser?*

Jekk l-awtoritajiet tagħna jikkunsidraw li hemm riskju sinifikanti li inti se taħrab - pereżempju jekk inti diġà ħrabt jew jekk inti ma tikkonformax mal-obbligi ta' rappurtar eċċ - dawn jistgħu jpoġġuk f'detenzjoni fi kwalunkwe mument matul il-proċedura ta' Dublin. Ir-raġunijiet li għalihom tista' tinżamm detenut huma miktuba fil-liġi. L-ebda raġunijiet oħra għajr dawk fil-liġi ma jistgħu jiġu invokati sabiex inti tinżamm detenut.

Inti għandek id-dritt li tkun infurmat bil-miktub bir-raġunijiet għaliex inti qed tinżamm detenut, kif ukoll bil-possibbiltajiet biex tappella kontra l-ordni ta' detenzjoni. Inti għandek ukoll id-dritt għall-assistenza legali jekk tixtieq tikkontesta l-ordni ta' detenzjoni.

Jekk inti tinżamm detenut matul il-proċedura ta' Dublin, iż-żmien tal-proċedura se jkun dan li ġej:

— Aħna se nitolbu lill-pajjiż l-ieħor biex jaċċetta r-responsabbiltà fi żmien **xahar** mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-ażil tiegħek.

— Il-pajjiż li bgħatnilu t-talba għandu jwieġeb fi żmien **ġimagħtejn** minn meta rċieva t-talba tagħna.

— It-trasferiment tiegħek għandu jsir fi żmien **6 ġimgħat** minn meta l-pajjiż responsabbli jaċċetta t-talba. Jekk inti tikkontesta d-deċiżjoni ta' trasferiment, is-6 ġimgħat se jingħaddu mill-mument meta l-awtoritajiet, jew qorti jew tribunal jiddeċiedu li huwa sikur li inti tintbagħat fil-pajjiż responsabbli filwaqt li l-appell tiegħek ikun qed jiġi ikkunsidrat.

(1) Biex timtela minn kull Stat Membru, skont id-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali.
(2) Biex timtela minn kull Stat Membru.
(3) Waħda minn tliet għażliet li għandha tintgħażel minn kull Stat Membru, skont l-għażla tiegħu għal sistema ta' rimedju effettiv.
(4) Biex timtela minn kull Stat Membru, skont id-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali.
(5) Biex timtela minn kull Stat Membru, skont id-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali.

Jekk aħna nonqsu milli nikkonformaw mal-iskadenzi biex nibagħtu t-talba jew nimplimentaw it-trasferiment tiegħek, id-detenzjoni tiegħek għall-finijiet tat-trasferiment skont ir-Regolament ta' Dublin se tintemm. F'dak il-każ, il-limiti normali ta' żmien ppreżentati hawn fuq se japplikaw.

**X'se jiġri bl-informazzjoni personali li nipprovdi? Kif se nkun naf li mhux se tintuża ħażin?**

L-awtoritajiet tal-pajjiżi ta' Dublin jistgħu jaqsmu ma' xulxin id-dejta li tkun qed tipprovdilhom matul il-proċedura ta' Dublin għall-iskop waħdieni li jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ir-Regolamenti ta' Dublin u tal-Eurodac. Matul il-proċedura ta' Dublin int għandek id-dritt li d-dettalji personali tiegħek u l-informazzjoni li tipprovdi dwarek, is-sitwazzjoni tal-familja tiegħek, eċċ. jiġu mħarsa. Id-dejta tiegħek tista' tintuża biss għall-finijiet definiti mil-liġi.

Int se jkollok dritt ta' aċċess:

— Għad-dejta relatata miegħek. Inti għandek id-dritt li titlob li dejta bħal din, inkluża d-dejta tal-Eurodac tiġi kkorreġuta, jekk din ma tkunx preċiża, jew imħassra jekk tkun ġiet ipproċessata illegalment;

— Għat-tagħrif li jispjega kif titlob biex id-dejta tiegħek, inkluża d-dejta tal-Eurodac, tiġi korretta jew imħassra. Din tinkludi d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għal proċedura ta' Dublin tiegħek, u tal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta responsabbli mit-talbiet dwar il-protezzjoni tad-dejta personali.

*ANNESS XI*

**INFORMAZZJONI GĦAL TFAL MHUX AKKUMPANJATI LI JAPPLIKAW GĦALL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI SKONT L-ARTIKOLU 4 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 604/2013** (1)

Tajnik dan il-fuljett minħabba li esprimejt il-ħtieġa għall-protezzjoni u għedtilna li għandek inqas minn 18-il sena. Jekk għandek inqas minn 18-il sena, inti meqjus bħala tifel/tifla. Se tisma' wkoll lill-awtoritajiet jirreferu għalik bħala "minorenni", li tfisser l-istess bħal tifel/tifla. L-"awtoritajiet" huma l-persuni responsabbli biex jieħdu deċiżjoni dwar it-talba tiegħek għall-protezzjoni.

**Jekk tfittex protezzjoni hawnhekk minħabba li bżajt fil-pajjiż ta' oriġini tiegħek, dan jissejjaħ "tiftix ta' ażil". Ażil huwa post li joffri protezzjoni u sigurtà.**

Meta tagħmel talba formali lill-awtoritajiet u titlob għal ażil, il-liġi ssejħilha "applikazzjoni jew talba għal protezzjoni internazzjonali". Il-persuna li titlob protezzjoni hija "applikant". Kultant tisma' wkoll nies isejħulek "persuna li tfittex ażil".

Il-ġenituri tiegħek għandhom ikunu miegħek, iżda jekk mhumiex jew jekk tlifthomm mat-triq, inti "**minorenni mhux akkumpanjat**".

F'dan il-każ, AĦNA NIPPROVDULEK "RAPPREŻENTANT", LI JKUN ADULT LI JGĦINEK MATUL IL-PROĊEDURA. HU JEW HI JGĦINUK BL-APPLIKAZZJONI TIEGĦEK U JISTGĦU JAKKUMPANJAWK META JKOLLOK TITKELLEM MAL-AWTORITAJIET. TISTA' TITKELLEM DWAR IL-PROBLEMI U L-BIŻGĦAT TIEGĦEK MAR-RAPPREŻENTANT TIEGĦEK. IR-RAPPREŻENTANT TIEGĦEK QIEGĦED HEMM BIEX JIŻGURA LI L-AĦJAR INTERESSI TIEGĦEK IKUNU KONSIDERAZZJONI PRIMARJA, JIĠIFIERI LI JITQIESU L-ĦTIĠIJIET, IS-SIKUREZZA, IL-BENESSERI, L-IŻVILUPP SOĊJALI U L-OPINJONIJIET TIEGĦEK. IR-RAPPREŻENTANT TIEGĦEK IQIS UKOLL IL-POSSIBBILTAJIET TA' RIUNIFIKAZZJONI TAL-FAMILJA.

| |
|---|
| JEKK IKUN HEMM XI ĦAĠA LI MA TIFHIMX, SAQSI LIR-RAPPREŻENTANT TIEGĦEK JEW LILL-AWTORITAJIET TAGĦNA BIEX JGĦINUK! |

GĦALKEMM TLABT GĦAL AŻIL F'DAN IL-PAJJIŻ, JISTA' JKUN LI PAJJIŻ IEĦOR IKOLLU JEŻAMINA T-TALBA TIEGĦEK GĦALL-PROTEZZJONI.

Pajjiż wieħed biss jista' jkun responsabbli biex iqis it-talba tiegħek għall-protezzjoni. Dan huwa stabbilit f'liġi msejħa r-"**Regolament ta' Dublin**". Din il-liġi teħtieġ li aħna nistabbilixxu jekk aħniex responsabbli li neżaminaw l-applikazzjoni tiegħek jew jekk pajjiż ieħor huwiex responsabbli – din tissejjaħ "proċedura ta' Dublin".

Din il-liġi tapplika f'kull reġjun ġeografiku li jinkludi 32 pajjiż (2). Għall-finijiet ta' dan il-fuljett, aħna qed insejħu dawn it-32 pajjiżi bħala l-"pajjiżi ta' Dublin".

TAĦRABX MILL-AWTORITAJIET JEW TMUR LEJN PAJJIŻ IEĦOR TA' Dublin. JISTA' JKUN HEMM MIN JGĦIDLEK LI DIN HIJA L-AĦJAR ĦAĠA LI TISTA' TAGĦMEL. JEKK XI ĦADD JGĦIDLEK BIEX TAĦRAB, jew li GĦANDEK TMUR MAGĦHOM, GĦID LIR-RAPPREŻENTANT TIEGĦEK JEW LILL-AWTORITAJIET TAL-ISTAT MINNUFIH.

JEKK JOGĦĠBOK GĦID LILL-AWTORITAJIET TAL-ISTAT KEMM JISTA' JKUN MALAJR JEKK:

— *Tinsab waħdek, u taħseb li ommok, missierek, ħuk jew oħtok, zitek* (3), *zijuk* (4), *nanntek jew nannuk jistgħu jkunu f'wieħed mit-32 pajjiż ieħor ta' Dublin;*

  — *Jekk iva, jekk tridx tgħix magħhom;*

  — *Inti vjaġġajt lejn dan il-pajjiż ma' ħaddieħor u, jekk iva, ma' min;*

  — *Inti diġà kont f'wieħed mit-32 "pajjiż ta' Dublin" elenkati;*

(1) Dan il-fuljett huwa għal finijiet ta' informazzjoni biss. L-għan tiegħu huwa li jipprovdi lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali b'informazzjoni rilevanti rigward il-proċedura ta' Dublin. Ma joħloqx/jinvolvix fih innifsu drittijiet jew obbligi ġuridiċi. Id-drittijiet u l-obbligi ta' Stati u persuni skont il-proċedura ta' Dublin huma dawk stipulati fir-Regolament (UE) Nru 604/2013.

(2) Il-pajjiżi ta' Dublin jinkludu t-28 pajjiż tal-Unjoni Ewropea (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit) kif ukoll 4 pajjiż "assoċjati" mar-Regolament ta' Dublin (in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera u l-Liechtenstein).

(3) Oħt ommok jew oħt missierek.

(4) Ħu ommok jew ħu missierek.

— *Il-marki tas-swaba' tiegħek ittieħdu f'pajjiż ieħor ta' Dublin: il-marki tas-swaba' huma stampi meħudin mis-swaba' tiegħek li jgħinu sabiex inti tingħaraf;*

— *Inti diġà applikajt għal ażil f'pajjiż differenti ta' Dublin.*

**HUWA IMPORTANTI ĦAFNA LI INTI TIKKOOPERA MAL-AWTORITAJIET TAL-ISTAT U LI DEJJEM TGĦIDILHOM IL-VERITÀ.**

Is-sistema ta' Dublin tista' tgħinek jekk inti m'intix akkumpanjat minn ġenitur meta tapplika għall-protezzjoni.

Jekk ikollna biżżejjed informazzjoni dwarhom, aħna nfittxu l-ġenituri tiegħek jew qrabatek fil-pajjiżi ta' Dublin. Jekk jirnexxielna nsibuhom, aħna nippruvaw ngħaqqdukom flimkien fil-pajjiż fejn ikun hemm il-ġenituri tiegħek jew qrabatek. Dak il-pajjiż imbagħad ikun responsabbli biex jeżamina t-talba tiegħek għall-protezzjoni.

Jekk tinsab waħdek u ma għandek lil ħadd mill-familja jew qraba oħrajn f'pajjiż ieħor ta' Dublin, x'aktarx l-applikazzjoni tiegħek tiġi eżaminata f'dan il-pajjiż.

Aħna nistgħu nagħżlu wkoll li neżaminaw l-applikazzjoni tiegħek f'dan il-pajjiż, anke jekk bil-liġi jista' jkun responsabbli pajjiż ieħor. Nistgħu nagħmlu dan għal raġunijiet umanitarji, familjari jew kulturali.

Matul din il-proċedura, **aħna dejjem naġixxu fl-aħjar interessi tiegħek**, u ma nibagħtukx f'pajjiż fejn ikun stabbilit li d-drittijiet tal-bniedem tiegħek jistgħu jinkisru.

Xi jfisser li għandna dejjem naġixxu fl-aħjar interessi tiegħek? Dan ifisser li jkollna:

— niċċekkjaw jekk huwiex possibbli li tingħaqad ma' familtek fl-istess pajjiż;

— naċċertaw ruħna li inti tkun bla periklu u sigur(a), speċjalment minn nies li jafu jkunu jridu jittrattawk ħażin/jagħmlulek il-ħsara;

— naċċertaw ruħna li tista' tikber b'saħħtek u bla periklu, u li għandek ikel u kenn u li l-bżonnijiet għall-iżvilupp soċjali tiegħek jiġu ssodisfati;

— inqisu l-fehmiet tiegħek – pereżempju, dwar jekk tixtieqx tgħix ma' qarib jew tippreferix li ma tagħmilx dan.

**L-ETÀ TIEGĦEK**

Persuni akbar minn 18-il sena huma "adulti". Dawn jiġu trattati b'mod differenti mit-tfal u l-adolexxenti ("minorenni").

Jekk jogħġbok għid il-verità dwar l-età tiegħek.

Jekk għandek xi dokument miegħek li juri l-età tiegħek, aqsmu mal-awtoritajiet. Jekk l-awtoritajiet jiddubitaw dwar l-età tiegħek, huwa possibbli li tabib ikun irid jeżamina jekk intix iżgħar jew akbar minn 18. Int u/jew ir-rappreżentant tiegħek tridu l-ewwel taqblu dwar dan qabel ikun jista' jseħħ kwalunkwe eżami mediku.

FIL-LINJI LI ĠEJJIN AĦNA SE NIPPRUVAW INWIEĠBU L-AKTAR MISTOQSIJIET KOMUNI LI JISTA' JKOLLOK DWAR IL-PROĊEDURA TA' DUBLIN, KIF TISTA' TGĦINEK U X'GĦANDEK TISTENNA LI JIĠRI:

**IL-MARKI TAS-SWABA' – X'inhuma? Għaliex jittieħdu?**

Meta titlob għal ażil, **jekk għandek 14-il sena jew aktar, stampa jew xbieha tas-swaba'** (tissejjaħ "marka tas-swaba'") tittieħed u tiġi trażmessa lil bażi tad-dejta tal-marki tas-swaba' msejħa "Eurodac". Inti jkollok tikkoopera f'din il-proċedura – in-nies kollha li japplikaw għal ażil huma obbligati bil-liġi li jitteħdulhom il-marki tas-swaba'.

Il-marki tas-swaba' tiegħek jistgħu jiġu kkontrollati f'xi punt biex jaraw jekk qattx applikajt għal ażil qabel jew biex jaraw jekk qattx ittieħdulek il-marki tas-swaba' fi fruntiera. Jekk jinstab li inti diġà applikajt għal ażil f'pajjiż ieħor ta' Dublin, tista' tintbagħat f'dan il-pajjiż jekk ikun fl-aħjar interessi tiegħek li tmur hemmhekk. Dan il-pajjiż imbagħad ikun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħek għall-protezzjoni internazzjonali.

Il-marki tas-swaba' tiegħek jinżammu għal 10 snin. Wara 10 snin, dawn jitħassru awtomatikament mill-bażi tad-dejta. Jekk it-talba tiegħek għall-protezzjoni tintlaqa', il-marki tas-swaba' tiegħek jibqgħu fil-bażi tad-dejta sakemm jitħassru awtomatikament. Jekk, aktar tard, inti ssir ċittadin(a) ta' pajjiż ta' Dublin, il-marki tas-swaba' tiegħek jitħassru. Il-marki tas-swaba' u s-sess tiegħek biss jinżammu fil-Eurodac – ismek, ir-ritratt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità tiegħek ma jintbagħtux fil-bażi tad-dejta jew jiġu maħżuna. Madankollu, dawn id-dettalji jistgħu jinżammu fil-bażi tad-dejta nazzjonali tagħna. Id-dejta maħżuna fil-Eurodac ma tinqasam mal-ebda pajjiż jew organizzazzjoni oħra barra mill-pajjiżi ta' Dublin.

*Mill-20 ta' Lulju 2015*, il-marki tas-swaba' tiegħek jistgħu jiġu mfittxija minn awtoritajiet bħall-pulizija u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) jista' jfittex il-marki tas-swaba' tiegħek u jitlob aċċess għall-bażi tad-dejta Euodac għall-finijiet ta' prevenzjoni, rintraċċar u investigazzjoni ta' reati serji u terroriżmu.

**Liema informazzjoni għandek tiżgura li l-awtoritajiet tal-Istat jkunu jafu bis-sitwazzjoni tiegħek?**

X'aktarx tiġi intervistat sabiex ikunu jistgħu jiddeterminaw liema pajjiż hu responsabbli biex jeżamina t-talba tiegħek għal ażil. F'din l-intervista, l-awtoritajiet tal-Istat tagħna jispjegawlek il-"proċedura ta' Dublin" u jippruvaw isibu jekk huwiex possibbli li jerġgħu jgħaqqduk mal-familja tiegħek f'pajjiż ieħor ta' Dublin.

Jekk taf li l-ġenituri tiegħek, ħutek jew qarib jinsabu f'pajjiż ieħor ta' Dublin, jekk jogħġbok tinsiex tgħid dan lill-persuna li tintervistak. Għandek tipprovdi l-akbar ammont ta' informazzjoni possibbli biex tgħinna nsibu lil familtek — ismijiet, indirizzi, numri tat-telefon, eċċ.

Waqt l-intervista, jista' jkun li tiġi mistoqsi wkoll jekk kontx diġà f'pajjiżi oħrajn ta' Dublin. Jekk jogħġbok għid il-verità.

Ir-rappreżentant tiegħek jista' jakkumpanjak għall-intervista, biex jagħtik għajnuna u appoġġ u biex jagħmel dak li huwa l-aħjar għalik. Jekk hemm xi raġuni għaliex ma tridx li r-rappreżentant tiegħek ikun hemm miegħek, għandek tgħid dan lill-awtoritajiet tal-Istat.

FIL-BIDU TAL-INTERVISTA, MIN JAGĦMEL L-INTERVISTA U R-RAPPREŻENTANT TIEGĦEK JISPJEGAWLEK IL-PROĊEDURI U D-DRITTIJIET TIEGĦEK. JEKK IKUN HEMM XI ĦAĠA LI MA TIFHIMX, JEW GĦANDEK MISTOQSIJIET OĦRAJN, JEKK JOGĦĠBOK STAQSIHOM!

L-intervista hija dritt tiegħek u hija parti importanti mill-applikazzjoni tiegħek.

L-intervista ssir b'lingwa li tifhem. Jekk ma tistax tifhem il-lingwa użata, tista' titlob li jkollok interpretu biex jgħinek tikkomunika. L-interpretu jrid jinterpreta biss dak li tgħidu int u min jagħmel l-intervista. L-interpretu ma jistax iżid l-opinjonijiet personali tiegħu jew tagħha. Jekk issibha diffiċli li tifthem lill-interpretu, għandek tgħidilna u/jew tkellem lir-rappreżentant tiegħek.

L-intervista tkun kunfidenzjali. Dan ifisser li l-ebda informazzjoni li inti tipprovdi, anke l-fatt li inti applikajt għall-protezzjoni f'pajjiżna, ma hi se tintbagħat lil persuni jew awtoritajiet li jistgħu jweġġgħuk b'xi mod jew iweġġgħu lil xi membru ta' familtek li għadu jgħix fil-pajjiż ta' oriġini tiegħek.

HUWA IMPORTANTI LI INTI U R-RAPPREŻENTANT TIEGĦEK TKUNU KONXJI TAL-PERJODU TA' ŻMIEN GĦALL-PROĊEDURA TA' DUBLIN!

Aqra t-tweġibiet li nagħtu hawn taħt.

**Kemm iddum biex tkun taf jekk tridx tmur pajjiż ieħor jew jekk tistax tibqa' hawn?**

**X'jiġri jekk jinstab li pajjiż ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni tiegħek?**

→ *Jekk din hija l-ewwel applikazzjoni għal ażil tiegħek f'pajjiż ta' Dublin, int tintbagħat f'pajjiż ieħor għax ommok, missierek, ħuk, oħtok, zitek, zijuk, nannuk jew nanntek ikunu f'dak il-pajjiż u int tingħaqad miegħu/magħha/magħhom hemmhekk u tibqgħu flimkien għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni għal ażil tiegħek.* (1)

→ *Jekk ma applikajtx għal ażil hawnhekk iżda applikajt għal ażil f'pajjiż ieħor ta' Dublin fil-passat, tista' tintbagħat lura f'dak il-pajjiż ħalli l-awtoritajiet ta' hemmhekk ikunu jistgħu jqisu l-applikazzjoni għal ażil tiegħek.* (2)

| |
|---|
| Fiż-żewġ każijiet, tista' ddum sa **ħames xhur** biex tittieħed deċiżjoni biex tiġi trasferit f'pajjiż ieħor, mill-mument meta titlob għal ażil jew mill-mument meta nsiru konxji li int applikajt għall-protezzjoni internazzjonali f'pajjiż ieħor ta' Dublin. L-awtoritajiet jinfurmawk b'din id-deċiżjoni malajr kemm jista' jkun wara li tittieħed id-deċiżjoni. |

→ *Jekk ma tlabtx għal ażil f'dan il-pajjiż u l-applikazzjoni għal ażil preċedenti tiegħek f'pajjiż ieħor ġiet miċħuda wara li ġiet eżaminata kompletament, ikollna nitolbu lill-pajjiż l-ieħor biex jieħdok lura, jew jipproċedi bir-ritorn lura tiegħek lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħek jew ta' residenza permanenti jew lejn pajjiż terz bla periklu.*

Jekk niddeċiedu li pajjiż ieħor huwa responsabbli għall-applikazzjoni ta' ażil tiegħek, meta l-pajjiż li jintalab biex jieħu responsabbiltà għalik jaċċetta li jagħmel dan, inti tiġi infurmat uffiċjalment bil-fatt li aħna mhux se neżaminaw it-talba tiegħek għall-protezzjoni internazzjonali u minflok se nittrasferuk għall-pajjiż responsabbli.

It-trasferiment tiegħek isir fi żmien sitt xhur minn meta l-pajjiż l-ieħor jaċċetta r-responsabbiltà għalik, jew mid-deċiżjoni finali fuq appell jew reviżjoni, jekk inti ma taqbilx u tiddeċiedi li tikkontesta din id-deċiżjoni (ara t-taqsima hawn taħt li tispjega xi jfisser dan!). Dan il-limitu ta' żmien jista' jittawwal għal sena jekk int tispiċċa l-ħabs, jew sa 18-il xahar jekk taħrab.

(1) Tista' tisma' persuni li jirreferu għal dan bħala "teħid ta' responsabbiltà".
(2) Tista' tisma' persuni li jirreferu għal dan bħala "teħid lura".

**X'jiġri jekk ma tkunx trid tmur f'pajjiż ieħor?**

TKELLEM MAR-RAPPREŻENTANT TIEGĦEK DWAR DAN!

Jekk niddeċiedu li għandek tmur f'pajjiż ieħor biex l-applikazzjoni tiegħek tiġi eżaminata hemmhekk u int ma taqbilx ma' dan, għandek il-possibbiltà li tikkontesta d-deċiżjoni ta' trasferiment. Dan jissejjaħ "appell" jew "reviżjoni".

Ladarba tirċievi d-deċiżjoni mill-awtoritajiet għandek [*x jiem* (1)] biex tappella lill-[*Awtorità ta' Appell* (2)]. Huwa importanti ħafna li tappella f'dak il-perjodu ta' żmien. Ir-rappreżentant tiegħek għandu jgħinek b'dan.

— Waqt li l-appell jew ir-reviżjoni tiegħek qed tiġi eżaminata, inti tista' tibqa' f'dan il-pajjiż. **Jew** (3)

— It-trasferiment tiegħek jiġi sospiż għal [*y jiem* (4)] sakemm qorti jew tribunal jiddeċiedu jekk huwiex sigur għalik li tkun fil-pajjiż responsabbli waqt li jiġi eżaminat l-appell tiegħek. **Jew**

— Għandek [*y jiem* (5)] biex titlob li t-trasferiment tiegħek jiġi sospiż waqt li jiġi eżaminat l-appell tiegħek. Qorti jew tribunal jiddeċiedi malajr fuq din it-talba. Jekk jirrifjutawlek is-sospensjoni, jingħatawlek ir-raġunijiet għal dan.

— Fuq wara ta' dan il-fuljett issib informazzjoni dwar liema awtorità għandek tikkuntattja sabiex tappella deċiżjoni f'dan il-pajjiż.

Matul il-proċedura ta' "appell" int tingħata aċċess għal għajnuna ġuridika u, jekk ikun meħtieġ, għajnuna lingwistika minn interpretu jew traduttur. Inti tista' titlob li jkollok għajnuna ġuridika b'xejn jekk ma għandekx il-flus għal dan. Fuq wara ta' dan il-fuljett issib id-dettalji ta' kuntatt għall-organizzazzjonijiet li jipprovdu għajnuna ġuridika u tista' tgħinek bl-appell tiegħek.

**DETENZJONI**

Nies li mhumiex liberi li jivvjaġġaw fejn jixtiequ u li jinżammu f'bini magħluq li ma jistgħux joħorġu minnu jinsabu f'"detenzjoni".

Jekk inti minorenni mhux akkumpanjat tista' tkun qed tgħix f'akkomodazzjoni fejn ikun hemm regoli li trid tibqa' ġewwa billejl jew meta jkun id-dlam barra jew regoli li jgħidu li għandek tgħid lin-nies li jieħdu ħsiebek jekk toħroġ u meta se tidħol lura. Dawn ir-regoli jipproteġu s-sigurtà tiegħek. Dan ma jfissirx li int tinsab f'post ta' detenzjoni.

IT-TFAL KWAŻI QATT MA JIĠU DETENUTI!

Inti tinsab f'detenzjoni? Jekk m'intix ċert jekk intix detenut jekk jogħġbok staqsi lill-awtoritajiet, lir-rappreżentant tiegħek jew lill-konsulent legali tiegħek (6) malajr kemm jista' jkun. Tista' titkellem magħhom dwar is-sitwazzjoni tiegħek u jekk tinsab f'detenzjoni dwar il-possibbiltà li tikkontesta d-deċiżjoni ta' detenzjoni!

Hemm riskju li ssib ruħek f'detenzjoni matul il-proċedura ta' Dublin. Ħafna drabi, dan jiġri meta l-awtoritajiet tal-Istat ma jemmnux li int għandek inqas minn 18-il sena u jibżgħu li tista' taħrab jew tinheba minnhom għax tibża' li tista' tintbagħat f'pajjiż ieħor.

Inti għandek id-dritt li tkun infurmat bil-miktub bir-raġunijiet għaliex qed tinżamm f'detenzjoni, u dwar kif tista' tikkontesta l-ordni ta' detenzjoni. Inti għandek ukoll id-dritt għal għajnuna ġuridika jekk tkun tixtieq tikkontesta l-ordni ta' detenzjoni, allura tkellem mar-rappreżentant jew il-konsulent legali tiegħek jekk ma tkunx kuntent.

Jekk int tinsab f'detenzjoni waqt il-proċedura ta' Dublin, il-perjodu ta' żmien tal-proċedura għalik ikun dan: ikollna nsaqsu lil pajjiż ieħor biex ikun responsabbli għalik fi żmien **xahar** mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal ażil tiegħek. Il-pajjiż mitlub għandu jagħti tweġiba fi żmien **ġimagħtejn**. Fl-aħħar nett, jekk tibqa' f'detenzjoni, it-trasferiment tiegħek għandu jsir fi żmien **sitt ġimgħat** mill-aċċettazzjoni tat-talba mill-pajjiż responsabbli.

Jekk tiddeċiedi li tikkontesta d-deċiżjoni ta' trasferiment waqt li tkun f'detenzjoni, l-awtoritajiet tal-Istat ma għandhomx obbligu li jittrasferuk fi żmien sitt ġimgħat. Imbagħad l-awtoritajiet tal-Istat jinfurmawk bl-għażliet tiegħek.

Jekk l-awtoritajiet tal-Istat ma jikkonformawx mal-perjodi ta' żmien biex pajjiż ieħor jintalab jieħu r-responsabbiltà għalik, jew ma jwettqux it-trasferiment tiegħek fil-ħin, id-detenzjoni għall-finijiet ta' trasferiment skont ir-Regolament ta' Dublin titwaqqaf. F'dak il-każ, japplikaw il-limiti normali ta' żmien ippreżentati fit-taqsima "X'jiġri jekk pajjiż ieħor jinstab responsabbli għal-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni tiegħek?").

(1) Għandha timtela minn kull Stat Membru, skont id-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-liġi nazzjonali.
(2) Għandha timtela minn kull Stat Membru.
(3) Waħda minn tliet għażliet li kull Stat Membru għandu jagħżel minnhom, skont l-għażla tiegħu għal sistema effettiva ta' rimedju.
(4) Għandha timtela minn kull Stat Membru, skont id-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-liġi nazzjonali.
(5) Għandha timtela minn kull Stat Membru, skont id-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-liġi nazzjonali.
(6) Persuna li hija rikonoxxuta mill-awtoritajiet li tirrappreżenta l-interessi tiegħek quddiem il-liġi. Ir-rappreżentant tiegħek u/jew l-awtoritajiet għandhom jagħtuk parir jekk ikollok bżonn wieħed, iżda tista' titlobhom li jiddeċiedu għalik. Ara fuq wara ta' dan il-fuljett għall-organizzazzjonijiet li jistgħu jagħtuk rappreżentanza ġuridika.

**X'inhuma d-drittijiet tiegħek matul il-perjodu li fih niddeċiedu min huwa responsabbli għalik?**

Inti għandek id-dritt li tibqa' f'dan il-pajjiż jekk aħna responsabbli li neżaminaw it-talba għal ażil tiegħek, jew, meta pajjiż ieħor ikun responsabbli, sakemm tiġi trasferit hemmhekk. Jekk il-pajjiż fejn inti tinsab issa ikun responsabbli li jeżamina t-talba għal ażil tiegħek, int għandek id-dritt li tibqa' hemmhekk għall-inqas sakemm tittieħed l-ewwel deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal ażil tiegħek. Inti intitolat ukoll li tibbenefika minn kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza, pereżempju akkomodazzjoni, ikel, eċċ., kif ukoll kura medika bażika u għajnuna medika ta' emerġenza. Inti intitolat ukoll li tmur l-iskola.

Inti tingħata l-opportunità li tagħtina informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tiegħek u l-preżenza ta' membri tal-familja fit-territorju tal-pajjiżi ta' Dublin bil-fomm u/jew bil-miktub u, meta tagħmel dan, li tuża l-lingwa materna tiegħek jew kwalunkwe lingwa oħra li titkellem sew (jew li jkollok interpretu, jekk ikun hemm bżonn). Inti tirċievi wkoll kopja bil-miktub tad-deċiżjoni li tiġi trasferit lejn pajjiż ieħor. Inti intitolat ukoll li tikkuntattjana għal aktar informazzjoni u/jew li tikkuntattja lill-uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) f'dan il-pajjiż.

**Ir-rappreżentant tiegħek u l-awtoritajiet tal-Istat jispjegaw aktar dwar id-drittijiet tiegħek!**

**X'jiġri mill-informazzjoni personali li tipprovdi? Kif tkun taf li din mhix se tintuża għal skopijiet ħżiena?**

L-awtoritajiet tal-pajjiżi ta' Dublin jistgħu jaqsmu l-informazzjoni li qed jipprovdu lilhom matul il-proċedura ta' Dublin biss biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament ta' Dublin.

Int ikollok dritt ta' aċċess:

— Għal informazzjoni relatata miegħek. Inti għandek id-dritt li titlob li din id-dejta tinbidel jekk mhijiex korretta jew vera, jew li titħassar jekk ipproċessata illegalment;

— Għall-informazzjoni li tispjega kif titlob li d-dejta tiegħek tiġi kkorretta jew titħassar, anke d-dettalji ta' kuntatt ta' awtoritajiet kompetenti speċifiċi identifikati bħala responsabbli għall-proċedura ta' Dublin tiegħek, u tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta nazzjonali responsabbli sabiex jisimgħu it-talbiet dwar il-protezzjoni tad-dejta personali.

**FEJN TISTA' TIRRIKORRI GĦALL-GĦAJNUNA?** *(Għandha timtela b'informazzjoni speċifika għall-Istat Membru, b'mod partikulari:)*

— l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità ta' ażil;

— l-isem, l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjonijiet li jipprovdu rappreżentazzjoni għal minorenni mhux akkumpanjati;

— l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità nazzjonali responsabbli għall-protezzjoni tat-tfal;

— l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità responsabbli għat-twettiq tal-proċedura ta' Dublin;

— id-dettalji tal-Awtorità Superviżorja Nazzjonali;

— l-identità u l-kontrollur Eurodac u r-rappreżentant tiegħu/tagħha;

— id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċċju tal-kontrollur;

— is-Salib l-Aħmar u r-rwol tiegħu;

— id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċċju tal-UNHCR lokali (jekk ikun hemm) u r-rwol tiegħu;

— id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjonijiet li jipprovdu għajnuna legali/li jappoġġjaw lir-refuġjati/tfal;

— id-dettalji ta' kuntatt tal-IOM u r-rwol tagħha.

*ANNESS XII*

**INFORMAZZJONI GĦAL ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI JEW PERSUNI APOLIDI INTERPELLATI INKONNESSJONI MAL-QSIM IRREGOLARI TA' FRUNTIERA ESTERNA, SKONT L-ARTIKOLU 29(3) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 603/2013**

Jekk għandek 14-il sena jew iktar u inti tiġi interpellat int u taqsam fruntiera irregolarment, il-marki tas-swaba' tiegħek jittieħdu u jiġu trasmessi lil bażi tad-dejta msejħa "Eurodac". Int ikollok tikkoopera f'din il-proċedura – inti obbligat bil-liġi li jkollok il-marki tas-swaba' meħudin.

Jekk il-marki tas-swaba' mhumiex ta' kwalità ċara, inkluż jekk tkun għamilt ħsara deliberata lis-swaba' tiegħek, il-marki tas-swaba' jistgħu jerġgħu jittieħdu fil-futur.

Jekk f'ċertu punt fil-futur terġa' tapplika għall-protezzjoni internazzjonali, il-marki tas-swaba' jerġgħu jittieħdu. Jekk tapplika għall-protezzjoni internazzjonali f'pajjiż differenti minn dak fejn ikunu ħadulek l-ewwel marki tas-swaba', tista' terġa tintbagħat lura fl-ewwel pajjiż fejn ikunu ittieħdulek il-marki tas-swaba'.

Id-dejta tal-marki tas-swaba' tiegħek tkun miżmuma għal 18-il xahar – wara 18-il xahar, dawn jitħassru awtomatikament mill-bażi tad-dejta. Il-marki tas-swaba' u s-sess tiegħek biss ikunu miżmuma fil-Eurodac – ismek, ir-ritratt, id-data ta' twelid u n-nazzjonalità ma jiġux mibgħuta fil-bażi tad-dejta u lanqas ma jinżammu.

Fi kwalunkwe żmien fil-futur, inti tista' wkoll tagħmel talba sabiex tikseb komunikazzjoni tad-dejta dwarek li hi rreġistrata fil-Eurodac mill-pajjiż li jkun qed jieħu l-marki tas-swaba' tiegħek. Tista' titlob li d-dejta tkun ikkoreġuta jew imħassra – għandha tkun imħassra, pereżempju, jekk inti issir ċittadin ta' pajjiż tal-UE jew pajjiż assoċjat jew jekk tikseb permess ta' residenza f'wieħed minn dawn il-pajjiżi u ma tkunx applikajt għall-protezzjoni internazzjonali.

Eurodac hija operata minn Aġenzija tal-Unjoni Ewropea msejħa eu-LISA. Id-dejta tiegħek tista' tintuża biss għal skopjiet definiti bil-liġi. Is-Sistema Ċentrali tal-Eurodac biss tirċievi d-dejta tiegħek. Jekk fil-futur tagħmel talba għall-protezzjoni internazzjonali f'pajjiż ieħor tal-UE jew f'pajjiż assoċjat mal-UE ([1]), il-marki tas-swaba' tiegħek jintbagħtu lil dak il-pajjiż għal verifika. Id-dejta miżmuma fil-Eurodac ma tiġi kondiviża mal-ebda pajjiż jew organizzazzjoni oħra barra l-UE u l-pajjiżi assoċjati.

Mill-20 ta' Lulju 2015, il-marki tas-swaba' tiegħek jistgħu jiġu mfittxija minn awtoritajiet bħall-pulizija u l-uffiċċju Ewropew tal-pulizija (Europol) li jista' jagħmel rikjesta għall-aċċess għall-bażi tad-dejta tal-Eurodac għal skopijiet ta' prevenzjoni, identifikazzjoni u investigazzjoni ta' reati serji u terroriżmu

**Informazzjoni ta' kuntatt** (Imla b'informazzjoni speċifika skont l-Istat Membru)

— Identità tal-kontrollur tal-Eurodac u tar-rappreżentant/a tiegħu;

— Dettalji ta' kuntatt tal-uffiċċju tal-kontrollur;

— Dettalji tal-Awtorità Superviżorja Nazzjonali (Protezzjoni tad-Dejta);

---

([1]) Id-dejta tal-marki tas-swaba' tiegħek tista' tiġi kondiviża fejn tippermetti l-liġi bejn it-28 Stat Membru tal-UE u l-4 Pajjiżi Assoċjati – in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera u l-Liechtenstein.

*ANNESS XIII*

**INFORMAZZJONI GĦAL ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI JEW PERSUNI ANOMALI MISJUBA JOQGĦODU ILLEGALMENT FI STAT MEMBRU, SKONT L-ARTIKOLU 29(3) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 603/2013**

Jekk tkun misjub toqgħod illegalment f'pajjiż ieħor ta' "Dublin" ([1]), l-awtoritajiet jistgħu jieħdu l-marki tas-swaba' tiegħek u jittrasmettuhom lil bażi tad-dejta tal-marki tas-swaba' msejħa "Eurodac". Dan huwa biss għall-iskop biex jaraw jekk tkunx applikajt għall-protezzjoni internazzjonali qabel. Id-dejta tal-marki tas-swaba' tiegħek ma tkunx miżmuma fil-bażi tad-dejta tal-Eurodac, iżda jekk qabel applikajt għall-protezzjoni internazzjonali f'pajjiż ieħor, tista' tintbagħat lura f'dak il-pajjiż.

Jekk il-marki tas-swaba' tiegħek mhumiex ta' kwalità ċara, inkluż jekk tkun għamilt ħsara deliberatament lis-swaba' tiegħek, il-marki tas-swaba' jistgħu jergħu jittieħdu fil-futur.

Eurodac hija operata minn Aġenzija tal-Unjoni Ewropea msejħa eu-LISA. Id-dejta tiegħek tista' tintuża biss għall-iskopjiet definiti mil-liġi. Is-Sistema Ċentrali tal-Eurodac biss tirċievi d-dejta tiegħek. Jekk tagħmel talba għall-protezzjoni internazzjonali f'pajjiż ieħor ta' Dublin, il-marki tas-swaba' tiegħek jittieħdu wkoll għat-trasmissjoni lil Eurodac. Id-dejta miżmuma f'Eurodac ma tkunx kondiviża ma kwalunkwe pajjiż ieħor jew organizzazzjoni barra l-UE u l-pajjiżi assoċjati.

**Informazzjoni ta' kuntatt** (Imla b'informazzjonai speċifika għall-Istat Membru)

— Identità tal-kontrollur tal-Eurodac u tar-rappreżentant tiegħu/tagħha;

— Dettalji ta' kuntatt tal-uffiċċju tal-kontrollur;

— Dettalji tal-Awtorità Superviżorja Nazzjonali (Protezzjoni tad-Dejta);

Jekk l-awtoritajiet tagħna jikkonsidraw li inti stajt applikajt għall-protezzjoni internazzjonali f'pajjiż ieħor li jista' jkun responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' dik l-applikazzjoni, tirċievi informazzjoni iktar dettaljata dwar il-proċedura li ssegwi u kif taffettwa lilek u d-drittijiet tiegħek. ([2])

([1]) Jestendi madwar l-Unjoni Ewropea kollha (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit) kif ukoll l-4 pajjiżi "assoċjati" mar-Regolament ta' Dublin (in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera u l-Liechtenstein)

([2]) L-informazzjoni pprovduta hija dik prevista taħt il-Parti B tal-Anness X."

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 119/2014

## tas-7 ta’ Frar 2014

## li jemenda d-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ħmira arrikkita bil-kromu użata għall-manifattura ta’ supplimenti tal-ikel, u l-lattat tal-kromu (III) triidrat miżjud mal-ikel

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tas-supplimenti tal-ikel ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 4(5) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta’ vitamini u minerali u ta’ ċerti sustanzi oħra mal-ikel ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA),

Billi:

(1) L-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE jistabbilixxi l-lista ta’ vitamini u sustanzi minerali li jistgħu jintużaw għall-manifattura ta’ supplimenti tal-ikel. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1170/2009 ([3]) issostitwixxa l-Annessi I u II tad-Direttiva 2002/46/KE. L-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE ġie emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1161/2011 ([4]).

(2) Skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2002/46/KE, għandhom jiġu adottati, wara konsultazzjoni mal-EFSA, dispożizzjonijiet dwar il-vitamini u s-sustanzi minerali fis-supplimenti tal-ikel li jistgħu jolqtu ħażin is-saħħa pubblika.

(3) Fil-31 ta’ Ottubru 2012, l-EFSA adottat opinjoni xjentifika dwar il-ħmira tal-kromu biċ-ċelloli abbinati ChromoPrecise®, miżjuda għal finijiet alimentari, bħala sors ta’ kromu fis-supplimenti tal-ikel, kif ukoll dwar il-bijodisponibbiltà tal-kromu minn dan is-sors ([5]).

(4) L-EFSA saħqet li l-konklużjonijiet stipulati fl-opinjoni tagħha japplikaw biss għall-ħmira tal-kromu ChromoPrecise®, u mhux għal ħmejjer oħra arrikkiti bil-kromu. Barra minn hekk, l-EFSA qieset li l-ispeċifikazzjonijiet għall-ħmira tal-kromu ChromoPrecise® għandhom jinkludu speċifikazzjonijiet rigward it-telf mat-tnixxif, kif ukoll rigward il-kontenut massimu tal-kromu (VI).

(5) Mill-opinjoni adottata mill-EFSA fil-31 ta’ Ottubru 2012, joħroġ ukoll li l-użu tal-ħmira tal-kromu ChromoPrecise® f’supplimenti tal-ikel ma jippreżentax riskju għas-sikurezza, dejjem jekk jiġu rrispettati ċerti kundizzjonijiet iddettaljati fl-opinjoni.

(6) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 jistabbilixxi l-lista tal-vitamini u s-sustanzi minerali li jistgħu jiżdiedu mal-ikel.

(7) Skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006, modifiki lil-lista pprovduta fl-Anness II tal-istess Regolament għandhom jiġu adottati filwaqt li titqies l-opinjoni tal-EFSA.

(8) Fit-13 ta’ Settembru 2012, l-EFSA adottat opinjoni xjentifika dwar il-lattat tal-kromu (III) triidrat bħala sors ta’ kromu (III) miżjud mal-ikel għal finijiet alimentari ([6]).

(9) Mill-opinjoni adottata mill-EFSA fit-13 ta’ Settembru 2012, joħroġ ukoll li ż-żieda tal-lattat tal-kromu (III) triidrat mal-ikel ma tippreżentax riskju għas-sikurezza, dejjem jekk jiġu rrispettati ċerti kundizzjonijiet iddettaljati fl-opinjoni.

(10) Is-sustanzi li għalihom l-EFSA esprimiet opinjoni favorevoli għandhom jiżdiedu mal-listi stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE u l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006.

(11) Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati permezz tal-Grupp Konsultattiv dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u tal-Pjanti, u l-kummenti mogħtija ġew ikkunsidrati.

([1]) ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51.
([2]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26.
([3]) ĠU L 314, 1.12.2009, p. 36.
([4]) ĠU L 296, 15.11.2011, p. 29.
([5]) Il-Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u s-Sorsi tan-Nutrijenti miżjuda mal-Ikel (ANS); Opinjoni Xjentifika dwar il-ħmira tal-kromu biċ-ċelloli abbinati ChromoPrecise®, miżjuda għal finijiet alimentari, bħala sors ta’ kromu fis-supplimenti tal-ikel, kif ukoll dwar il-bijodisponibbiltà tal-kromu minn dan is-sors. *EFSA Journal* 2012; 10(11):2951.
([6]) Il-Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u s-Sorsi tan-Nutrijenti miżjuda mal-Ikel (ANS); Opinjoni Xjentifika dwar il-lattat tal-kromu(III) triidrat bħala sors ta’ kromu miżjud mal-ikel għal finijiet alimentari. *EFSA Journal* 2012; 10(10):2881.

(12) Ghaldaqstant, id-Direttiva 2002/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 1925/2006 għandhom jiġu emendati kif meħtieġ.

(13) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-punt B tal-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE, tiddaħħal l-entrata li ġejja wara l-entrata "klorur tal-kromu (III)":

"ħmira arrikkita bil-kromu (*)

(*) Ħmejjer arrikkiti bil-kromu, prodotti minn kultura ta' *Saccharomyces cerevisiae* fil-preżenza tal-klorur tal-kromu (III), bħala sors tal-kromu, u li fihom, fil-forma mnixxfa kif maħruġa fis-suq, 230-300 mg ta' kromu/kg. Il-kontenut tal-kromu (VI) ma għandux jaqbeż 0,2 % tal-kromu totali".

*Artikolu 2*

Fil-punt 2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006, tiddaħħal l-entrata li ġejja wara l-entrata "pikolinat tal-kromu":

"lattat tal-kromu (III) triidrat".

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 120/2014**

**tas-7 ta' Frar 2014**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1981/2006 dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-laboratorju Komunitarju tar-referenzi għall-organiżmi mmodifikati ġenetikament**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-ikel u l-għalf modifikat ġenetikament ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(2)(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ġew stabbiliti regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1981/2006 ([2]), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 503/2013 ([3]). Jeħtieġ li jiġu aġġornati dawk ir-regoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-applikanti, biex jitqiesu l-bidliet fl-ispejjeż imġarrba meta jsiru l-ittestjar u l-validazzjoni tal-metodi għat-detezzjoni, u l-bidliet fl-allokazzjoni tal-kompiti fl-Istati Membri.

(2) Ir-Regolament għandu wkoll iqis l-għadd dejjem jikber ta' OĠMs li fihom eventi ta' trasformazzjoni multipli b'taħlita dejjem tiżdied ta' eventi ta' trasformazzjoni uniċi.

(3) Jeħtieġ li tiġi aġġornata l-lista tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali nnominati biex jgħinu l-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità msemmi fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 (LRK) għall-ittestjar u l-validazzjoni ta' metodi ta' detezzjoni sabiex jitqiesu l-bidliet tan-nomina tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali mill-Istati Membri u biex tinkludi dawk li jinsabu fl-Istati Membri li reċentement daħlu fl-Unjoni.

(4) Il-miżuri ta' tranżizzjoni għandhom ikunu stabbiliti biex jippermettu lill-applikanti li rċevew l-għarfien tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti nazzjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament biex iħallsu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji skont ir-Regolament (KE) Nru 1981/2006.

(5) Għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-istituzzjonijiet ta' riċerka pubblika stabbiliti fl-UE li japplikaw għal awtorizzazzjonijiet tal-OĠM marbuta ma' proġetti ffinanzjati l-aktar mis-settur pubbliku, u għaldaqstant f'każijiet bħal dawn għandu jiġi previst tnaqqis tal-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja.

(6) Ir-Regolment (KE) Nru 1981/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1981/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) 'proċedura tal-validazzjoni sħiħa' tfisser:

(i) il-valutazzjoni, permezz ta' prova interlaboratorja skont standards internazzjonali, li tinvolvi laboratorji nazzjonali ta' referenza tal-kriterji ta' prestazzjoni tal-metodu stabbiliti mill-applikant skont id-dokument intitolat 'Definition of minimum performance requirements for analytical methods of GMO testing' (*) imsemmi:

— fil-każ ta' pjanti ġenetikament modifikati għall-użu bħala ikel jew bħala għalf, ikel jew għalf li fih jew li jikkonsisti minn pjanti ġenetikament modifikati u ikel manifatturat minn jew li fih ingredjenti manifatturati minn pjanti ġenetikament modifikati jew għalf manifatturat minn pjanti modifikati ġenetikament, fil-punt 3.1.C.4. tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 503/2013 (**);

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 368, 23.12.2006, p. 99.
([3]) ĠU L 157, 8.6.2013, p. 1.

— fil-każijiet l-oħra kollha, fil-punt 1(B) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 641/2004;

u

(ii) il-valutazzjoni tal-preċiżjoni u l-verità tal-metodu pprovduta mill-applikant.

---

(*) http://gmo-crl.jrc.ec.europa.eu/doc/Min_Perf_Requirements_Analytical_methods.pdf, CRL and European Network of GMO laboratories, 13 October 2008

(**) ĠU L 157, 8.6.2013, p. 1."

(2) Fl-Artikolu 2, jiżdiedu d-definizzjonijiet li ġejjin:

"(e) 'OĠM li fih event ta' trasformazzjoni uniku' tfisser OĠM li jkun inkiseb minn proċess ta' trasformazzjoni uniku;

(f) 'OĠM li fih eventi ta' trasformazzjoni multipli' tfisser OĠM li jkun fih aktar minn event ta' trasformazzjoni uniku miksub permezz ta' taħlit tradizzjonali, kotrasformazzjoni jew ritransformazzjoni."

(3) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

**Kontribuzzjonijiet**

1. Għal kull applikazzjoni għal OĠM li jkun fih event ta' trasformazzjoni uniku, għandha titħallas kontribuzzjoni ta' rata fissa ta' EUR 40 000 mill-applikant lil-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità (LRK).

2. L-LRK għandu jitlob lill-applikant biex iħallas kontribuzzjoni addizzjonali ta' EUR 65 000 fejn tkun meħtieġa proċedura ta' validazzjoni sħiħa ta' metodu ta' detezzjoni u identifikazzjoni għal OĠM li jkun fih event ta' trasformazzjoni uniku skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 503/2013, meta l-applikazzjoni tkun marbuta ma':

(i) pjanti ġenetikament modifikati għall-użu bħala ikel jew għalf;

(ii) ikel jew għalf li fih jew li jikkonsisti minn pjanti modifikati ġenetikament;

(iii) ikel manifatturat minn jew li fih ingredjenti manifatturati minn pjanti ġenetikament modifikati jew għalf manifatturat minn dawn il-pjanti; jew

(b) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 641/2004 fil-każijiet l-oħra kollha.

3. Għal kull applikazzjoni għal OĠM li fih eventi ta' trasformazzjoni multipli, fejn il-metodu ta' detezzjoni u identifikazzjoni ta' kull event ta' trasformazzjoni li jikkostitwixxi l-OĠM ikun ġie vvalidat mil-LRK jew fejn il-validazzjoni tkun pendenti, il-kontribuzzjoni ta' rata fissa tiddependi fuq in-numru (N) ta' eventi ta' trasformazzjoni uniċi li jikkostitwixxu l-OĠM u għandha tiġi kkalkulata bħala EUR 20 000 + (N × EUR 5 000). Għandu jitqies biss l-OĠM li jkun fih eventi ta' trasformazzjoni multipli bl-ogħla għadd ta' eventi ta' trasformazzjoni uniċi

4. Għal kull applikazzjoni għal OĠM li fih eventi ta' trasformazzjoni multipli li jikkonsisti f'wieħed jew aktar eventi ta' trasformazzjoni uniċi li għalih(hom) il-metodu ta' detezzjoni u identifikazzjoni ma ġiex ivvalidat mil-LRK jew li għalih(hom) l-ebda validazzjoni ma hija pendenti, il-kontribuzzjoni għandha tiġi kkalkulata kif ġej: l-Artikoli 3(1) u 3(2) għandhom japplikaw għal event(i) ta' trasformazzjoni uniku(uniċi) li għalih (għalihom) ma jeżisti ebda metodu vvalidat u l-Artikolu 3(3) għandu japplika għall-OĠM li fih eventi ta' trasformazzjoni multipli, filwaqt li l-valur N jikkorrispondi għan-numru ta' eventi ta' trasformazzjoni uniċi li jiffurmaw l-OĠM li għalihom jeżisti metodu vvalidat.

5. L-LRK għandu jnaqqas l-ammont ta' kontribuzzjoni addizzjonali msemmi fil-paragrafu 2, b'mod proporzjonali għall-ispejjeż li ġew iffrankati:

(a) fejn il-materjal meħtieġ għat-twettiq tal-proċedura kompluta ta' validazzjoni jiġi pprovdut mill-applikant; u/jew

(b) fejn l-applikant jipprovdi dejta li tirreferi għall-moduli, bħalma huma l-protokolli ta' estrazzjoni tad-DNA u sistemi speċifiċi ta' referenza, diġà vvalidati u ppubblikati mil-LRK.

6. Fejn l-ispejjeż ta' validazzjoni tal-metodu ta' detezzjoni u identifikazzjoni propost mill-applikant jaqbżu b'tal-inqas 50 % tal-ammont ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3, għandha tintalab kontribuzzjoni addizzjonali. Il-kontribuzzjoni addizzjonali għandha tkopri 50 % tal-parti tal-ispejjeż li jaqbżu l-ammont tal-kontribuzzjonijiet li jissemmew fil-paragrafi 1, 2 u 3.

7. Il-kontribuzzjonjiet previsti mill-paragrafu 1 sa 6 jibqgħu dovuti fil-każ li tiġi rtirata l-applikazzjoni, mingħajr ħsara għall-Artikolu 5(3)".

(4) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Fejn l-applikant huwa SME, għandu l-uffiċċju ewlieni tiegħu stabbilit f'pajjiż li qiegħed jiżviluppa, jew huwa istituzzjoni pubblika tar-riċerka stabbilit fl-UE li l-applikazzjoni tiegħu għandha x'taqsam ma' proġett iffinanzjat prinċipalment mis-settur pubbliku, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikoli 3(1) sa (4) għandhom jitnaqqsu b'50 %".

(b) Il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-Artikolu 3(6) ma għandux japplika għall-applikanti msemmija fl-Artikolu 4(1)."

(5) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 1, 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. L-applikant għandu jipprovdi evidenza li l-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikoli 3(1), 3(3) u/jew 3(4) tkun tħallset lil-LRK meta dan iressaq il-kampjuni tal-ikel u tal-għalf u l-kampjuni ta' kontroll tiegħu lil-LRK skont l-Artikolu 5(3)(j) jew l-Artikolu 17(3)(j) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

2. Meta, kif previst fl-Artikolu 3(2), proċedura ta' validazzjoni sħiħa hija meħtieġa, l-LRK għandu jinnotifika lill-applikant bil-miktub dwar dan il-fatt u jeżiġi l-pagament tal-ammont skont dik id-dispożizzjoni, qabel ma jingħata bidu għall-istadju 4 (prova kollaborattiva) tal-proċess ta' validazzjoni.

3. Meta, kif previst fl-Artikolu 3(6), l-LRK jistenna li l-ispejjeż ta' validazzjoni tal-metodu propost mill-applikant ikunu tal-inqas 50 % ogħla mill-ammont ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji li jissemmew fl-Artikoli 3(1) u (4), dan għandu jinnotifika lill-applikant bil-miktub bl-istima tal-ammont tal-ispejjeż addizzjonali.

Jekk, fi żmien xahar mid-data tal-wasla tan-notifikazzjoni, l-applikant jirtira l-applikazzjoni tiegħu, il-kontribuzzjoni addizzjonali li tissemma fl-Artikolu 3(6) ma għandhiex titħallas.

Wara li titlesta l-validazzjoni tal-metodu ta' detezzjoni, l-LRK għandu jinnotifika lill-applikant bil-miktub dwar l-ispejjeż attwali u ġġustifikati b'mod xieraq li jkunu saru fit-twettiq tal-metodu ta' validazzjoni u jitlob pagament tal-kontribuzzjoni skont l-Artikolu 3(6)."

(b) Il-paragrafu 5 għandu jitħassar.

(c) L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"Il-kontribuzzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 sa 3 għandhom jitħallsu mill-applikant fi żmien 45 jum mid-data tal-wasla tan-notifika. L-istadju 4 (prova kollaborattiva) tal-proċess ta' validazzjoni ma għandux jibda qabel ma dawn il-kontribuzzjonijiet ikunu waslu".

(6) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 jinbidel bil-paragrafi 2 u 3 kif ġej:

"2. Il-laboratorji ta' referenza nazzjonali elenkati fl-Anness II għandhom jiġu magħżula b'mod każwali biex jieħdu sehem fi prova ta' validazzjoni kollaborattiva internazzjonali u għandhom jirċievu EUR 2 400 mil-LRK bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż għall-parteċipazzjoni tagħhom. F'każ li japplika l-Artikolu 4(1) dan l-ammont għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali.

3. L-LRK u l-laboratorji ta' referenza nazzjonali elenkati fl-Anness II li jieħdu sehem fi studju ta' validazzjoni għandhom jidħlu fi ftehim bil-miktub biex jiddefinixxu r-relazzjonijiet bejniethom, l-iktar fi kwestjonijiet finanzjarji."

(7) Fl-Anness I, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) ikunu akkreditati skont l-EN ISO/IEC 17025 dwar "Kundizzjonijiet ġenerali għall-kompetenza tal-laboratorji għat-testjar u l-kalibrazzjoni" jew standard internazzjonali ekwivalenti li jiżgura li l-laboratorji:

— għandhom persunal ikkwalifikat kif jixraq b'taħriġ adegwat fil-metodi analitiċi użati għad-detezzjoni u l-identifikazzjoni tal-OĠM u ikel u għalf immodifikati ġenetikament,

— għandhom it-tagħmir meħtieġ biex titwettaq l-analiżi meħtieġa,

— għandhom infrastruttura amministrattiva adegwata,

— għandhom biżżejjed kapaċità ta' pproċessar taddejta biex jipproduċu rapporti tekniċi biex ikunu f'qagħda li jkollhom komunikazzjoni rapida mal-laboratorji l-oħrajn li jipparteċipaw fit-testjar u fil-validazzjoni tal-metodi ta' detezzjoni;

Il-laboratorji elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament li għadhom mhumiex akkreditati huma ammessi sal-31 ta' Diċembru 2014 jekk il-laboratorju jiddikjara li huwa fil-proċess ta' akkreditazzjoni u jipprovdi prova ta' kompetenzi tekniċi lil-LRK".

(8) L-Anness II jinbidel bl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Miżuri tranżitorji**

L-Artikoli 3 sa 5 tar-Regolament (KE) Nru 1981/2006 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom ikomplu japplikaw għal applikanti li jkunu rċevew għarfien tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti nazzjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

*"ANNESS II*

**Il-laboratorji ta' referenza nazzjonali li qegħdin jgħinu lil-LRK għall-ittestjar u l-validazzjoni ta' metodi ta' detezzjoni, kif riferut fl-Artikolu 6(1)**

**Il-Belġju**

— Centre wallon de Recherches agronomiques (CRA-W),

— Institut Scientifique de Santé Publique (ISP) — Wetenschappelijk Instituut Volksgezondheid (WIV),

— Instituut voor Landbouw- en Visserijonderzoek (ILVO);

**Il-Bulgarija**

— Национален център по обществено здраве и анализи (НЦОЗА), София, Сектор ГМО;

**Ir-Repubblika Ċeka**

— Výzkumný ústav rostlinné výroby, v.v.i. (VÚRV), Praha;

**Id-Danimarka**

— Danmarks Tekniske Universitet, DTU Fødevareinstituttet, Afdeling for Toksikologi og Risikovurdering ([1]),

— Ministeriet for Fødevarer, Landbrug og Fiskeri, Fødevarestyrelsen, Sektion for Plantediagnostik, Ringsted;

**Il-Ġermanja**

— Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA) Freiburg,

— Landwirtschaftliches Technologiezentrum Augustenberg (LTZ),

— Bayerisches Landesamt für Gesundheit und Lebensmittelsicherheit (LGL),

— Landeslabor Berlin-Brandenburg, Berlin,

— Landeslabor Berlin-Brandenburg, Frankfurt/Oder,

— Institut für Hygiene und Umwelt der Hansestadt Hamburg,

— Landesbetrieb Hessisches Landeslabor — Standort Kassel,

— Landesamt für Landwirtschaft, Lebensmittelsicherheit und Fischerei (LALLF) Mecklenburg-Vorpommern,

— Niedersächsisches Landesamt für Verbraucherschutz und Lebensmittelsicherheit (LAVES) — Lebensmittel- und Veterinärinstitut Braunschweig/Hannover,

— Landesuntersuchungsamt Rheinland-Pfalz — Institut für Lebensmittelchemie Trier,

— Landwirtschaftliche Untersuchungs- und Forschungsanstalt (LUFA) Speyer,

— Landesamt für Verbraucherschutz — Abteilung D Veterinärmedizinische, mikro- und molekularbiologische Untersuchungen, Saarland,

— Staatliche Betriebsgesellschaft für Umwelt und Landwirtschaft, Geschäftsbereich Labore Landwirtschaft, Sachsen,

— Landesuntersuchungsanstalt für das Gesundheits- und Veterinärwesen Sachsen (LUA),

— Landesamt für Verbraucherschutz Sachsen-Anhalt — Fachbereich Lebensmittelsicherheit,

— Landeslabor Schleswig-Holstein,

([1]) Sal-1 ta' Jannar 2014.

— Thüringer Landesamt für Verbraucherschutz (TLV),

— Bundesinstitut für Risikobewertung (BfR),

— Bundesamt für Verbraucherschutz und Lebensmittelsicherheit (BVL);

**L-Estonja**

— Tallinna Tehnikaülikooli (TTÜ) geenitehnoloogia instituut, DNA analüüsi labor;

**L-Irlanda**

— Food and Environment Research Agency (FERA) Sand Hutton, York;

**Il-Ġreċja**

— Ελληνικός Γεωργικός Οργανισμός 'ΔΗΜΗΤΡΑ', Γενική Διεύθυνση Αγροτικής Έρευνας, Ινστιτούτο Τεχνολογίας Γεωργικών Προϊόντων, Εργαστήριο Γενετικής Ταυτοποίησης, Αθήνα,

— Υπουργείο Οικονομικών, Γενική Γραμματεία Δημοσίων Εσόδων, Γενική Διεύθυνση Γενικού Χημείου του Κράτους (ΓΧΚ), Διεύθυνση Τροφίμων; Αθήνα;

**Spanja**

— Centro Nacional de Alimentación, Agencia Española de Seguridad Alimentaria y Nutrición (CNA-AESAN),

— Laboratorio Arbitral Agroalimentario del Ministerio de Agricultura, Alimentación y Medio Ambiente (LAA-MAGRAMA);

**Franza**

— Groupement d'Intérêt Public — Groupe d'Etude et de contrôle des Variétés et des Semences (GIP-GEVES),

— Laboratoire du Service Commun des Laboratoires (SCL) d'Illkirch-Graffenstaden,

— Laboratoire de la Santé des Végétaux (ANSES), Angers;

**Il-Kroazja**

— Odsjek za kvantifikaciju GMO i procjenu rizika, Hrvatski zavod za javno zdravstvo;

**L-Italja**

— Centro di Ricerca per la Sperimentazione in Agricoltura, Centro di Sperimentazione e Certificazione delle Sementi (CRA-SCS), Sede di Tavazzano — Laboratorio,

— Istituto Superiore di Sanità, Dipartimento di Sanità Pubblica Veterinaria e Scurezza Alimentare — Reparto OGM e xenobiotici di origine fungina (ISS-DSPVSA),

— Istituto Zooprofilattico Sperimentale delle Regioni Lazio e Toscana, Centro di Referenza Nazionale per la Ricerca di OGM (CROGM);

**Ċipru**

— Γενικό Χημείο του Κράτους (ΓΧΚ)

**Il-Latvja**

— Pārtikas drošības, dzīvnieku veselības un vides zinātniskais institūts 'BIOR';

**Il-Litwanja**

— Nacionalinio maisto ir veterinarijos rizikos vertinimo instituto Molekulinės biologijos ir Genetiškai modifikuotų organizmų tyrimų skyrius;

**Il-Lussemburgu**

— Laboratoire National de Santé (LNS), Division du contrôle des denrées alimentaires;

**L-Ungerija**

— Nemzeti Élelmiszerlánc-biztonsági Hivatal (NÉBIH);

**Malta**

— LGC Limited UK;

**Il-Pajjiżi l-Baxxi**

— RIKILT — Wageningen UR,

— Nederlandse Voedsel en Waren Autoriteit (NVWA);

**L-Awstrija**

— Österreichische Agentur für Gesundheit und Ernährungssicherheit GmbH — Institut für Lebensmittelsicherheit Wien, Abteilung für Molekular- und Mikrobiologie (AGES — MOMI),

— Umweltbundesamt GmbH;

**Il-Polonja**

— Instytut Hodowli i Aklimatyzacji Roślin (IHAR); Laboratorium Kontroli Genetycznie Modyfikowanych Organizmów, Błonie,

— Instytut Zootechniki — Państwowy Instytut Badawczy, Krajowe Laboratorium Pasz, Lublin,

— Państwowy Instytut Weterynaryjny — Państwowy Instytut Badawczy, Puławy,

— Regionalne Laboratorium Badań Żywności Genetycznie Modyfikowanej w Tarnobrzegu;

**Il-Portugall**

— Laboratório de OGM, Instituto Nacional de Investigação Agrária e Veterinária (INIAV), Unidade Estratégica de Investigação e Serviços de Sistemas Agrários e Florestais e Sanidade Vegetal (UEIS-SAFSV);

**Ir-Rumanija**

— Laboratorul Național de Referință pentru OMG din alimente și furaje, Institutul de Diagnostic și Sănătate Animală, București;

**Is-Slovenja**

— Kmetijski inštitut Slovenije (KIS), Ljubljana,

— Nacionalni inštitut za biologijo (NIB), Ljubljana;

**Is-Slovakkja**

— Ústredný kontrolný a skúšobný ústav poľnohospodársky, Oddelenie molekulárnej biológie NRL Bratislava,

— Štátny veterinárny a potravinový ústav, Dolný Kubín (State Veterinary and Food Institute Dolný Kubín);

**Il-Finlandja**

— Tullilaboratorio,

— Elintarviketurvallisuusvirasto Evira;

**L-Isvezja**

— Livsmedelsverket (SLV);

**Ir-Renju Unit**

— Food and Environment Research Agency (FERA),

— LGC Limited (LGC),

— Science and Advice for Scottish Agriculture (SASA)”.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 121/2014

## tas-7 ta' Frar 2014

## dwar l-awtorizzazzjoni tal-L-selenometijonina bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-L-selenometijonina. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-L-selenometijonina, kompost organiku ta' selenju, bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali, biex tiġi kklassifikata fil-kategorija tal-addittivi "addittivi nutrittivi".

(4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") fl-opinjoni tagħha tat-2 ta' Mejju 2013 ([2]) ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet proposti tal-użu, l-L-selenometijonina ma għandhiex effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent u li l-użu tagħha jista' jitqies bħala sors effettiv ta' selenju għall-ispeċi kollha tal-annimali. L-Awtorità tqis li ma hemmx bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ wara li titqiegħed fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu tal-analiżi tal-addittivi tal-għalf fl-għalf li ġie ppreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza mwaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni tal-L-selenometijonina turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(6) L-Awtorità kkonkludiet li l-limitazzjoni tas-supplimentazzjoni b'selenju organiku stabbilit għal komposti organiċi oħrajn tas-selenju għandhom japplikaw ukoll għal L-selenometijonina. Għaldaqstant, f'każ li l-komposti differenti tas-selenju jiżdiedu mal-għalf, is-supplimentazzjoni b'selenju organiku ma għandhiex taqbeż iż-0,2 mg għal kull kg ta' għalf komplet.

(7) L-applikant ressaq dejta supplimentari wara l-opinjoni msemmija hawn fuq tal-Awtorità, sabiex jagħti evidenza tal-istabbiltà tal-addittiv ġaladarba jkun inkorporat f'taħlitiet lesti minn qabel li jinkludu komposti ta' mikroelementi.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi, "addittivi nutrizzjonali", u mill-grupp funzjonali, "komposti ta' mikroelementi", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni tal-annimali, suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) *EFSA Journal* 2013; 11(5):3219.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

| Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku. | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Selenju f'mg/kg tal-għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 % | | | |
| **Kategorija tal-addittivi nutrittivi. Grupp funzjonali: komposti ta' mikroelementi** | | | | | | | | | |
| 3b815 | — | L-selenometijonina | *Karatterizzazzjoni tal-addittiv*<br>Preparazzjoni solida ta' L-selenometijonina b'kontenut ta' selenju < 40 g/kg<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Selenju organiku fil-forma ta' L-selenometijonina (2-ammino- 4-metilselanil-aċidu butanojku) mis-sinteżi kimika<br>Formula kimika: $C_5H_{11}NO_2Se$<br>Numru CAS: 3211-76-5<br>Trab kristallin b'L-selenometijonina > 97 % u<br>Selenju > 39 %<br>*Metodu analitiku* ([1])<br>Sabiex tiġi ddeterminata l-L-selenometijonina fl-addittiv fl-għalf: prestazzjoni għolja ta' kromatografija likwida u spettrometrija tal-massa bi plażma akkoppjata induttivament (HPLC-ICPMS) wara diġestjoni proteolitika tripla.<br>Sabiex jiġi ddeterminat is-selenju totali fl-addittiv fl-għalf: spettrometrija tal-massa bi plażma akkoppjata induttivament (ICPMS), jew spettrometrija tal-emissjoni atomika bi plażma akkoppjata induttivament (ICP-AES).<br>Sabiex jiġi ddeterminat is-selenju totali fit-taħlitiet minn qabel, fl-għalf kompost u fil-materjali tal-għalf: spettrometrija tal-assorbiment atomiku bil-ġenerazzjoni tal-idruri (HGAAS) wara diġestjoni b'irradjazzjoni ta' mikromewġ (EN 16159:2012). | L-ispeċi kollha | — | | 0,50 (totali) | 1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf f'forma ta' taħlita minn qabel.<br>2. Għas-sikurezza tal-utent: waqt l-użu għandhom jintlibsu protezzjoni għan-nifs u nuċċalijiet u ingwanti tas-sikurezza.<br>3. L-addittivi teknoloġiċi jew materjali tal-għalf inklużi fil-preparazzjoni tal-addittiv għandhom jiżguraw potenzjal li jsiru trab < 0,2 mg selenju/$m^3$ arja.<br>4. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel, indika l-kundizzjonijiet tal-ħażna u tal-istabbiltà.<br>5. Supplimentazzjoni massima mas-selenju organiku:<br>0,20 mg Se/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %.<br>6. Jekk il-preparazzjoni jkun fiha addittiv teknoloġiku jew materjali tal-għalf li għalihom il-kontenut massimu jkun iffissat jew ikun suġġett għal restrizzjonijiet oħra, il-manifattur tal-addittiv tal-għalf għandu jipprovdi din l-informazzjoni lill-konsumaturi. | It-28 ta' Frar 2024 |

([1]) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/authorisation/evaluation_reports/Pages/index.aspx

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 122/2014

## tas-7 ta' Frar 2014

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2014.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 85,7 |
| | MA | 52,0 |
| | TN | 74,1 |
| | TR | 93,5 |
| | ZZ | 76,3 |
| 0707 00 05 | TR | 123,0 |
| | ZZ | 123,0 |
| 0709 91 00 | EG | 91,5 |
| | ZZ | 91,5 |
| 0709 93 10 | MA | 39,1 |
| | TR | 120,6 |
| | ZZ | 79,9 |
| 0805 10 20 | EG | 50,1 |
| | MA | 53,1 |
| | TN | 54,3 |
| | TR | 73,6 |
| | ZZ | 57,8 |
| 0805 20 10 | IL | 121,4 |
| | MA | 74,6 |
| | ZZ | 98,0 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 60,3 |
| | IL | 128,7 |
| | JM | 113,2 |
| | KR | 144,2 |
| | MA | 142,6 |
| | PK | 55,3 |
| | TR | 98,5 |
| | ZZ | 106,1 |
| 0805 50 10 | TR | 78,1 |
| | ZZ | 78,1 |
| 0808 10 80 | CN | 95,7 |
| | MK | 35,4 |
| | US | 163,7 |
| | ZZ | 98,3 |
| 0808 30 90 | CL | 123,5 |
| | CN | 46,0 |
| | TR | 122,0 |
| | US | 134,7 |
| | ZA | 119,7 |
| | ZZ | 109,2 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 123/2014

## tas-7 ta' Frar 2014

## li jiffissa l-koeffiċjenti ta' allokazzjoni li għandha tapplika għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mressqa mit-3 sal-4 ta' Frar 2014 fil-kuntest tal-kwota tariffarja tat-Tuneżija u li jissospendi l-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għax-xahar ta' Frar 2014

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(1) u (2) tal-Protokoll Nru 1 [3] tal-ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Tuneżina min-naħa l-oħra [4], jistabbilixxi kwota tariffarja b'dazju doganali ta' żero għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mhux raffinat li jaqa' taħt il-kodiċijiet tan-NM 1509 10 10 u 1509 10 90, prodott kollu kemm hu fit-Tuneżija u ttrasportat direttament minn dak il-pajjiż lejn l-Unjoni Ewropea, fil-limiti stipulati għal kull sena.

(2) L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji f'dak li jirrigwarda ż-żejt taż-żebbuġa li joriġina fit-Tuneżija [5] jipprovdi għal limiti kwantitattivi ta' kull xahar għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni.

(3) F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, tressqu applikazzjonijiet għand l-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni għal kwantità totali li taqbeż il-limitu pprovdut għax-xahar ta' Frar fl-Artikolu 2(2) tar-Regolamernt imsemmi.

(4) F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni li jippermetti l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni *pro rata* għall-kwantità disponibbli.

(5) Ġaladarba ntlaħaq il-limitu għax-xahar ta' Frar, għax-xahar imsemmi ma tista' tinħareġ l-ebda liċenzja tal-importazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa fit-3 u s-4 ta' Frar 2014 skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, għandhom jinħarġu skont koeffiċjent ta' allokazzjoni ta' 20,275606 %.

Il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għall-kwantitajiet mitluba mill-5 ta' Frar 2014 huwa sospiż għal Frar 2014.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-8 ta' Frar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2014.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
[2] ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
[3] ĠU L 97, 30.3.1998, p. 57.
[4] ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.
[5] ĠU L 365, 21.12.2006, p. 84.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-28 ta' Jannar 2014**

**li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Latvijas Banka**

(2014/68/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni BĊE/2013/42 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Novembru 2013 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Latvijas Banka [1],

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tas-sistema tal-Euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/387/UE [2], il-Latvja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga favur il-Latvja msemmija fl-Artikolu 4 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 [3] hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

(3) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li SIA Ernst & Young Baltic jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Latvijas Banka għas-sena finanzjarja 2014.

(4) Huwa xieraq li tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE [4] tiġi emendata b'konsegwenza ta' dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE:

"18. SIA Ernst & Young Baltic huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Latvijas Banka għas-sena finanzjarja 2014.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. STOURNARAS

---

(1) ĠU C 342, 22.11.2013, p. 1.

(2) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/387/UE tad-9 ta' Lulju 2013 dwar l-adozzjoni tal-euro fil-Latvja fl-1 ta' Jannar 2014 (ĠU L 195, 18.7.2013, p. 24).

(3) ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.

(4) Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-6 ta' Frar 2014

## li tawtorizza lill-Isvezja u lir-Renju Unit li jidderogaw minn ċerti regoli komuni ta' sikurezza tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(notifikata bid-dokument C(2014) 559)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2014/69/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(6) tiegħu,

Billi:

(1) Għadd ta' Stati Membri talbu li jiġu applikati derogi fir-regoli komuni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili inklużi fir-regoli li jimplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 216/2008. Skont l-Artikolu 14(6) ta' dak ir-Regolament, is-servizzi tal-Kummissjoni vvalutaw il-ħtieġa għal, u l-livell ta' protezzjoni li joħroġ minn, id-derogi mitluba, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-EASA. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-varjazzjoni tkun tipprovdi livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dik miksuba bl-applikazzjoni tar-regoli komuni dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni, sakemm ċerti kondizzjonijiet jiġu sodisfatti. Il-valutazzjoni ta' kull deroga, u l-kondizzjonijiet marbutin mal-applikazzjoni tagħhom, huma deskritti fl-Annessi separati ta' din id-Deċiżjoni li tawtorizza dawn id-derogi.

(2) Skont l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, deroga mogħtija lil Stat Membru wieħed għandha tkun notifikata lill-Istati Membri kollha, li għandhom ikunu intitolati wkoll li japplikaw dik id-deroga. Din id-Deċiżjoni għandha għalhekk tiġi indirizzata lill-Istati Membri Kollha. Id-deskrizzjoni ta' kull deroga, kif ukoll il-kondizzjonijiet marbuta magħha, għandha tkun tali li tippermetti Stati Membri oħra li japplikaw dik il-miżura meta dawn isibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni, mingħajr il-ħtieġa ta' iktar approvazzjoni mill-Kummissjoni. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-applikazzjoni tad-derogi peress li jista' jkollhom effetti barra dak l-Istat Membru.

(3) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-gvernijiet tal-Isvezja u r-Renju Unit jistgħu jagħtu approvazzjonijiet li jidderogaw minn ċerti regoli ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, kif speċifikat fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri kollha għandhom ikollhom id-dritt li japplikaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1, kif speċifikat fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija, u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tagħhom.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2014.

*Għall-Kummissjoni*
Siim KALLAS
*Viċi President*

---

([1]) ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

*ANNESS I*

**Deroga tar-Renju Unit mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011** ([1]) **fir-rigward tal-privileġġi tal-Istruttur tat-Titjir Sintetiku (SFI)**

1. DESKRIZZJONI TAT-TALBA

Id-dispożizzjoni FCL905.SFI(a) fil-Parti FCL tistipula li l-privileġġi tal-SFIs huma li jipprovdu taħriġ fit-titjir sintetiku, fi ħdan il-kategorija rilevanti tal-inġenju tal-ajru, għal: (a) il-ħruġ, il-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid ta' IR, sakemm huwa għandu jew kellu IR fil-kategorija tal-inġenju tal-ajru rilevanti u lesta kors ta' taħriġ ta' IRI;

Permezz ta' ittra li waslet għand il-Kummissjoni fis-27 ta' Novembru 2012, il-Gvern tar-Renju Unit avża lill-Kummissjoni u lill-EASA bl-intenzjoni tiegħu li jidderoga mill-FCL905.SFI(a) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 (ir-Regolament dwar l-Ekwipaġġ tal-Ajru), abbażi tal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 (ir-Regolament Bażiku).

Ir-Renju Unit ipproponа li jissepara r-rekwiżit għall-kors tal-IRI u l-privileġġ marbut mal-istruzzjoni għall-IR inizjali mir-rekwiżiti l-oħra tal-SFI u biex l-SFIs, li ma jkunux temmew it-taħriġ tal-IRI, ikunu jistgħu jipprovdu taħriġ għall-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid tal-IR ta' tip speċifiku.

2. VALUTAZZJONI TAT-TALBA

2.1. **Il-bżonn**

Bħalissa hemm numru mhux suffiċjenti ta' strutturi tat-titjir kwalifikati li jipprovdu korsijiet ta' taħriġ u mhux qed ikunu approvati biżżejjed korsijiet tal-IRI li jippermettu lill-SFIs prospettivi jiksbu dawn il-kwalifiki. L-awtorità kompetenti tar-Renju Unit enfasizzat li r-rekwiżit biex jattendu kors tal-IRI joħloq piż mhux intenzjonat minħabba għadd mhux suffiċjenti ta' strutturi tat-titjir. Dan jista' jiġi rimedjat billi jingħata permess biex l-SFIs li ma lestewx il-kors ta' taħriġ tal-IRI jipprovdu taħriġ għall-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid tal-IR tat-tip speċifiku. L-Aġenzija kkunsidrat li r-Renju Unit wera b'mod suffiċjenti l-bżonn li ssir deroga mir-rekwiżiti tal-FCL.905.SFI.

2.2. **Ekwivalenza tal-livell ta' protezzjoni**

Billi l-Parti FCL hija miktuba, it-tlestija tal-kors tal-IRI huwa rekwiżit ġenerali u japplika għall-privileġġi kollha ta' taħriġ tal-SFI marbuta mal-IR. Għalhekk, dan japplika wkoll għall-privileġġi marbuta mat-taħriġ għall-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid tal-IR tat-tip speċifiku, kif ukoll għall-privileġġi addizzjonali biex jingħata t-taħriġ għall-għoti inizjali tal-IR.

Ir-Renju Unit enfasizza li livell ekwivalenti ta' protezzjoni qed jinżamm permezz tad-deroga intenzjonata għaliex din id-deroga se ddaħħal fis-seħħ mill-ġdid l-istandard tal-JAR-FCL.

Barra minn hekk, ir-Renju Unit ipproponа li jagħmel il-kors tal-IRI biss għall-privileġġ marbut mat-taħriġ tal-IR inizjali u li jillimita l-privileġġi tal-SFIs li ma segwewx dan il-kors għat-taħriġ għall-validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid tal-klassifikazzjoni tat-tip inkluż it-tip speċifiku tal-IR. Sabiex dawn ikunu jistgħu jipprovdu dan it-taħriġ mingħajr ma jkunu pparteċipaw f'kors sħiħ tal-IRI, ir-Renju Unit ipproponа li l-SFIs ikunu għaddew minn kontroll tal-profiċjenza għat-tip tal-inġenju tal-ajru, inkluża l-kwalifika ta' titjir bl-istrumenti f'dawn l-aħħar 12-il xahar. SFIs b'din il-kwalifika li ma jkunux attendew kors sħiħ tal-IRI ma għandhomx iħarrġu għall-ħruġ inizjali ta' kwalunkwe kwalifika ta' titjir bl-istrumenti, jew għall-validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid tal-kwalifika ta' titjir bl-istrumentii li mhix assoċjata mal-validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid tal-klassifikazzjoni tat-tip.

L-Aġenzija, wara li analizzat it-talba għal deroga emendata, ikkonkludiet li r-Renju Unit hija korretta meta ddikjarat li l-privileġġi tal-SFI nbidlu fil-Parti FCL meta mqabbel mal-JAR-FCL. Ir-rekwiżit il-ġdid li jirrikjedi lill-SFIs jattendu kors tal-IRI jekk se jitwettaq it-taħriġ għat-titjir għall-IR żdied bħala kondizzjoni addizzjonali minħabba li tqies bħala meħtieġ għall-estensjoni tal-privileġġi.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

L-Aġenzija qablet mal-valutazzjoni tar-Renju Unit li d-deroga proposta tipprovdi livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak miksub mill-applikazzjoni tal-Parti-FCL, peress li din mhux se tippermetti lil dan il-grupp speċifiku tal-SFIs li jħarrġu għat-tiġdid u l-validazzjoni mill-ġdid tal-IR ġenerali mingħajr ma jkunu pparteċipaw f'kors tal-IRI, iżda jkunu jistgħu biss jipprovdu taħriġ għall-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid tal-IR tat-tip speċifiku.

3. DESKRIZZJONI TAD-DEROGA

Ir-Renju Unit jista', b'deroga mill-FCL.905.SFI(a) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011, jippermetti lill- SFIs jipprovdu taħriġ għall-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid tal-IR tat-tip speċifiku mingħajr ma jkunu lestew it-taħriġ tal-IRI.

4. KONDIZZJONIJIET MARBUTA MAL-APPLIKAZZJONI TAD-DEROGA

SFIs b'din il-kwalifika ma għandhomx iwettqu taħriġ għat-tiġdid u l-validazzjoni mill-ġdid tal-IR ġenerali mingħajr ma jkunu pparteċipew f'kors tal-IRI.

5. APPLIKABBILTÀ ĠENERALI TAD-DEROGA

L-Istati Membri kollha jistgħu japplikaw din id-deroga sakemm il-kondizzjonijiet deskritti fil-punt 4 jiġu sodisfatti.

*ANNESS II*

**Deroga tar-Renju Unit mir-Regolament (UE) Nru 1178/2011 fir-rigward tal-privileġġi tal-Eżaminatur tat-Titjir Sintetiku (SFE)**

1. DESKRIZZJONI TAT-TALBA

Id-dispożizzjoni FCL.1005.SFE(a)(2) tistipula li l-privileġġi tal-SFEs fuq l-ajruplani jew inġenji tal-ajru bil-powered-lift huma li jwettqu f'FFS: "(…) kontrolli tal-profiċjenza għall-validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid tal-IRs, sakemm l-SFEs jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-FCL.1010.IRE għall-kategorija applikabbli tal-inġenju tal-ajru".

Permezz ta' ittra li waslet għand il-Kummissjoni fis-27 ta' Novembru 2012, il-Gvern tar-Renju Unit avża lill-Kummissjoni u lill-EASA bl-intenzjoni tiegħu li jidderoga mill-FCL.1005.SFE(a)(2) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 (ir-Regolament dwar l-Ekwipaġġ tal-Ajru), abbażi tal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 (ir-Regolament Bażiku).

Ir-Renju Unit ippropona li tinħoloq kategorija ġdida tal-SFEs bil-privileġġi li jeżaminaw għall-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid tal-IR meta konness ma' klassifikazzjoni tat-tip billi jiġi separat ir-rekwiżit għall-IRI/IRE mir-rekwiżiti l-oħra tal-SFE u jiġu limitati l-privileġġi għall-validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid ta' klassifikazzjoni tat-tip inkluż it-tip speċifiku tal-IR.

2. VALUTAZZJONI TAT-TALBA

2.1. **Il-bżonn**

Attwalment m'hemmx biżżejjed korsijiet approvati li jippermettu lil SFEs prospettivi jiksbu dawn il-kwalifiki. Ir-Renju Unit enfasizza li dan ir-rekwiżit se joħloq piż mhux intenzjonat billi iddikjara li bħalissa m'hemmx riżorsi mħarrġa b'mod adegwat. Dan jista' jiġi rimedjat billi dawk l-SFEs, li ma kkonformawx mar-rekwiżiti tal-IRE, jingħatalhom permess biex iwettqu kontrolli tal-profiċjenza għall-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid tal-IR tat-tip speċifiku. L-Aġenzija kkunsidrat li r-Renju Unit wera b'mod suffiċjenti l-ħtieġa li ssir deroga mir-rekwiżiti tal-FCL.1005.SFE.

2.2. **Ekwivalenza tal-livell ta' protezzjoni**

Ir-Renju Unit iġġustifika d-deroga intenzjonata billi rrefera għar-rekwiżit ekwivalenti tal-JAR-FCL u identifika tibdila fir-rigward tal-privileġġi ta' din il-kategorija ta' eżaminaturi kif ukoll il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti mill-applikant. Ir-Renju Unit enfasizza li skont is-sistema tal-JAR bosta awtoritajiet nazzjonali ppermettew lill-Eżaminaturi tat-Titjir Sintetiku (SFEs) biex jeżaminaw għall-privileġġi marbuta mal-validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid tal-istrument tat-titjir li huma assoċjati mal-klassifikazzjoni tat-tip; jiġifieri, il-validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid ta' klassifikazzjoni tat-tip flimkien mal-kwalifika ta' titjir bl-istrumenti (IR) tat-tip speċifiku. L-SFEs ma tħallewx jeża-minaw għall-IR ġenerali tat-tip mhux speċifiku jew għall-għoti inizjali tal-privileġġi tal-IR tat-tip speċifiku.

Ir-Renju Unit kompla jinnota, li abbażi taż-żieda fil-privileġġi tal-SFEs, il-Parti-FCL teħtieġ li l-SFEs għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti applikabbli għal ċertifikat ta' Eżaminatur tal-Kwalifika ta' Titjir bl-Istrumenti (IRE), li jinkludi r-rekwiżit li jkunu fil-pussess ta' ċertifikat ta' Strutturi tal-Klassifikazzjoni tat-Titjir bl-Istrumenti (IRI). Peress li l-Parti-FCL huwa miktub, dan ir-rekwiżit huwa prerekwiżit ġenerali u għalhekk japplika għall-privileġġi kollha tal-eżami tal-IR tal-SFE. Dan japplika għall-privileġġi għall-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid tal-IRs tat-tip speċifiku kif ukoll il-privileġġi l-ġodda ta' ezami għall-għoti inizjali ta' kwalunkwe IR.

Ir-Renju Unit issottolinea li livell ekwivalenti ta' protezzjoni jinżamm bid-deroga intenzjonata għaliex din id-deroga se terġa' ddaħħal fis-seħħ l-istandard tal-JAR-FCL.

L-Aġenzija, wara li analizzat it-talba għal deroga, kkonkludiet li r-Renju Unit huwa korrett meta qed jiddikjara li r-rekwiżit FCL.1005.SFE fil-fatt ma fih l-ebda privileġġ għall-SFEs li jwettqu test tal-ħila għall-ħruġ inizjali tal-IR f'FFS, iżda huwa limitat għall-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid tal-IR (ara l-paragrafu (a)(2)). Barra minn hekk, ir-Renju Unit iddikjara korrettament li skont il-JAR-FCL il-privileġġ tal-SFE jippermetti t-twettiq tal-kontrolli tal-profiċjenza għall-validazzjoni mill-ġdid jew għat-tiġdid tal-IR. Ir-Renju Unit kien korrett ukoll meta ddikjara li l-SFEs skont il-JAR-FCL ma kinux meħtieġa li jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti tal-IRE/IRI. Huwa korrett li l-privileġġi tal-SFE nbidlu meta mqabbla mal-JAR-FCL.

Sabiex jiġi inkluż il-privileġġ tal-eżami għall-validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid ta' klassifikazzjoni kombinata tat-tip u l-IR mingħajr ma kkonforma mar-rekwiżiti tal-IRE, ir-Renju Unit ippropona li l-SFEs ikunu għaddew minn kontroll tal-profiċjenza għat-tip tal-inġenju tal-ajru inkluża kwalifika ta' titjir bl-istrumenti bl-istrumenti f'dawn l-aħħar 12-il xahar. SFEs b'din il-kwalifika ma għandhomx jeżaminaw għall-ħruġ inizjali ta' kwalunkwe kwalifika ta' titjir bl-istrumentii, jew għall-validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid ta' kwalifika ta' titjir bl-istrumenti li mhix assoċjata mal-validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid tal-klassifikazzjoni tat-tip.

Abbażi tal-analiżi mwettqa, l-Aġenzija qablet mal-evalwazzjoni tar-Renju Unit li d-deroga proposta tipprovdi livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak miksub bl-applikazzjoni tal-Parti-FCL, peress li mhux se tippermetti lil dan il-grupp speċifiku tal-SFEs li jeżaminaw għat-tiġdid u l-validazzjoni mill-ġdid tal-IR mingħajr ma jkunu pparteċipaw f'kors tal-IRI, iżda se tagħtihom il-privileġġ li jeżaminaw għall-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid tal-IR tat-tip speċifiku.

3. DESKRIZZJONI TAD-DEROGA

Ir-Renju Unit jista', b'deroga mill-FCL.1005.SFE (a)(2) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011, jippermetti lill-SFEs li jwettqu kontrolli tal-profiċjenza għall-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid tal-IR tat-tip speċifiku mingħajr ma kkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli għal Eżaminatur tal-Kwalifika ta' Titjir bl-Istrumenti (IRE), li jinkludi r-rekwiżit li jkunu fil-pussess taċ-ċertifikat ta' Strutturi tal-Kwalifika ta' Titjir bl-Istrumenti (IRI).

4. KONDIZZJONIJIET MARBUTA MAL-APPLIKAZZJONI TAD-DEROGA

SFEs b'din il-kwalifika ma għandhomx jeżaminaw għall-ħruġ inizjali ta' kwalunkwe kwalifika ta' titjir bl-istrumentii, jew għall-validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid ta' kwalifika ta' titjir bl-istrumentii li mhix assoċjata ma' validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid ta' klassifikazzjoni tat-tip.

5. APPLIKABBILTÀ ĠENERALI TAD-DEROGA

L-Istati Membri kollha jistgħu japplikaw din id-deroga sakemm il-kondizzjonijiet deskritti fil-punt 4 jiġu sodisfatti.

*ANNESS III*

**Deroga tar-Renju Unit mir-Regolament (UE) Nru 1178/2011 fir-rigward tal-privileġġi ristretti tal-Istrutturi tat-Titjir Sintetiku (SFI) u l-mezzi li bihom dawk ir-restrizzjonijiet jistgħu jitneħħew**

1. DESKRIZZJONI TAT-TALBA

Id-dispożizzjoni FCL.910.SFI(b) tistipula li għall-estensjoni tal-privileġġi tal-SFI għal simulaturi li jirrappreżentaw it-tipi addizzjonali tal-inġenji tal-ajru, l-SFIs għandhom jiġu eżaminati minn Eżaminatur tal-Klassifikazzjoni tat-Tip (TRE). Il-Parti-FCL ma tippermettix lill-SFEs li huma kwalifikati għat-tip li jwettqu t-test biex iżidu tip ieħor ta' privileġġi tal-SFI.

Permezz ta' ittra li waslet għand il-Kummissjoni fis-27 ta' Novembru 2012, il-Gvern tar-Renju Unit avża lill-Kummissjoni u lill-EASA bl-intenzjoni tiegħu li jidderoga mill-FCL.910.SFI(b) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 (ir-Regolament dwar l-Ekwipaġġ tal-Ajru), abbażi tal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 (ir-Regolament Bażiku).

Ir-Renju Unit talab din id-deroga sabiex jippermetti lill-SFEs li mhux biss iwettqu testijiet fil-każ tal-ħruġ inizjali taċ-ċertifikat tal-SFI iżda li jestendu l-privileġġi sabiex l-SFEs ikunu jistgħu jittestjaw lill-SFI għal kwalunkwe tip addizzjonali.

2. VALUTAZZJONI TAT-TALBA

2.1. **Il-bżonn**

Huwa neċessarju li l-SFEs jitħallew mhux biss li jwettqu testijiet fil-każ tal-ħruġ inizjali taċ-ċertifikat tal-SFI iżda li jestendu l-privileġġi sabiex l-SFEs ikunu jistgħu jittestjaw l-SFI għal kwalunkwe tip addizzjonali għax inkella jiġi impost piż żejjed fuq l-industrija minħabba n-nuqqas ta' staff ikkwalifikat. L-Aġenzija qablet mal-ġustifikazzjoni mogħtija mir-Renju Unit dwar il-ħtieġa li tingħata din id-deroga.

2.2. **Ekwivalenza tal-livell ta' protezzjoni**

Ir-Renju Unit iġġustifika d-deroga intenzjonata billi ddikjara li ma jkun hemm l-ebda effett ta' ħsara fuq il-livell ta' protezzjoni kkawżat minn din l-estensjoni tal-privileġġi.

Abbażi tal-analiżi mwettqa, l-Aġenzija qablet mal-evalwazzjoni tar-Renju Unit li livell ekwivalenti ta' protezzjoni qed jinżamm bid-deroga intenzjonata peress li l-Parti-FCL diġà tippermetti lill-SFEs li jittestjaw lill-SFIs għat-tip ta' inġenju tal-ajru inkluż fil-ħruġ inizjali taċ-ċertifikat tal-SFI.

3. DESKRIZZJONI TAD-DEROGA

Ir-Renju Unit jista' jidderoga mill-FCL.910.SFI(b) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011, sabiex jippermetti lill-SFEs li mhux biss iwettqu testijiet fil-każ tal-ħruġ inizjali taċ-ċertifikat tal-SFI iżda li jestendu l-privileġġi sabiex l-SFEs ikunu jistgħu jittestjaw lill-SFI għal kwalunkwe tip addizzjonali.

4. KONDIZZJONIJIET MARBUTA MAL-APPLIKAZZJONI TAD-DEROGA

Il-privileġġi tal-SFI jistgħu jiġu estiżi għal FSTDs oħra li jirrappreżentaw tipi oħra tal-istess tal-istess kategorija tal-inġenju tal-ajru meta d-detentur ikun:

— lesta b'mod sodisfaċenti l-kontenut tas-simulatur tal-kors tal-klassifikazzjoni tat-tip rilevanti, kif ukoll

— wettaq fuq kors sħiħ tal-klassifikazzjonijiet tat-tip mill-inqas tliet sigħat ta' taħriġ fit-titjir relatat mad-dmirijiet ta' SFI fuq it-tip applikabbli taħt is-sorveljanza u għas-sodisfazzjon ta' TRE jew SFE kkwalifikat/a għal dan il-għan.

5. APPLIKABBILTÀ ĠENERALI TAD-DEROGA

L-Istati Membri kollha jistgħu japplikaw din id-deroga sakemm il-kondizzjonijiet deskritti fil-punt 4 jiġu sodisfatti.

*ANNESS IV*

**Deroga tar-Renju Unit mir-Regolament (UE) Nru 1178/2011 fir-rigward tal-privileġġi u l-kondizzjonijiet għall-Istrutturi tat-Titjir Sintetiku (SFI)**

1. DESKRIZZJONI TAT-TALBA

Id-dispożizzjoni FCL.905.SFI tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 tistabbilixxi l-privileġġi tal-Istruttur tat-Titjir Sintetiku (SFI) u ma tippermettix lill-SFIs iħarrġu l-applikanti għaċ-ċertifikat tal-SFI. Il-Parti-FCL tagħti l-privileġġ li jingħata dan it-taħriġ biss lid-detenturi taċ-ċertifikat tal-Istruttur tal-Kwalifika ta' Tip (TRI), sakemm dawn ikollhom mill-inqas tliet snin ta' esperjenza bħala TRI (FCL905.TRI(b)).

Permezz tal-ittra tas-27 ta' Novembru 2012, il-Gvern tar-Renju Unit avża lill-Kummissjoni u lill-EASA bl-intenzjoni tiegħu li jidderoga minn din id-dispożizzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 (ir-Regolament dwar l-Ekwipaġġ tal-Ajru), abbażi tal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

Ir-Renju Unit ipproponi li jagħti lid-detenturi ta' ċertifikat tal-SFI, il-privileġġ li jipprovdi taħriġ lill-applikanti għal ċertifikat tal-SFI mingħajr ma jissodisfa r-rekwiżit li, ta' mill-inqas għandu tliet snin ta' esperjenza bħala TRI.

2. VALUTAZZJONI TAT-TALBA

2.1. **Il-bżonn**

Ir-Renju Unit għarraf li, fil-passat, kien interpreta l-JAR-FCL bħala li tippermetti lill-SFIs li jagħixxu ta' tuturi f'korsijiet tal-SFI wara li jkunu wettqu kors speċifiku ta' tutur segwit minn valutazzjoni tal-kompetenza. Ir-Renju Unit kompla jispjega li bl-implimentazzjoni tal-Parti-FCL u l-introduzzjoni ta' diċitura aktar speċifika, il-privileġġ għat-taħriġ tal-applikanti għal ċertifikat tal-SFI jingħata biss lill-Istrutturi tal-Kwalifika ta' Tip (TRIs) bi tliet snin ta' esperjenza bħala TRIs. Fir-Renju Unit ħafna SFIs iċċertifikati mir-Renju Unit u li jaħdmu fir-rwol tat-tagħlim tal-applikanti għal ċertifikat tal-SFI ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżit li jsiru TRI b'esperjenza ta' tliet snin. Għalhekk, dawn mhux se jkunu jistgħu jkompli jaġixxu ta' tuturi f'korsijiet tal-SFI. Ir-Renju Unit speċifika wkoll li ħafna SFIs attwali mhumiex sejrin ikunu kapaċi jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-TRI għal raġunijiet mediċi.

Abbażi tal-valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali, ir-Renju Unit ikkonkluda li hemm numru mhux suffiċjenti ta' TRIs biex jgħallmu numru suffiċjenti ta' applikanti għaċ-ċertifikat tal-SFI u biex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet ta' taħriġ tal-industrija. B'riżultat ta' dan, se jkun hemm nuqqas ta' strutturi kwalifikati li jipprovdu dan it-taħriġ li jista' jikkawża tfixkil serju fit-taħriġ tal-bdoti, b'mod partikolari fil-qasam tal-inġenji tal-ajru tan-negozju/korporattivi. Għalhekk, hemm bżonn li jingħata l-privileġġ lill-SFI li ma jissodisfawx ir-rekwiżit ta' esperjenza, ta' mill-inqas, tliet snin bħala TRI, biex jipprovdu taħriġ lill-applikant tal-SFI. L-Aġenzija qablet mal-ġustifikazzjoni mogħtija mir-Renju Unit dwar il-ħtieġa għal din id-deroga.

2.2. **Ekwivalenza tal-livell ta' protezzjoni**

Barra minn hekk, ir-Renju Unit identifika inkonsistenza fil-Parti-FCL peress li Eżaminatur tat-Titjir Sintetiku (SFE), li għandu jkollu ċertifikat ta' SFI, ser ikollu l-privileġġ li jwettaq valutazzjonijiet tal-kompetenza għall-ħruġ, il-validazzjoni mill-ġdid jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-SFI iżda, fl-istess ħin, mhux se jkollu l-permess li jħarreġ lil dawn l-SFIs. Il-fatt li l-SFEs, li huma wkoll SFIs, ma jistgħux iħarrġu bdoti biex isiru SFIs iżda jistgħu jeżaminaw l-SFIs, ġie identifikat bħala inkonsistenza fil-Parti-FCL, minħabba li l-eżaminaturi kollha, skont is-sistema tal-Parti-FCL, għandhom il-privileġġ li jħarrġu għaċ-ċertifikati, il-klassifikazzjonijiet u l-liċenzji li għalihom huma awtorizzati li jwettqu eżamijiet.

Il-Parti FCL tirrifletti s-sistema tal-JAR-FCL fejn it-taħriġ tal-applikanti għal ċertifikat tal-SFI kellu suppost jittieħed biss minn TRI. Wara li ġew analizzati l-proposti dwar kif ir-Renju Unit għandu l-intenzjoni jikkwalifika aktar lill-SFIs għal dan il-kompitu, l-Aġenzija qablet mal-evalwazzjoni tar-Renju Unit li l-livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak miksub bl-applikazzjoni tal-Parti-FCL jinkiseb permezz tad-deroga intenzjonata, speċifikament permezz tar-rekwiżiti tat-taħriġ addizzjonali u tal-kontroll issuġġeriti mir-Renju Unit.

Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li r-Renju Unit jipprevedi wkoll dan il-kors tat-tuturi għat-TRIs li jixtiequ jipprovdu dan it-taħriġ. Billi l-Parti-FCL diġà tipprovdi dan il-privileġġ lit-TRI li jixtiequ jħarrġu għal ċertifikat tal-SFI jekk hu/hi jissodisfa/tissodisfa r-rekwiżit ta' esperjenza ta' tliet snin tali kors ta' tutur għat-TRI mhux meħtieġ. Għalhekk, dawn il-korsijiet għandhom jingħataw biss lill-SFIs.

3. DESKRIZZJONI TAD-DEROGA

Ir-Renju Unit jista', b'deroga mill-FCL.905.SFI, jagħti l-privileġġ lill-SFIs li ma jissodisfawx ir-rekwiżit ta' esperjenzali ta' mill-inqas tliet snin bħala TRI, biex jipprovdu t-taħriġ lill-applikanti tal-SFI.

4. KONDIZZJONIJIET MARBUTA MAL-APPLIKAZZJONI TAD-DEROGA

Tali SFIs għandhom jkollhom mill-inqas tliet snin ta' esperjenza ta' taħriġ bħala SFI, għandhom ilestu kors speċifiku ta' jumejn gat-tuturi tal-SFI pprovdut minn tutur tal-SFI u għandhom jgħaddu minn valutazzjoni tal-kompetenza.

5. APPLIKABBILTÀ ĠENERALI TAD-DEROGA

L-Istati Membri kollha jistgħu japplikaw din id-deroga sakemm il-kondizzjonijiet marbuta jiġu sodisfatti.

*ANNESS V*

**Deroga tar-Renju Unit mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 fir-rigward tal-validazzjoni mill-ġdid u t-tiġdid tal-Kwalifika ta' Titjir bl-Istrumenti (IR)**

1. DESKRIZZJONI TAT-TALBA

Id-dispożizzjoni FCL.625(c) u (d) tal-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 tgħid:

"(c) Tiġdid. Jekk l-IR tkun skadiet, sabiex iġeddu l-privileġġi tagħhom, l-applikanti għandhom:

(1) iwettqu taħriġ ta' aġġornament f'ATO sabiex jilħqu l-livell ta' profiċjenza meħtieġ biex jgħaddu mill-element tat-tijir bl-istrumenti tat-test tal-ħiliet skont l-Appendiċi 9 ta' din il-Parti; kif ukoll

(2) iwettqu kontroll tal-profiċjenza skont l-Appendiċi 9 ta' din il-Parti, fil-kategorija rilevanti tal-inġenju tal-ajru.

(d) Jekk l-IR ma tkunx ġiet ivvalidata mill-ġdid jew imġedda fis-seba' snin preċedenti, id-detentur se jkun meħtieġ li jerġa' jgħaddi mill-eżami tal-għarfien teoriku u mit-test tal-ħiliet tal-IR."

Permezz tal-ittra tat-18 ta' Marzu 2013, il-Gvern tar-Renju Unit avża lill-Kummissjoni u lill-EASA bl-intenzjoni tiegħu li jidderoga minn din id-dispożizzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011, abbażi tal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

2. VALUTAZZJONI TAT-TALBA

2.1. **Il-bżonn**

Hemm bżonn li jingħata permess lid-detenturi tal-liċenzji maħruġa skont il-Parti FCL b'liċenzja tal-IR miżmuma f'pajjiż terz konformi mal-ICAO li jżommu l-privileġġi tagħhom mingħajr il-ħtieġa li jerġgħu jagħmlu l-eżamijiet tal-għarfien teoriku. Ir-Regolament dwar l-Ekwipaġġ tal-Ajru ma jindirizzax din is-sitwazzjoni, li toħloq piż bla bżonn fuq id-detenturi tal-liċenzja.

2.2. **Ekwivalenza tal-livell ta' protezzjoni**

Ir-Renju Unit jemmen li r-rekwiżiti tal-FCL.625(d) inħolqu fil-każ li detentur ta' liċenzja jieqaf milli jtir skont ir-Regoli tat-Titjir bl-Istrumenti (IFR) għal seba' snin. Ir-regola ma tqiesx il-possibbiltà li d-detentur tal-liċenzja jista' jkun qed itir skont l-IFR bl-użu ta' IR miżmum skont liċenzja ta' pajjiż terz matul il-perjodu ta' seba' snin li ġġeddet matul dak il-perjodu u li għalhekk hija valida.

L-Aġenzija, wara li analizzat it-talba għal deroga, qablet mar-Renju Unit li huwa sproporzjonat li bdot li għandu IR, kurrenti jew li skadiet reċentement, konformi mal-Anness I tal-ICAO maħruġa minn pajjiż terz, ikun rikjest li jerġa' jagħmel l-eżamijiet tal-għarfien teoriku meħtieġa għat-tiġdid tal-IR Ewropea li tkun skadiet b'aktar minn seba' snin; jiġifieri, mhuwiex xieraq li jiġu applikati l-istess rekwiżiti għal bdot b'esperjenza riċenti ta' IFR bħal dawk applikati għal bdot li ma jkunx tar skont l-IFR għal aktar minn seba' snin.

L-Aġenzija taqbel mar-raġunament mogħti mir-Renju Unit. Ir-regola ma tqiesx il-possibbiltà li d-detentur tal-liċenzja jista' jkun qed itir skont l-IFR bl-użu ta' IR miżmuma skont liċenzja ta' pajjiż terz matul il-perjodu ta' seba' snin li ġiet mġedda matul dak il-perjodu u li għalhekk hi valida. Id-deroga intenzjonata tkun tikkonċerna lid-detenturi tal-liċenzji skont il-Parti-FCL li tinkludi l-IR konformi mal-ICAO. Jekk dawn il-bdoti wara ċertu żmien jieqfu jtiru b'dik il-liċenzja iżda jibqgħu jtiru b'liċenzja tal-ICAO bbażata f'pajjiż terz li tinkludi IR u mbagħad jitolbu li jġeddu l-IR tal-liċenzja Ewropea, dawn ikollhom jissodisfaw biss il-kriterji dwar il-validazzjoni mill-ġdid li hemm fil-FCL.625(b) ibbażati fuq l-IR attwali u valida ta' pajjiż terz. Dan ifisser li d-detentur tal-klassifikazzjoni għandu jgħaddi minn kontroll tal-profiċjenza, iżda ma jkunx meħtieġ li jgħaddi minn taħriġ jew li jerġa' jpoġġi għall-eżamijiet tal-għarfien teoriku. Fil-każ ta' bdot li kellu IR ta' pajjiż terz li ma għadhiex valida iżda li ġiet ivvalidata mill-ġdid jew imġedda fis-seba' snin preċedenti, id-detentur tal-klassifikazzjoni għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tat-tiġdid fil-FCL.625(c), iżda mhux se jkun meħtieġ ukoll li jerġa' jagħmel l-eżamijiet tal-għarfien teoriku. L-Aġenzija tikkunsidra li dan jipprovdi livell ta' sikurezza ekwivalenti għal dak previst mill-Parti-FCL.

3. DESKRIZZJONI TAD-DEROGA

Ir-Renju Unit jista', b'deroga mid-dispożizzjoni FCL.625(c) u (d) tal-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011, jippermetti lid-detenturi tal-liċenzji maħruġa skont il-Parti FCL li jżommu l-privileġġi tagħhom marbuta mal-IR miżmuma f'liċenzja ta' pajjiż terz mingħajr il-ħtieġa li jerġgħu jagħmlu l-eżamijiet tal-għarfien teoriku.

4. KONDIZZJONIJIET MARBUTA MAL-APPLIKAZZJONI TAD-DEROGA

Din id-deroga tapplika għad-detenturi tal-liċenzji maħruġa skont il-Parti-FCL sakemm l-IR miżmuma f'liċenzja ta' pajjiż terz tkun konformi mal-ICAO.

5. APPLIKABBILTÀ ĠENERALI TAD-DEROGA

L-Istati Membri kollha jistgħu japplikaw din id-deroga sakemm il-kondizzjonijiet deskritti fil-punt 4 jiġu sodisfatti.

*ANNESS VI*

**Deroga tal-Isvezja mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 ([1]) fir-rigward tad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-ħruġ ta' ċertifikati ta' ajrunavigabbiltà għall-inġenji tal-ajru importati**

1. DESKRIZZJONI TAT-TALBA

Skont il-punt 21 A.174(b)3(ii) tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, kull applikazzjoni għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà, għal inġenju tal-ajru importat minn pajjiż terz, għandha tinkludi dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat fejn l-ajruplan huwa jew kien reġistrat, li tirrefletti l-istat tal-ajrunavigabbiltà tal-ingenju tal-ajru fuq ir-reġistru tiegħu fiż-żmien tat-trasferiment.

Permezz ta' ittra tal-24 ta' Jannar 2011, l-Aġenzija tat-Trasport tal-Isvezja avżat lill-Kummissjoni u l-EASA bl-intenzjoni tagħha li tidderoga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 ([2]) (imħassar bir-Regolament (UE) Nru 748/2012) u li tneħħi r-rekwiżit li tkun inkluża tali dikjarazzjoni.

2. VALUTAZZJONI TAT-TALBA

2.1. **Il-bżonn**

L-Isvezja identifikat bżonn li tidderoga minn din ir-regola, minħabba li f'xi każijiet tali dikjarazzjoni ma tkunx disponibbli u ma tistax tinkiseb.

2.2. **Ekwivalenza tal-livell ta' protezzjoni**

L-intenzjoni tal-ħtieġa ta' dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat fejn l-ingenju tal-ajru huwa, jew kien, reġistrat, li tirrefletti l-istat tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru fuq ir-reġistru tiegħu fiż-żmien tat-trasferiment meta inġenju tal-ajru jiġi importat fi stat tal-EASA, hija biex tippermetti lill-Istat importatur li jivverifika li l-inġenju tal-ajru jikkonforma ma' disinn tat-tip approvat skont ċertifikat tat-tip tal-EASA, li kwalunkwe ċertifikat tat-tip supplementari, tibdila jew tiswija kienet ġiet approvata f'konformità mal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, u li d-direttivi applikabbli dwar l-ajrunavigabbiltà kienu ġew implimentati.

Il-miżura proposta mill-Gvern Svediż li jneħħi r-rekwiżit tal-inklużjoni tad-dikjarazzjoni tista' tipprevedi livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak stipulat mir-regoli applikabbli ta' implimentazzjoni tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 marbuta mad-dokumenti neċessarji għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà għal inġenju tal-ajru użat importat minn Stati mhux membri tal-UE sakemm ikunu qed jintużaw mezzi oħra sabiex tinkiseb l-assigurazzjoni meħtieġa. Dawk il-mezzi huma deskritti fil-punt 4.

3. DESKRIZZJONI TAD-DEROGA

L-Isvezja tista' taċċetta applikazzjonijiet għal ċertifikat ta' ajrunavigabbiltà għal inġenju tal-ajru importat minn pajjiż terz, mingħajr dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat fejn l-inġenju tal-ajru huwa jew kien reġistrat, li tirrefletti l-istat tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru fuq ir-reġistru tiegħu fiż-żmien tat-trasferiment.

Din id-deroga għandha tapplika sakemm emenda li ssolvi din il-kwistjoni, bħala parti mill-ħidma ta' tfassil tar-regoli RMT.0020, tas-Subparti H (Iċ-Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà u ċ-Ċertifikati ristretti ta' Ajrunavigabbiltà) tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, tiġi adottata u ssir applikabbli.

4. KONDIZZJONIJIET MARBUTA MAL-APPLIKAZZJONI TAD-DEROGA

L-awtorità kompetenti għandha teżamina d-dokumentazzjoni tal-inġenju tal-ajru u tispezzjona l-inġenju tal-ajru biex tivverifika li:

— Ir-reġistri storiċi tal-inġenju tal-ajru jkunu kompluti u suffiċjenti biex jiġi stabbilit l-standard ta' produzzjoni u modifika,

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal- 24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom ( ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6).

— L-inġenju tal-ajru kien manifatturat skont id-disinn tat-tip li kien il-bażi għaċ-ċertifikat tat-tip tal-EASA. Għal dak l-għan, ir-reġistri storiċi għandhom jinkludu kopja tal-ewwel ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew ċertifikat tal-esportazzjoni maħruġ għall-inġenju tal-ajru ġdid. Alternattivament, l-applikant għaċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jista' jikseb dikjarazzjoni mingħand id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip approvat mill-Istat tad-Disinn fir-rigward l-istat tal-produzzjoni,

— L-inġenju tal-ajru jikkonforma ma' disinn tat-tip approvat skont ċertifikat tat-tip,

— Kwalunkwe ċertifikat tat-tip supplementari, tibdil jew tiswijiet jiġu approvati f'konformità mal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012,

— Id-direttivi applikabbli dwar l-ajrunavigabbiltà kienu implimentati.

Fl-aħħar nett, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi li r-riżultati tal-investigazzjoni tagħha huma konsistenti mar-riżultati tal-investigazzjoni tal-organizzazzjoni li twettaq l-analiżi tan-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-Anness I (il-Parti M) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ([1]).

5. APPLIKABBILTÀ ĠENERALI TAD-DEROGA

L-Istati Membri kollha jistgħu japplikaw din id-deroga sakemm il-kondizzjonijiet deskritti fil-punt 4 jiġu sodisfatti.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ta l-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1).

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-22 ta' Jannar 2014**

**dwar prinċipji minimi għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi (bħall-gass tax-shale) bl-użu ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli**

(2014/70/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) L-Istati Membri għandhom id-dritt li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi ta' enerġija tagħhom, sakemm jirrispettaw il-ħtieġa li jippreservaw, jipproteġu u jtejbu l-kwalità tal-ambjent.

(2) Fl-istat attwali ta' żvilupp teknoloġiku, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi, bħall-gass tax-shale, jeħtieġu l-użu kkombinat ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli u ta' tħaffir direzzjonali (speċjalment orizzontali) fuq skala u intensità li fl-Unjoni hemm esperjenza limitata ħafna dwarhom. Din it-teknika tal-fratturazzjoni idrawlika toħloq sfidi speċifiċi, b'mod partikolari għas-saħħa u l-ambjent.

(3) Fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-21 ta' Novembru 2012 il-Parlament Ewropew innota l-benefiċċji potenzjali sinifikanti tal-produzzjoni tal-gass u taż-żejt tax-shale, u talab lill-Kummissjoni biex tintroduċi qafas tal-ġestjoni tar-riskju applikabbli għall-Unjoni kollha għall-esplorazzjoni u l-estrazzjoni tal-fjuwils fossili mhux konvenzjonali, bil-ħsieb li jiġi żgurat li dispożizzjonijiet armonizzati għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent ikunu applikabbli fl-Istati Membri kollha.

(4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Mejju 2013 il-Kunsill Ewropew enfasizza l-ħtieġa ta' diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Ewropa u tal-iżvilupp ta' riżorsi indiġeni tal-enerġija biex tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista, titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-enerġija esterna u jiġi stimolat it-tkabbir ekonomiku. Il-Kunsill irrikonoxxa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel valutazzjoni ta' approċċ aktar sistematiku għall-użu ta' sorsi indiġeni tal-enerġija b'mod aktar sistematiku, bil-għan li l-użu tagħhom isir aktar sikur, sostenibbli u ekonomiku filwaqt li tiġi rispettata l-għażla tal-Istati Membri għat-taħlita enerġetika tagħhom.

(5) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi (bħall-gass tax-shale) fl-UE bl-użu tal-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli ([1]), il-Kummissjoni ddeskriviet l-opportunitajiet u l-isfidi potenzjali ġodda relatati mal-estrazzjoni tal-idrokarburi mhux konvenzjonali fl-Unjoni kif ukoll l-elementi ewlenin meqjusa meħtieġa sabiex tiġi żgurata s-sigurtà ta' din it-teknika. Il-Komunikazzjoni kkonkludiet li hemm bżonn ta' rakkomandazzjoni li tistabbilixxi prinċipji minimi li jappoġġaw lill-Istati Membri fl-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' gass naturali mill-formazzjonijiet tax-shale u li jiżguraw li l-klima u l-ambjent jiġu mħarsa, ir-riżorsi jintużaw b'mod effiċjenti u l-pubbliku jinżamm infurmat.

(6) Fil-livell internazzjonali, l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija żviluppat rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp sikur tal-gass mhux konvenzjonali. Dawn ir-"Regoli tad-Deheb" jesiġu t-twaqqif ta' oqfsa regolatorji robusti u xierqa, l-għażla tas-sit b'attenzjoni xierqa, l-ippjanar adegwat tal-proġetti, il-karatterizzazzjoni tar-riskji sotterranji, regoli robusti għad-disinn tal-bjar, trasparenza dwar l-operazzjonijiet u l-monitoraġġ tal-impatti assoċjati, ġestjoni prudenti tal-ilma u tal-iskart, u mitigazzjoni tal-emissjonijiet atmosferiċi u ta' gassijiet serra.

(7) Kemm il-leġiżlazzjoni ġenerali kif ukoll dik ambjentali tal-Unjoni huma applikabbli għall-operazzjonijiet ta' esplorazzjoni u produzzjoni tal-idrokarburi li jinvolvu l-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli. B'mod partikolari, id-Direttiva Qafas Nru 89/391/KEE tal-Kunsill Ewropew ([2]) li tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tintroduċi miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol; Id-Direttiva Nru 92/91/KEE tal-Kunsill ([3]) li tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir, tistabbilixxi rekwiżiti minimi

([1]) COM(2014) 23.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.)

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 92/91/KEE tat-3 ta' Novembru 1992 li tikkonċerna l-ħtiġijiet minimi għat-titjib tal-ħarsien tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir (il-ħdax-il Direttiva individwali fil-qofol tat-tifsir tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva Nru 89/391/KEE) (ĠU L 348, 28.11.1992, p. 9).

għas-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir; Id-Direttiva Nru 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għal prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi tesiġi l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet b'mod mhux diskriminatorju; Id-Direttiva Nru 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) li tistabbilixxi l-qafas għall-politika dwar l-ilma tesiġi li l-operatur jikseb awtorizzazzjoni għall-astrazzjoni tal-ilma u tipprojbixxi r-rimi dirett ta' sustanzi li jniġġsu fl-ilma ta' taħt l-art; Id-Direttiva Nru 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar valutazzjoni ambjentali strateġika teħtieġ valutazzjoni ta' pjanijiet u programmi fl-oqsma tal-enerġija, l-industrija, l-immaniġġjar tal-iskart, l-amministrazzjoni tal-ilma, it-trasport jew l-użu tal-art; Id-Direttiva Nru 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) li tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà ambjentali hija applikabbli għall-attivitajiet tax-xogħol li jinkludu attivitajiet bħall-immaniġġjar tal-iskart u l-astrazzjoni tal-ilma; Id-Direttiva Nru 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) li tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-iskart mit-tħaffir fil-minjieri tirregola l-immaniġġjar tal-iskart tal-estrazzjoni mill-wiċċ jew minn taħt l-art li jirriżulta mill-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi bl-użu ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli. Id-Direttiva Nru 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) li tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-ilma ta' taħt l-art tobbliga lill-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ miżuri li jipprevenu jew jillimitaw l-introduzzjoni ta' sustanzi li jniġġsu fl-ilma ta' taħt l-art Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali huma applikabbli għall-użu ta' kimiċi u prodotti bijoċidali li jistgħu jintużaw għall-fratturazzjoni; Id-Direttiva Nru 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) li tistabbilixxi l-qafas għall-politika dwar l-iskart tistipula l-kundizzjonijiet applikabbli għall-użu mill-ġdid ta' fluwidi li jfeġġu fil-wiċċ wara l-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli u waqt il-produzzjoni; Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u d-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra sal-2020 huma applikabbli għall-emissjonijiet tal-metan li jaħarbu; Id-Direttiva Nru 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]) li tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-emissjonijiet industrijali hija applikabbli għal installazzjonijiet li fihom isiru attivitajiet elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva; Id-Direttiva Nru 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) li tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali tesiġi li titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali għall-proġetti li jinvolvu l-estrazzjoni ta' żejt mhux maħdum u gass naturali għal skopijiet kummerċjali jekk l-ammont estratt ikun ta' aktar minn 500 tunnellata kuljum fil-każ taż-żejt mhux maħdum u ta' aktar minn 500 000 $m^3$ kuljum fil-każ tal-gass naturali u li jsir skrinjar tal-proġetti ta' tħaffir fil-fond u tal-installazzjonijiet fuq wiċċ l-art/il-baħar għall-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass; Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 96/82/KE ([14]) dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi u, mill-1 ta' Ġunju 2015, id-Direttiva Nru 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) li tobbliga lill-operaturi tal-istabbilimenti li fihom ikun hemm sustanzi perikolużi f'ammonti ogħla minn ċerti limiti stipulati fl-Anness I ta' dawk id-Direttivi jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa

([1]) Id-Direttiva Nru 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, tad-30.6.1994, p. 3).

([2]) Id-Direttiva Nru 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

([3]) Id-Direttiva Nru 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, tal-21.7.2001, p. 30).

([4]) Id-Direttiva Nru 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56).

([5]) Id-Direttiva Nru 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE, (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15).

([6]) Id-Direttiva Nru 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19)

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva Nru 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill Nru 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni Nru 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

([9]) Id-Direttiva Nru 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

([10]) Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

([11]) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

([12]) Id-Direttiva Nru 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

([13]) Id-Direttiva Nru 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

([14]) Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi (ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13)

([15]) Id-Direttiva Nru 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill Nru 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1).

biex jipprevjenu aċċidenti kbar u biex jillimitaw il-konsegwenzi tagħhom għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Dan huwa applikabbli, *inter alia*, għal operazzjonijiet ta' proċessar kimiku u termali u għall-ħżin relatat ma' dawn l-operazzjonijiet fil-qafas tal-esplojtazzjoni ta' minerali fil-minjieri u fil-barrieri kif ukoll għall-ħżin ta' gass f'postijiet sotterrani fuq l-art.

(8) Madankollu, il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni ġiet żviluppata fi żmien meta l-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli ma kinetx tintuża fl-Ewropa. Għalhekk, ċerti aspetti ambjentali assoċjati mal-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi li jinvolvu din il-prattika mhumiex indirizzati b'mod komprensiv fil-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar l-ippjanar strateġiku, il-valutazzjoni tar-riskji sotterranji, l-integrità tal-bir, il-monitoragg ta' referenza u operazzjonali, il-qbid ta' emissjonijiet ta' metan u l-iżvelar ta' informazzjoni dwar il-kimiċi kif użati f'kull bir.

(9) Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji minimi li għandhom jitqiesu mill-Istati Membri meta dawn japplikaw jew jadattaw il-leġiżlazzjoni tagħhom relatata ma' attivitajiet li jinvolvu l-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli. Sett ta' regoli għandu jġib kundizzjonijiet indaqs għall-operaturi, u jsaħħaħ il-fiduċja tal-investituri u l-funzjonament tas-suq uniku tal-enerġija. Regoli ċari u trasparenti għandhom jgħinu wkoll biex jittaffa t-tħassib tal-pubbliku, u possibbilment anke l-oppożizzjoni għall-iżvilupp tal-gass tax-shale. Dan is-sett ta' regoli la jimplika li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jwettqu attivitajiet ta' esplorazzjoni jew esplojtazzjoni bl-użu tal-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli jekk jagħżlu li ma jagħmlux hekk u lanqas li l-Istati Membri huma projbiti milli jżommu fis-seħħ jew idaħħlu miżuri aktar dettaljati li jaqblu mal-kundizzjonijiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali jew lokali.

(10) Ma hemm l-ebda esperjenza fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għall-produzzjoni ta' idrokarburi bl-użu ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli, u esperjenza limitata fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għall-esplorazzjoni fl-Unjoni. Għaldaqstant, huwa meħtieġ il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u ta' din ir-Rakkomandazzjoni fl-Istati Membri. L-aġġornament ta' din ir-Rakkomandazzjoni jew l-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet legalment vinkolanti jistgħu jkunu meħtieġa fid-dawl tal-progress tekniku, tal-ħtieġa li jiġu indirizzati r-riskji u l-impatti tal-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi li jużaw tekniki differenti mill-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli, tal-isfidi mhux mistennija fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew tal-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi bl-użu ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli f'operazzjonijiet lil hinn mill-kosta.

(11) Għalhekk, f'dan il-waqt hija meħtieġa din ir-Rakkomandazzjoni li tistabbilixxi prinċipji minimi li għandhom jiġu applikati bħala bażi komuni għall-esplorazzjoni jew il-produzzjoni ta' idrokarburi bl-użu tal-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli. Din hija komplementari għal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni applikabbli għal proġetti li jinvolvu l-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli u għandha tiġi implimentata mill-Istati Membri fi żmien sitt xhur.

(12) Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta d-drittijiet u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari d-dritt għall-ħajja u d-dritt għall-integrità tal-persuna, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, id-dritt li wieħed ikollu negozju, id-dritt għall-proprjetà, u livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi implimentata f'konformità ma' dawn id-drittijiet u prinċipji,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

## 1. GĦAN U SUĠĠETT

1.1. Din ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi l-prinċipji minimi meħtieġa biex jappoġġjaw lill-Istati Membri li jixtiequ jwettqu esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi bl-użu ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli, filwaqt li jiġi żgurat li s-saħħa pubblika, il-klima u l-ambjent jiġu mħarsa, ir-riżorsi jintużaw b'mod effiċjenti u l-pubbliku jinżamm infurmat.

1.2. Meta japplikaw jew jadattaw id-dispożizzjonijiet eżistenti tagħhom li jimplimentaw il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għall-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet ta' esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi bl-użu ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli, l-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw dawn il-prinċipji, li jikkonċernaw l-ippjanar, il-valutazzjoni tal-installazzjonijiet, il-permessi, il-prestazzjoni operazzjonali u ambjentali u l-għeluq, kif ukoll il-parteċipazzjoni pubblika u t-tixrid tal-informazzjoni.

## 2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-fini ta' din ir-Rakkomandazzjoni:

(a) "fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli" tfisser l-injezzjoni, f'bir, ta' 1 000 $m^3$ jew aktar ta' ilma għal kull stadju ta' fratturazzjoni jew ta' 10 000 $m^3$ jew aktar ta' ilma matul il-proċess kollu ta' fratturazzjoni;

(b) "installazzjoni" tinkludi kwalunkwe strutturi sottoterranji maħsuba għall-esplorazzjoni jew il-produzzjoni ta' idrokarburi bl-użu ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli.

3. **IPPJANAR STRATEĠIKU U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT AMBJENTALI**

3.1. Qabel ma jagħtu liċenzji għall-esplorazzjoni u/jew il-produzzjoni ta' idrokarburi li jistgħu jwasslu għall-użu ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli, l-Istati Membri għandhom jippreparaw valutazzjoni ambjentali strateġika biex jipprevjenu, jamministraw u jnaqqsu l-impatti u r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Din il-valutazzjoni għandha titwettaq abbażi tar-rekwiżiti tad-Direttiva Nru 2001/42/KE.

3.2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu regoli ċari dwar restrizzjonijiet possibbli ta' attivitajiet, pereżempju f'żoni protetti jew f'żoni suxxettibbli għall-għargħar jew għat-terremoti, u fuq id-distanzi minimi bejn l-operazzjonijiet awtorizzati u ż-żoni residenzjali u ta' protezzjoni tal-ilma. Barra minn hekk, għandhom jistabbilixxu limitazzjonijiet fir-rigward tal-fond minimu bejn iż-żona li tkun se tiġi fratturata u l-ilma ta' taħt l-art.

3.3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali abbażi tar-rekwiżiti tad-Direttiva Nru 2011/92/UE.

3.4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-pubbliku kkonċernat b'opportunitajiet bikrija u effettivi biex jieħu sehem fl-iżvilupp tal-istrateġija msemmija fil-punt 3.1 u fil-valutazzjoni tal-impatt imsemmija fil-punt 3.3.

4. **PERMESSI GĦALL-ESPLORAZZJONI U L-PRODUZZJONI**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-ksib ta' permessi skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni jiġu koordinati bis-sħiħ jekk:

(a) ikun hemm iktar minn awtorità kompetenti waħda responsabbli mill-permess(i) meħtieġ(a);

(b) ikun hemm aktar minn operatur wieħed involut;

(c) ikun meħtieġ aktar minn permess wieħed għal fażi speċifika tal-proġett;

(d) ikun meħtieġ aktar minn permess wieħed skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew dik tal-Unjoni.

5. **L-GĦAŻLA TAS-SIT TAL-ESPLORAZZJONI U L-PRODUZZJONI**

5.1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-formazzjoni ġeoloġika tas-sit hija adattata għall-esplorazzjoni jew il-produzzjoni ta' idrokarburi bl-użu ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli. Għandhom ukoll jiżguraw li l-operaturi jwettqu karatterizzazzjoni u valutazzjoni tar-riskji tas-sit potenzjali, taż-żona ta' fuq l-art tal-madwar u taż-żona ta' taħt l-art.

5.2. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tkun ibbażata fuq dejta suffiċjenti biex ikun possibbli li tiġi karatterizzata ż-żona potenzjali tal-esplorazzjoni u l-produzzjoni u li jiġu indentifikati l-possibbiltajiet kollha ta' esponiment. B'dan il-mod ikun possibbli li jiġi evalwat ir-riskju ta' tnixxija jew migrazzjoni ta' fluwidi tat-tħaffir, fluwidi ta' fratturazzjoni idrawlika, materjal fi stat naturali, idrokarburi u gassijiet mill-bir jew mill-formazzjoni tal-blata bersall, kif ukoll ta' sismiċità indotta.

5.3. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha:

(a) tkun ibbażata fuq l-aqwa tekniki disponibbli u tqis ir-riżultati rilevanti tal-iskambju ta' informazzjoni, organizzat mill-Kummissjoni, bejn l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent;

(b) tantiċipa l-imġiba varjabbli tal-formazzjoni tal-blata bersall, is-saffi ġeoloġiċi li jisseparaw il-blata ġibjun mill-ilma ta' taħt l-art u mill-bjar eżistenti jew strutturi artifiċjali oħra esposti għal pressjonijiet għolja ta' injezzjoni li jintużaw fil-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli u għall-volumi ta' fluwidi injettati;

(c) tirrispetta distanza minima ta' separazzjoni vertikali bejn iż-żona li tkun se tiġi fratturata u l-ilma ta' taħt l-art.;

(d) tiġi aġġornata waqt l-operazzjonijiet, kull meta tinġabar dejta ġdida.

5.4. Sit għandu jintgħażel biss jekk valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont il-punti 5.1, 5.2 u 5.3 turi li l-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli ma tirriżultax fir-rimi dirett ta' sustanzi li jniġġsu fl-ilma ta' taħt l-art u li ma tiġi kkawżata ebda ħsara għal attivitajiet oħra qrib l-installazzjoni.

6. **STUDJU TA' REFERENZA**

6.1. Qabel jinbdew l-operazzjonijiet ta' fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-operatur jiddetermina l-istatus ambjentali (ix-xenarju ta' referenza) tas-sit tal-installazzjoni u taż-żona ta' fuq l-art tal-madwar u taż-żona ta' taħt l-art tiegħu, li potenzjalment jistgħu jintlaqtu mill-attivitajiet;

(b) ix-xenarju ta' referenza jiġi deskritt u rrappurtat lill-awtorità kompetenti qabel jinbdew l-operazzjonijiet.

6.2. Ix-xenarju ta' referenza għandu jiġi ddeterminat għal:

(a) il-kwalità u l-karatteristiċi tal-fluss tal-ilma tas-superfiċje u tal-ilma ta' taħt l-art;

(b) il-kwalità tal-ilma fil-punti ta' astrazzjoni ta' ilma tajjeb għax-xorb;

(c) il-kwalità tal-arja;

(d) il-kundizzjoni tal-ħamrija;

(e) il-preżenza ta' metan u ta' komposti organiċi volatili oħra fl-ilma;

(f) is-siżmiċità;

(g) l-użu tal-art;

(h) il-bijodiversità,

(i) l-istatus tal-infrastruttura u tal-bini;

(j) il-bjar eżistenti u l-istrutturi abbandunati.

7. **DISINN U KOSTRUZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-installazzjoni tkun mibnija b'tali mod li tipprevjeni t-tnixxija għall-wiċċ l-art u t-tixrid possibbli fil-ħamrija, fl-ilma u fl-arja.

8. **INFRASTRUTTURA TAŻ-ŻONA TA' PRODUZZJONI**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-operaturi jew gruppi ta' operaturi japplikaw approċċ integrat għall-iżvilupp taż-żona ta' produzzjoni bil-għan li jipprevjenu u jnaqqsu l-impatti u r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-pubbliku ġenerali;

(b) rekwiżiti tal-infrastruttura adegwati għall-manutenzjoni tal-installazzjoni jiġu installati qabel ma tinbeda l-produzzjoni; Jekk l-għan ewlieni tal-installazzjoni jkun il-produzzjoni taż-żejt bl-użu tal-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli, għandha tiġi installata infrastruttura speċifika li taqbad u tittrasporta l-gass naturali assoċjat.

9. **REKWIŻITI OPERATTIVI**

9.1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi jużaw l-aqwa tekniki disponibbli filwaqt li jqisu r-riżultati rilevanti tal-iskambju ta' informazzjoni, organizzat mill-Kummissjoni, bejn l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent, u jqisu wkoll il-prattika tajba tal-industrija biex jipprevjenu, jamministraw u jnaqqsu l-impatti u r-riskji assoċjati ma' proġetti ta' esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi.

9.2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi:

(a) jiżviluppaw pjanijiet speċifiċi għall-immaniġġjar tal-ilma biex jiġi żgurat li l-ilma jintuża b'mod effiċjenti waqt il-proġett kollu. L-operaturi għandhom jiżguraw it-traċċabilità tal-flussi tal-ilma. Il-pjan tal-immaniġġjar tal-ilma għandu jqis il-varjazzjonijiet staġjonali fid-disponibbiltà tal-ilma u jevita l-użu ta' sorsi tal-ilma f'kundizzjoni kritika;

(b) jiżviluppaw pjanijiet ta' mmaniġġjar tat-trasport biex jiġu minimizzati l-emissjonijiet fl-arja b'mod ġenerali u l-impatti fuq il-komunitajiet lokali u l-bijodiversità b'mod partikolari;

(c) jaqbdu gassijiet għall-użu sussegwenti, jimminimizzaw l-ivvampjar u jevitaw l-ivventjar tal-gassijiet. B'mod partikolari, l-operaturi għandhom idaħħlu fis-seħħ miżuri li jiżguraw li l-emissjonijiet fl-arja fl-istadju tal-esplorazzjoni u l-produzzjoni jiġu mtaffija permezz tal-qbid tal-gass u l-użu sussegwenti tiegħu. Għal raġunijiet ta' sikurezza, l-ivventjar tal-metanu u sustanzi oħra li jniġġsu l-arja għandhom jiġu limitati għall-aktar ċirkostanzi operattivi eċċezzjonali;

(d) iwettqu l-proċess tal-fratturazzjoni b'volum għoli b'mod ikkontrollat u b'ġestjoni adegwata tal-pressjoni bl-għan li l-fratturazzjoni sseħħ biss fil-blata ġibjun u biex tiġi evitata s-siżmiċità indotta;

(e) jiżguraw l-integrità tal-bir permezz ta' disinn u kostruzzjoni korretti tal-bir, u testijiet tal-integrità tiegħu. Ir-riżultati tat-testijiet tal-integrità għandhom jiġu riveduti minn parti terza indipendenti u kwalifikata biex jiġu żgurati l-prestazzjoni operazzjonali tal-bir, is-sigurtà ambjentali u tas-saħħa tiegħu fl-istadji kollha ta' żvilupp tal-proġett u wara l-għeluq tal-bir;

(f) jiżviluppaw pjan ta' ġestjoni tar-riskji u l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu u/jew jimmitigaw l-impatti, u l-miżuri meħtieġa għar-rispons;

(g) iwaqqfu l-operazzjonijiet u b'mod urġenti jieħdu kwalunkwe azzjoni ta' rimedju meħtieġa f'każ li jkun hemm xi telf ta' integrità tal-bir jew jekk aċċidentalment jiġu skarikati sustanzi li jniġġsu fl-ilma ta' taħt l-art;

(h) jirrapportaw minnufih lill-awtorità kompetenti fil-każ ta' kwalunkwe inċident jew aċċident li jaffettwa s-saħħa pubblika jew l-ambjent. Ir-rapport għandu jinkludi l-kawżi tal-inċident jew aċċident, il-konsegwenzi tiegħu u l-passi ta' rimedju meħuda. L-istudju ta' referenza meħtieġ skont il-punti 6.1 u 6.2 għandu jintuża bħala referenza.

9.3. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-użu responsabbli tar-riżorsi tal-ilma fil-proċess tal-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli.

## 10. L-UŻU TA' SUSTANZI KIMIĊI U TAL-ILMA FIL-FRATTURAZZJONI IDRAWLIKA B'VOLUM GĦOLI

10.1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) il-manifatturi, l-importaturi u l-utenti eventwali ta' sustanzi kimiċi li jintużaw fil-fratturazzjoni idrawlika jirreferu għall-"fratturazzjoni idrawlika" fit-twettiq tal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

(b) l-użu ta' sustanzi kimiċi fil-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli jiġi minimizzat;

(c) il-kapaċità tat-trattament tal-fluwidi li jfeġġu fil-wiċċ wara l-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli titqies waqt l-għażla tas-sustanzi kimiċi li jintużaw.

10.2. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-operaturi jużaw tekniki tal-fratturazzjoni li jimminimizzaw il-konsum tal-ilma u l-flussi tal-iskart u ma jużawx sustanzi kimiċi perikolużi, sakemm ikun teknikament fattibbli u raġonevoli mil-lat tas-saħħa tal-bniedem, ambjentali u klimatiku.

## 11. REKWIŻITI TAL-MONITORAĠĠ

11.1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur jimmonitorja, b'mod regolari, l-installazzjoni, iż-żona tal-madwar u ż-żona ta' taħt l-art, li jistgħu jiġu affettwati minn dawn l-operazzjonijiet waqt il-fażi tal-esplorazzjoni u l-produzzjoni u b'mod partikolari qabel, matul u wara l-proċess tal-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli.

11.2. L-istudju ta' referenza meħtieġ skont il-punti 6.1 u 6.2 għandu jintuża bħala referenza għall-monitoraġġ sussegwenti.

11.3. Minbarra l-parametri ambjentali stabbiliti fl-istudju ta' referenza, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur jimmonitorja l-parametri operattivi li ġejjin:

(a) il-kompożizzjoni preċiża tal-fluwidu tal-fratturazzjoni użat għal kull bir;

(b) il-volum ta' ilma użat għall-fratturazzjoni ta' kull bir;

(c) il-pressjoni applikata waqt il-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli;

(d) il-fluwidi li jfeġġu fil-wiċċ wara l-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli: ir-rata ta' ritorn, il-volumi, il-karatteristiċi, il-kwantitajiet li jerġgħu jiġu użati u/jew ittrattati, għal kull bir;

(e) l-emissjonijiet fl-arja ta' metan, komposti organiċi volatili oħra u gassijiet oħra li x'aktarx ikollhom effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew l-ambjent.

11.4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi jimmonitorjaw l-impatti tal-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli fuq l-integrità tal-bjar u strutturi artifiċjali oħra fiż-żona tal-madwar u fiż-żona ta' taħt l-art, li potenzjalment jistgħu jintlaqtu mill-operazzjonijiet.

11.5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati tal-monitoraġġ jiġu rrapportati lill-awtoritajiet kompetenti.

## 12. RESPONSABBILTÀ AMBJENTALI U GARANZIJA FINANZJARJA

12.1. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà ambjentali għall-attivitajiet kollha li jsiru f'sit ta' installazzjoni, inklużi dawk li attwalment ma jaqgħux fl-ambitu tad-Direttiva Nru 2004/35/KE.

12.2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur jipprovdi garanzija finanzjarja jew ekwivalenti li tkopri d-dispożizzjonijiet tal-permess u r-responsabbiltajiet potenzjali għall-ħsara ambjentali, qabel jinbdew l-operazzjonijiet li jinvolvu l-fratturazzjoni idrawliku b'volum għoli.

## 13. KAPAĊITÀ AMMINISTRATTIVA

13.1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom ir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji adegwati biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom.

13.2. L-Istati Membri għandhom jipprevjenu l-kunflitti ta' interess bejn il-funzjoni regolatorja tal-awtoritajiet kompetenti u l-funzjoni tagħhom fir-rigward tal-iżvilupp ekonomiku tar-riżorsi.

## 14. OBBLIGI TAL-GĦELUQ

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir stħarriġ wara kull għeluq ta' installazzjoni biex l-istatus ambjentali tas-sit tal-installazzjoni, taż-żona tal-madwar u taż-żona ta' taħt l-art li potenzjalment jistgħu jintlaqtu mill-attivitajiet jiġi mqabbel mal-istatus tagħhom qabel inbdew l-operazzjonijiet kif stabbilit mill-istudju ta' referenza.

15. **TIXRID TAL-INFORMAZZJONI**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-operatur jippubblika informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u l-volumi ta' ilma li huma maħsuba li jintużaw u li eventwalment jintużaw għall-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli, għal kull bir. Din l-informazzjoni għandha telenka l-ismijiet u n-numri tal-indiċi tal-Chemical Abstracts Service (CAS) tas-sustanzi kollha u tinkludi skeda ta' dejta ta' sigurtà, jekk disponibbli, u l-konċentrazzjoni massima tas-sustanza fil-fluwidu tal-fratturazzjoni;

(b) l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw l-informazzjoni li ġejja fuq sit tal-Internet li jista' jiġi aċċessat mill-pubbliku fi żmien 6 xhur mill-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, u f'intervalli ta' mhux aktar minn 12-il xahar:

(i) l-għadd ta' bjar lesti u ta' proġetti ppjanati li jinvolvu l-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli;

(ii) (ii) l-għadd ta' permessi mogħtija, l-ismijiet tal-operaturi involuti u l-kundizzjonijiet tal-permess;

(iii) (iii) l-istudju ta' referenza elaborat skont il-punti 6.1 u 6.2 u r-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq skont il-punti 11.1, 11.2 u 11.3(b) sa (e);

(c) l-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jinfurmaw lill-pubbliku dwar dan li ġej, mingħajr dewmien żejjed.

(i) inċidenti u aċċidenti skont il-punt 9.2(f);

(ii) ir-riżultati tal-ispezzjonijiet, każijiet ta' nuqqas ta' konformità u sanzjonijiet.

16. **REVIŻJONI**

16.1. L-Istati Membri li jkunu ddeċidew jesploraw jew jesplojtjaw l-idrokarburi bl-użu tal-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli huma mistiedna japplikaw il-prinċipji minimi stipulati f'din ir-Rakkomandazzjoni sat-28 ta' Lulju 2014 u huma mistiedna jinformaw lill-Kummissjoni kull sena dwar il-miżuri li jdaħħlu fis-seħħ b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni, u għall-ewwel darba, sa Diċembru 2014.

16.2. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib l-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni billi tippubblika tabella ta' valutazzjoni li fuqha tqabbel is-sitwazzjoni fl-Istati Membri.

16.3. Il-Kummissjoni se tirrevedi l-effettività tar-Rakkomandazzjoni 18-il xahar wara l-pubblikazzjoni tagħha.

16.4. Ir-reviżjoni se tinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, tqis il-progress li jsir fl-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aqwa mezzi tekniċi disponibbli u l-applikazzjoni ta' dokumenti ta' referenza dwar l-aqwa mezzi tekniċi disponibbli rilevanti, u kwalunkwe ħtieġa ta' aġġornament tad-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni se tiddeċiedi jekk hux meħtieġ li tippreżenta proposti leġiżlattivi b'dispożizzjonijiet legalment vinkolanti dwar l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi bl-użu tal-fratturazzjoni idrawlika b'volum għoli.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kummissjoni*
Janez POTOČNIK
*Membru tal-Kummissjoni*

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT